

Brussell, 26 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10935/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0335 (COD)

ESPACE 51
MI 485
ENV 603
CODEC 915
EU-GNSS 12
CSCGNSS 3
CSCGMES 2
IND 234
CYBER 193
COMPET 634
HYBRID 83
PROCIV 81
IA 76

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 335 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 335 final.

Mehmuż: COM(2025) 335 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.6.2025
COM(2025) 335 final

2025/0335 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

{SEC(2025) 335 final} - {SWD(2025) 335 final} - {SWD(2025) 336 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-attivitajiet fl-ispazju qed jespandu malajr madwar id-dinja, xprunati minn domanda dejjem akbar għal data bbażata fuq l-ispazju u għal servizzi spazjali, u minn tnaqqis fil-kost tal-manifattura u l-illanċjar tas-satelliti. L-ekonomija spazjali attirat ukoll atturi ġodda tas-suq.

Biex jieħdu sehem f'din l-espansjoni tal-attivitajiet fl-ispazju u l-involviment dejjem akbar ta' atturi kummerċjali ġodda f'attivitajiet fl-ispazju transfruntieri, 13-il Stat Membru għaddew leġislazzjonijiet nazzjonali dwar l-ispazju. Dan jirrifletti l-impenji tal-liġi internazzjonali li jeżiġu superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju. It-taħlita ta' approċċi regolatorji li ddaħħlu qed twassal għal suq intern frammentat. U din il-frammentazzjoni aktarx tiżdied hekk kif aktar Stati Membri qed jipplanaw li jistabbilixxu oqfsa legali għall-attivitajiet fl-ispazju.

Id-disparitajiet fl-approċċi nazzjonali għall-protezzjoni tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-infrastruttura spazjali jistgħu jħallu impatt negattiv fuq il-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u ta' servizzi spazjali fl-Unjoni. Fl-aħħar mill-aħħar dan jaffettwa l-kompetittività tal-industrija spazjali fl-Unjoni u l-funzjonament tal-ktajjen tal-valur transfruntieri. L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva hu li tappoġġa l-iżvilupp u l-funzjonament tas-suq intern tas-settur spazjali. B'mod speċifiku, l-inizjattiva għandha l-għan li:

- tistabbilixxi qafas legali tal-Unjoni għall-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u ta' servizzi spazjali minn operatori spazjali tal-Unjoni biex trawwem l-innovazzjoni u jinħoloq ambjent kummerċjali stabbli, prevedibbli u kompetittiv;
- tiżgura t-traċċabbiltà tal-oġġetti spazjali u tnaqqas il-ġenerazzjoni tar-residwi spazjali, u b'hekk ittejjeb is-sikurezza tal-attivitajiet fl-ispazju;
- toħloq qafas ta' valutazzjoni tar-riskju mfassal apposta skont il-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali, u b'hekk issaħħaħ ir-reżiljenza tal-attivitajiet fl-ispazju;
- toħloq metodu komuni għall-kalkolu tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni, u b'hekk ittejjeb is-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju.

L-inizjattiva mistennija tipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa mill-operatori spazjali tal-Unjoni biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju u jrawmu l-kompetittività tal-industrija spazjali, filwaqt li tindirizza r-riskji li jġib miegħu it-tkabbir esponenzjali fl-attivitajiet fl-ispazju u tissalvagwardja l-użu fit-tul tal-ispazju.

Il-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029⁽¹⁾, kif ukoll ir-rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, jidentifikaw l-ispazju bħala settur strateġiku ewleni għall-Unjoni⁽²⁾ u jirrakkomandaw li jinħoloq qafas leġislattiv komuni tal-Unjoni għal suq intern tas-settur spazjali li jiffunzjona, fl-immedjat. Il-Kummissjoni identifikat l-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost bħala prijorità ewlenija f'żewġ Komunikazzjonijiet Konġunti riċenti: l-Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju u l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-

⁽¹⁾ Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029, ippreżentati minn Ursula von der Leyen fit-18 ta' Lulju 2025; https://commission.europa.eu/document/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_en.

⁽²⁾ Il-futur tal-kompetittività Ewropea: Rapport ta' Mario Draghi mid-9 ta' Settembru 2024.

Sigurtà u d-Difiża⁽³⁾. Din l-inizjattiva leġiżlattiva tirrifletti s-sejħiet tal-Istati Membri għal azzjoni li tistabbilixxi suq intern tal-attivitàjiet fl-ispazju b'qafas regolatorju koerenti u stabbli. F'Konklużjonijiet tal-Kunsill riċenti, l-Istati Membri għarfu l-bżonn li tkun evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern tas-servizzi u l-prodotti spazjali u li tissaħħaħ il-kompetittività dinjija tal-industrija spazjali tal-Unjoni⁽⁴⁾. Għarfu r-rilevanza ta' azzjoni tal-Unjoni biex tiżgura trattament ugwali tal-operaturi spazjali u ambjent ekwu għall-industrija spazjali tal-Unjoni⁽⁵⁾. L-importanza li jinholq qafas legali li jissalvagwardja s-sostenibbiltà fit-tul tal-ispazju rrikonoxxewha wkoll bosta parlamenti nazzjonali⁽⁶⁾. L-industrija spazjali, inkluż intrapriżi żgħar u medji (SMEs), esprimiet ukoll l-appoġġ għal qafas legali ċar u prevedibbli⁽⁷⁾.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

It-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u l-Użu tal-Ispazju Ekstratmosferiku (OST) jirregola l-qafas regolatorju dinji għall-ispazju ekstratmosferiku, filwaqt li jenfasizza l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat. Dan jeżiġi li l-Istati jawtorizzaw, jissorveljaw u jkunu responsabbli għall-attivitàjiet fl-ispazju tagħhom. Iżda n-nuqqas ta' regoli tekniċi vinkolanti speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-obbligi ġenerali tal-OST wassal biex l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji differenti u ħolqu rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni varji.

Illum hemm 13-il Stat Membru li daħħlu fis-seħħ liġijiet nazzjonali dwar l-ispazju. Xi Stati Membri oħrajn għaddejjin bil-proċess biex ifasslu leġiżlazzjoni spazjali jew biex jaġġornaw liġijiet eżistenti tagħhom ħalli jlaħħqu mal-parteċipanti kummerċjali emerġenti u l-attivitàjiet dejjem akbar tagħhom. In-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-approċċi regolatorji differenti wassal għal xenarju regolatorju frammentat, u l-ostakli emerġenti jistgħu jxekklu l-funzjonament tas-suq intern tas-servizzi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni.

L-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost jarmonizza l-qafas legali madwar l-Unjoni, filwaqt li jintegra r-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-ispazju ħalli jevita t-trikkib, id-duplikazzjoni u l-kunflitti u jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Qabelxejn, rigward ir-reżiljenza, l-Unjoni ppromulgat leġiżlazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà (id-Direttiva NIS 2) u dwar ir-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi (id-Direttiva CER) li jsaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura terrestri li tappoġġa s-servizzi spazjali.

Filwaqt li n-NIS 2 tindirizza lill-operaturi tas-segment terrestri, minn naħa, u lill-fornituri tal-komunikazzjoni elettronika, min-naħa l-oħra, la n-NIS 2 u lanqas id-Direttiva CER ma jkopru

(3) Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, JOIN(2022) 4 final mill-15 ta' Frar 2022, u l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża JOIN(2023) 9 final mill-10 ta' Marzu 2023.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 14512/23 dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża, adottati fit-13 ta' Novembru 2023; <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14512-2023-INIT/mt/pdf>.

(5) Il-Konklużjonijiet 15231/23 dwar l-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju: is-sitwazzjoni attwali, adottati fit-8 ta' Diċembru 2023; <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2023/12/08/space-traffic-management-council-adopts-conclusions-on-the-current-state-of-play/>

(6) https://www.assemblee-nationale.fr/dyn/16/dossiers/loi_europeenne_espace.

(7) B'mod partikolari d-dokumenti ta' pożizzjoni tal-Eurospace (assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-fehmiet ta' aktar minn 80 kumpanija spazjali, inkluż il-primes); SME4Space (assoċjazzjoni li tiddefendi l-fehmiet ta' aktar minn 800 kumpanija, inkluż 90 kumpanija ġdida); YEESS (assoċjazzjoni maħluqa dan l-aħħar, li tirrappreżenta l-fehmiet ta' 13-il kumpanija ta' Spazju Ġdid).

l-assi tal-Unjoni li joperaw fil-kuntest tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. Għalhekk, dawn ma jipprevedux qafas sħiħ tal-ġestjoni tar-riskji għas-segmenti kollha tal-infrastruttura spazjali jew għall-operaturi spazjali kollha.

L-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost jimla dan il-vojt billi jistabbilixxi regoli speċifiċi u espliċiti dwar iċ-ċibersigurtà li japplikaw għall-operaturi spazjali kollha u għall-assi kollha tal-infrastruttura spazjali u b'hekk joħloq linja bażi ta' reżiljenza mfassla apposta għas-settur spazjali. Il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati tas-settur spazjali se jiksibu ċarezza dwar l-obbligi legali tagħhom, meħtieġa biex tkun żgurata r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali u tal-missjonijiet spazjali. Barra minn hekk, hekk kif l-Istati Membri qed iwettqu t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tan-NIS 2, tfeġġ hteġġa imminenti li dawn ir-regoli ġodda jiġu allinjati mar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur spazjali. Il-proposta tiżgura artikolazzjoni ċara mal-qafas ġenerali taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-Unjoni. Peress li l-Att dwar l-Ispazju tal-UE jsir "*lex specialis*" fir-rigward tal-miżuri taċ-ċibersigurtà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni li fin-NIS 2 jikkwalifikaw bħala entitajiet essenzjali jew importanti, dawn l-operaturi spazjali japplikaw il-kapitolu tar-reżiljenza u b'hekk jevitaw ir-rekwiżiti dduplikati.

It-tieni, fir-rigward tal-materji tas-sikurezza, l-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost jiżgura sinerġija mal-politiki u l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza. Meta l-attivitajiet fl-ispazju jkunu jolqtu lil diversi Stati Membri, il-koordinazzjoni mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tinkiseb bir-Regolament (UE) 2019/123, li jottimizza l-funzjonijiet tan-network Ewropew. L-inċidenti fl-intersezzjoni tal-avjazzjoni u tal-attivitajiet fl-ispazju huma rrappurtati sistematikament permezz tal-iskema tar-rapportar obbligatorja tal-Unjoni stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014. B'vizzjoni lejn il-ġejjieni, kull regola futura għall-operazzjonijiet b'altitudni għolja tista' tinkludi definizzjonijiet għall-vetturi tal-illanċjar, u b'hekk tkun żgurata kopertura regolatorja komprensiva għal dawn l-oqsma emerġenti.

It-tielet, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁽⁸⁾ u mal-oġġettivi tas-sostenibbiltà tal-Unjoni⁽⁹⁾, l-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost jgħin biex titnaqqas l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u jippermetti li fil-futur jiġu indirizzati impenji ġodda potenzjali tal-Unjoni skont konvenzjonijiet internazzjonali konklużi f'dan il-qasam.

Sal-lum, il-metodoloġiji tal-evalwazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet fl-ispazju, pereżempju l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) jew il-politiki u l-għodod tal-Unjoni relatati mal-ambjent, bħall-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEF)⁽¹⁰⁾, għadhom ċarament sottożviluppati⁽¹¹⁾. Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-oqfsa ġenerali tas-sostenibbiltà jew relatati mal-ambjent, bħall-qafas Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (tal-ESG)⁽¹²⁾ ma jqis xi wieħed mill-impatti ambjentali speċifiċi u partikolarment kumplessi tal-attivitajiet fl-ispazju.

Għalhekk, billi jibni fuq l-approċċ tal-PEF, l-Att propost dwar l-Ispazju tal-UE jipproponi l-iżvilupp u l-użu obbligatorju ta' metodoloġija LCA speċifika għall-ispazju.

(8) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

(9) Strateġija fit-tul għall-2050 - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

(10) Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' metodi tal-"impronta ambjentali" - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

(11) Dan hu ovvju għal impatti b'rabta, pereżempju, mal-ħruq tal-propellant, id-disponiment tal-istadji tar-roketti, ir-riskju ambjentali waqt id-dħul mill-ġdid u l-impatti ta' sorsi tal-enerġija nukleari integrati f'missjonijiet spazjali.

(12) Id-Direttiva 2022/2464 dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD) - <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj>.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri li jiżguraw l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Filwaqt li t-Trattat jipprevedi speċifikament bażi legali fir-rigward tal-miżuri relatati mal-politika spazjali (l-Artikolu 189 tat-TFUE), dik il-bażi legali ma tistax tintuża għal din l-inizjattiva. L-Artikolu 189 tat-TFUE jkopri biss il-miżuri li jippromwovu inizjattivi konġunti, jappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, jew jikkoordinaw l-isforzi għall-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-ispazju. Dan jinkludi b'mod espliċitu kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

Iżda f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 114 tat-TFUE jista' jintuża bħala bażi legali għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tas-servizzi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju⁽¹³⁾. F'dan ir-rigward, l-approċċi diverġenti tal-Istati Membri jistgħu jagħmluha aktar diffiċli għall-operaturi spazjali biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju, b'mod partikolari biex iwettqu operazzjonijiet transfruntieri li għalihom jeħtiġilhom jiksbu diversi awtorizzazzjonijiet mingħand diversi Stati Membri (eż. awtorizzazzjoni mingħand l-Istat fejn isiru l-operazzjonijiet u fejn jiġi llanċjat l-inġenju spazjali).

L-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost jipprovdi armonizzazzjoni mmirata fuq aspetti ewlenin tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali indirizzati fl-awtorizzazzjoni għall-attivitajiet fl-ispazju. Dan jiżgura l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tas-servizzi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju ġenerata bl-użu u t-tħaddim tal-infrastruttura spazjali. L-Istati Membri jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet fl-ispazju li joħorġu Stati Membri oħra, fir-rigward ta' materji ewlenin koperti minn dan ir-Regolament. Iżda fl-istess ħin jibqa' jkollhom il-possibbiltà li jimponu rekwiżiti aktar stretti meta dan ikun oġġettivament meħtieġ biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni tal-inġenji spazjali jew tal-illanċjar fit-territorji tagħhom, għal missjonijiet spazjali mwettqa minn operaturi spazjali tal-Unjoni awtorizzati fi Stati Membri oħra.

L-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost iġib miegħu rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni aktar omoġenji u konsistenti madwar is-suq intern kollu, li min-naħa tagħhom jgħinu biex l-industrija spazjali tal-Unjoni tkun aktar kompetittiva. L-Att dwar l-Ispazju tal-UE jippermetti lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jwettqu attivitajiet f'diversi ġurisdizzjonijiet mingħajr xkiel u jġib iċ-ċertezza legali meħtieġa. Jinkoraġġixxi l-investment fis-settur u jagħmilha aktar faċli wkoll għall-kumpaniji ta' "Spazju Ġdid" biex jespandu. Bl-istess mod, it-teknoloġiji l-ġodda mmexxija mir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni (jiġifieri l-ISOS, it-teknoloġija relatata mar-residwi u t-traċċar, kif ukoll tas-smewwiet mudlama u kwiet) jistimulaw l-innovazzjoni industrijali fis-settur u jikkontribwixxu għas-sikurezza, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-Istati Membri ħaddmu approċċi differenti għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni hi essenzjali biex tinkiseb

⁽¹³⁾ Affaire C-376/98, RFA c. Parlement et Conseil [2000] Rec. p. I-8419, Affaire C-380/03, RFA c. Parlement et Conseil, Rec. [2006] I-1157.

armonizzazzjoni mmirata fuq diversi aspetti ewlenin li bħalissa mhumieq koperti l-istess mir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni nazzjonali.

L-istabbiliment ta' qafas fil-livell tal-Unjoni jżid il-livell komuni tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, u b'hekk jiġġenera valur miżjud sinifikanti, meta mqabbel ma' azzjoni individwali fil-livell tal-Istati Membri.

B'mod partikolari, azzjoni fil-livell tal-Unjoni se: (1) tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, bl-approssimazzjoni tar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali; (2) tintegra bla skossi r-regoli l-ġodda fil-leġiżlazzjonijiet spazjali attwali biex tevita t-trikkib, id-duplikazzjoni u l-kunflitti, u b'hekk ittejjeb il-funzjonament tas-suq intern; (3) tiżgura li l-awtorizzazzjonijiet tal-attivitajiet fl-ispazju mogħtija fi Stat Membru partikolari jkunu rikonoxxuti fil-bqija tal-Istati Membri; (4) tipprovdi protezzjoni aħjar u aktar omoġenja tal-assi kollha tal-infrastruttura spazjali madwar l-Unjoni, u tgħin biex tiżgura li din l-infrastruttura tiġġenera data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali b'mod sikur u sigur; u (5) tiżgura l-konsistenza fl-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju.

Fl-istess ħin, approċċ komuni fil-livell tal-Unjoni jistabbilixxi lill-Unjoni bħala istituzzjoni li tistabbilixxi standards dinjin, f'qasam li jeħtieġ soluzzjonijiet fit-tul b'urġenza.

- **Proporzjonalità**

Kif deskritt fil-valutazzjoni tal-impatt meħmuża, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din l-inizjattiva u ma timponix kostijiet sproporzjonati li jistgħu jagħmlu ħsara lill-kompetittività tal-industrija spazjali tal-Unjoni.

Azzjoni tal-Unjoni toħloq linja bażi komuni għall-aspetti tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni, filwaqt li (a) tkun proporzjonata mar-riskji speċifiċi ta' kull orbita u altitudni jew mal-ispeċifikitajiet mitluba minn missjonijiet spazjali mhux kritiċi; (b) tibqa' teknoloġikament newtrali; u (c) tirrispetta bis-sħiħ il-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà nazzjonali.

Il-proposta timminimizza l-piżijiet bla bżonn billi tissimplifika l-awtorizzazzjonijiet tal-kostellazzjoni (eż. awtorizzazzjoni unika għal kull kostellazzjoni flok għal kull satellita). Għall-missjonijiet spazjali ta' Orbita Dinjija Baxxa Ħafna li d-dħul mill-ġdid malajr tagħhom fl-atmosfera jillimita r-residwi b'mod naturali, japplika reġim eħfef tas-sikurezza, filwaqt li l-obbligi tar-reżiljenza jiżdiedu skont id-daqs tal-operatur spazjali, il-kritikalità tal-missjoni, u l-użu tal-propulsjoni.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw regolamenti u direttivi.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq proposta għal regolament biex tiżgura livell konsistenti ta' implimentazzjoni madwar l-Unjoni. Dan se jevita li d-diverġenzi jfixklu l-provvista tal-attivitajiet fl-ispazju u tad-data bbażata fuq l-ispazju fis-suq intern, jiġgarantixxi ċ-ċertezza legali u t-trasparenza, jiżgura protezzjoni uniformi tad-drittijiet u tal-obbligi għall-fornituri kollha tas-servizzi spazjali tal-UE u tal-pajjiżi terzi fis-suq intern, u jippermetti implimentazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Waqt l-abbozzar tal-proposta, bi qbil mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod estensiv lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Wettqet konsultazzjoni mmirata u konsultazzjoni pubblika miftuħa, ħarġet sejħa għall-evidenza, wettqet stħarriġ speċifiku dwar it-tliet oqsma ewlenin koperti mill-proposta, u organizzat erba' sessijiet ta' ħidma għall-partijiet ikkonċernati. Il-kontribut ġie integrat fl-istudju li jappoġġa l-ħidma preparatorja tal-Kummissjoni.

a) Konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati

Il-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati saret bejn id-29 ta' Settembru u t-2 ta' Novembru 2023. Kienet immirata għall-industrija spazjali, li tkopri entitajiet bħal istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka, assoċjazzjonijiet tan-negozju, manifatturi ta' inġenji spazjali, operatori spazjali, linji tal-ajru jew fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), awtoritajiet pubbliċi, trade unions, u l-pubbliku. Waslu kontributi mis-27 Stat Membru tal-UE (47% tar-rispondenti) u mingħand diversi pajjiżi terzi bħall-Kanada, il-Ġappun, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, u r-Renju Unit (5%). L-oriġini tal-bqija tar-rispons (49%) ma ġietx speċifikata.

B'kollox, waslu 333 kontribut, u ġew sottomessi 65 dokument ta' akkumpanjament, li 170 minnhom kienu mingħand organizzazzjonijiet, 153 mingħand individwi, u l-bqija kienu kontributi anonimi. Minn fost l-organizzazzjonijiet, 62% kienu intrapriżi mikro, żgħar u medji.

It-tweġibiet tal-istħarriġ u anki d-dokumenti ta' pożizzjoni li waslu, inklużi dawk mingħand l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, urew appoġġ wiesa' għal Att dwar l-Ispazju tal-UE. B'mod partikolari, hemm kunsens wiesa' fost l-industrija spazjali Ewropea li l-Att dwar l-Ispazju tal-UE jipprovdha qafas ċar u komuni li jarmonizza r-regoli ewlenin differenti dwar l-attività spazjali fl-Unjoni. Dan jitqies partikolarment utli għax l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jespandu faċilment barra minn pajjiżhom u joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' Att dwar l-Ispazju tal-UE titqies bħala opportunità għall-Unjoni biex tiegħu rwol ta' tmexxija fl-istabbiliment ta' standards dinjin ħalli l-ispazju jsir aktar sikur, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli.

Fl-istess ħin, l-industrija enfasizzat li l-Att dwar l-Ispazju tal-UE għandu jkollu l-għan li jżommha kompetittiva billi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jinkludi lill-kumpaniji minn pajjiżi terzi li jintroduċu prodotti jew servizzi fis-suq tal-Unjoni. Ir-rappreżentanti tal-industrija u l-assoċjazzjonijiet urew tħassib dwar il-piż potenzjali u l-kostijiet addizzjonali li l-Att dwar l-Ispazju tal-UE jista' jimponi fuq in-negozji ġodda u l-SMEs, u appellaw għal miżuri ta' appoġġ biex jikkompensaw għal dan l-impatt.

b) Konsultazzjoni pubblika

Il-konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati saret bejn l-4 ta' Ottubru u t-28 ta' Novembru 2023. L-istħarriġ kien fih 11-il mistoqsija ġenerali dwar ir-riskji għas-sikurezza u għas-sigurtà tal-attivitàjiet fl-ispazju, u mistoqsijiet dwar miżuri potenzjali fil-livell tal-

Unjoni. B'kollox, waslu 44 kontribut mingħand individwi, organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka, awtoritajiet pubbliċi, assoċjazzjonijiet tan-negozju, u NGOs.

L-istħarriġ wera appoġġ qawwi mill-partijiet ikkonċernati għal Att dwar l-Ispazju tal-UE. Ir-rispondenti enfasizzaw l-inadegwatezza tal-liġijiet spazjali nazzjonali u internazzjonali attwali, u saħqu fuq il-ħtieġa ta' qafas regolatorju komprensiv. Ħafna mill-partijiet ikkonċernati huma favur taħlita ta' miżuri vinkolanti u volontarji biex ikunu żgurati operazzjonijiet spazjali sikuri, reżiljenti u sostenibbli, b'rikonoxximent wiesa' tal-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali.

• **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni straħet fuq għarfien espert estern biex tfassal ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt:

- Deloitte u Roland Berger taw appoġġ konsultattiv għar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt;
- Cyberinflight u r-RHEA Group ikkontribwew b'għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà spazjali;
- Il-Kummissjoni organizzat żewġ sessjonijiet ta' ħidma nhar is-16 ta' Frar 2023 u t-13 ta' Novembru 2023 ma' esperti fil-liġi spazjali Ewropea;
- Euroconsult wettqet studju dwar l-industrija u s-suq spazjali Ewropej;
- Il-Kummissjoni ħadmet ma' bosta partijiet ikkonċernati (eż. l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSAPA), dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u assoċjazzjonijiet tal-industrija) biex tiġbor data komprensiva li tappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Bi qbil mal-politika tagħha għal “Regolamentazzjoni Aħjar”, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi nhar it-22 ta' Frar 2024 għall-valutazzjoni tal-impatt⁽¹⁴⁾. Dan ikkunsidra l-għażliet ta' politika li ġejjin.

- Għażla ta' politika 1: il-Kummissjoni tiffaċilita l-kodifikazzjoni ta' miżuri mhux vinkolanti bejn l-industrija u l-Istati Membri b'approċċ ta' koregolamentazzjoni. Koregolamentazzjoni tgħaqqad miżuri leġiżlattivi u regolatorji ma' azzjonijiet li jieħdu l-aktar atturi ikkonċernati, abbażi tal-għarfien espert Prattiku tagħhom. Barra minn hekk, din tippromwovi l-iżvilupp ta' tikketti mill-industrija.
- Għażla ta' politika 2: l-adozzjoni ta' qafas vinkolanti tal-Unjoni.
- Għażla ta' politika 2+: l-adozzjoni tal-qafas vinkolanti tal-Unjoni msemmi fl-għażla 2, flimkien ma' miżuri mhux vinkolanti u ta' appoġġ.
- Għażla ta' politika 2++: l-għażliet ta' politika 2 u 2+ bi ftehimiet bilaterali internazzjonali ħalli jitrawwem approċċ dinji għas-sikurezza spazjali, ir-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispace.

Abbażi tal-valutazzjoni u paragon tal-għażliet kollha, l-għażla 2+ “l-adozzjoni ta' qafas vinkolanti tal-Unjoni, flimkien ma' miżuri mhux vinkolanti” ġiet ikklassifikata bħala l-għażla

⁽¹⁴⁾ Il-links għall-iskeda sommarja u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) se jiġu inklużi wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

preferuta. Dan ir-riżultat hu wkoll konformi mal-għażla ppreferuta li għażlu l-partijiet ikkonċernati (inkluż l-SMEs) fil-konsultazzjoni mmirata.

Ħarsa ġenerali lejn l-impatt ekonomiku

L-implimentazzjoni ta' qafas regolatorju għas-settur spazjali tinvolvi diversi kostijiet u benefiċċji, kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għal dak privat.

Għas-settur pubbliku, l-Istati Membri bi programmi spazjali stabbiliti diġà qed jivvalutaw ħafna mir-rekwiżiti previsti, f'konformità mal-obbligi tat-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Dawn l-Istati Membri jospitaw għandhom ħafna mis-settur spazjali Ewropew u r-regoli tagħhom ikunu jeħtieġu biss aġġustament żgħir li joħloq piż amministrattiv minimu (1-2 ekwivalenti full-time (FTEs)). B'kuntrast ma' dan, l-Istati Membri mingħajr leġislazzjoni spazjali tipikament jospitaw attivitajiet fl-ispazju emerġenti. F'dan il-każ, il-kostijiet tal-aġġustament għar-rekwiżiti ġodda xorta jkunu limitati (sa 4 FTEs).

Fir-rigward tal-valutazzjoni teknika biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jistrieħu fuq il-valutazzjoni teknika pprovduta mill-ESA u l-Aġenzija tal-Unjoni għall-Programm Spazjali (EUSPA jew "l-Aġenzija").

Għas-settur privat, il-kostijiet ivarjaw skont il-kumpanija. L-operaturi tas-satelliti jistgħu jiffaċċjaw żieda sa 10% fil-kostijiet tal-manifattura għall-pjattaformi satellitari, skont ir-rekwiżiti tal-missjoni spazjali. Il-fornituri tas-servizzi tal-illanċjar se jġarrbu spejjeż addizzjonali; il-fornituri fuq skala kbira potenzjalment iħallsu sa EUR 1.5 miljun għal lanċjaturi tqal (klassi Ariane 64) u l-SMEs sa EUR 200 000. Il-kostijiet tal-ġestjoni tar-riskju għall-kumpaniji huma stmati għal 10% tal-baġits tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) tagħhom, u r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni għal kull linja ta' prodott se jiswew madwar EUR 100 000. L-implimentazzjoni tar-regoli tal-kategorija tal-impronta ambjentali tal-prodott (PEFCRs) se tiswa bejn EUR 4 000 u EUR 8 000.

Minkejja dawn il-kostijiet, is-simplifikazzjoni regolatorja mistennija tipprovdi vantaġġi sinifikanti. L-abbiltà li prodott wieħed jiġi kummerċjalizzat f'27 Stat Membru tissimplifika l-aċċess u tnaqqas l-ostakli amministrattivi u b'hekk tippermetti aktar ħeffa biex jasal fis-suq. Hu previst li waħedha, il-bidla minn awtorizzazzjoni ta' satelliti individwali għal awtorizzazzjoni ta' kostellazzjoni, tiffirka EUR 68 miljun għall-operaturi tas-satelliti tul id-deċennju li ġej. Barra minn hekk, hu stmat li l-estensjoni tal-ħajja tas-satelliti fl-orbita dinjija baxxa minn 5 għal 6 snin tħalli impatt ekonomiku annwalizzat ta' EUR 1.3 biljun. Il-kumpaniji se jiksibu vantaġġ kompetittiv dinji, jibbenefikaw minn standards għoljin ta-ċibersigurtà li jnaqqsu r-riskji relatati ma-ċibersigurtà, u l-manifatturi potenzjalment jiffirkaw EUR 320 miljun fis-sena. Fit-tul, l-Att dwar l-Ispazju tal-UE propost mistenni jsostni l-industrija spazjali tal-Unjoni (ikkalkulata għal 20% ta' suq proġettat ta' EUR 700 biljun sal-2031), filwaqt li se jrawwem il-ħolqien ta' segmenti ġodda tan-negozju, bħat-tneħħija attiva tar-residwi, tas-servizzjar ġol-orbita, l-assemblaġġ u l-manifattura, u t-teknoloġiji tal-kriptaġġ.

Ħarsa ġenerali lejn l-impatt soċjali

Meta mqabbla mal-alternattivi l-oħra, l-għażla ppreferuta ġġib magħha benefiċċji sostanzjali f'termini ta' konformità akbar, meta wieħed iqis in-natura vinkolanti tal-miżuri previsti (flimkien mal-miżuri mhux vinkolanti u ta' appoġġ). Din tipproteġi l-aċċess tal-pubbliku għas-servizzi bbażati fl-ispazju, issaħħaħ il-fiduċja u d-dipendenza fuq is-servizzi tas-sistemi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju, u ttejjeb il-governanza b'kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni armonizzati. Barra minn hekk, din tipproteġi wkoll lill-astronomi u lill-komunitajiet indiġeni billi tnaqqas it-tniġġis tad-dawl, u tikkontribwixxi għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-kompetittività fis-settur spazjali.

Ħarsa ġenerali lejn l-impatt ambjentali

L-għażla ppreferuta tħalli impatt ambjentali pożittiv minħabba r-rekwiżiti obbligatorji li jkopru d-diżorbitazzjoni tas-satelliti, u LCA komuni. Abbażi tal-PEFCR, ir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni jipprovd i ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji differenti tal-impatt ambjentali. Apparti hekk, jiffaċilita l-aċċess tal-industrija spazjali tal-Unjoni għal finanzjament sostenibbli.

• Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Qafas regolatorju komuni jtejjeb il-kompetittività tal-industrija spazjali tal-Unjoni billi (1) inaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet għall-kumpaniji li ma jkollhomx għalfejn jibqgħu jikkonformaw ma' diversi rekwiżiti mhux ikkoordinati madwar l-Unjoni; (2) iżid l-affidabbiltà tal-kumpaniji spazjali tal-Unjoni b'titjib fir-reżiljenza u s-sikurezza, u b'hekk jagħtihom vantaġġ kompetittiv dinji.

Integrazzjoni msaħħa tas-suq intern tiftaħ ukoll il-bieb għal swieq ġodda għall-SMEs, twessa' d-daqs tas-suq rilevanti tal-Unjoni, u trawwem l-innovazzjoni. Din tattira wkoll aktar investiment privat, u tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-espansjoni tal-industrija ta' Spazju Ġdid fl-Unjoni (l-aktar negozji ġodda, negozji li qed jespandu u SMEs li jeħtieġu akkumulu akbar ta' fondi).

L-oġettiv tal-inizjattiva proposta hu li toħloq ambjent ekwu komuni fil-livell tal-Unjoni filwaqt li tiżgura li l-operaturi spazjali tal-Unjoni ma jġarrbux distorsjoni tal-kompetizzjoni minn operaturi spazjali stabbiliti barra mill-Unjoni li jibbenefikaw minn standards inqas stretti. Il-possibbiltà ta' rikonoxximent reċiproku, fl-aħħar mill-aħħar tista' ttejjeb is-sehem mis-suq tal-operaturi spazjali tal-Unjoni.

Il-kostijiet għall-industrija u b'mod partikolari għall-SMEs tikkagunahom il-ħtieġa li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali, flimkien ma' kostijiet addizzjonali għall-kontrolli u l-infurzar amministrattivi. B'mod ġenerali, dawn il-bidliet aktarx iżidu l-piż u l-kostijiet amministrattivi tal-industrija, inkluż tal-SMEs. Il-kostijiet tal-manifattura jistgħu jiżdiedu bi 3% sa 10%. Dan l-impatt jista' jittaffa bi: (i) l-effett tal-miżuri ta' appoġġ u (ii) il-proporzjonalità inkorporata fir-regoli (biex jitqiesu, pereżempju, id-daqs tal-kumpaniji, il-kritikalità tal-missjoni jew l-orbita). L-inizjattiva tinkludi wkoll benefiċċji operazzjonali għall-SMEs, jiġifieri żieda fid-dħul għax titwal il-ħajja tas-satelliti.

• Drittijiet fundamentali

L-obbligi jirrispettaw bis-sħiħ il-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea). Qafas regolatorju komuni jsaħħaħ iċ-ċertezza legali u jrawwem ambjent li jħeġġeġ l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fis-settur spazjali. Ir-rekwiżiti għandhom l-oġettivi leġittimi ta' interess ġenerali li jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju. Barra minn hekk, huma limitati għal dak meħtieġ u proporzjonat, b'salvagwardji li jiggarrantixxu li kull impatt fuq l-attivitajiet tal-operaturi spazjali jibqa' limitat u konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità minqux fl-Artikolu 52(1) tal-Karta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-implikazzjonijiet tal-proposta fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea tinsab fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva relatata ma' din il-proposta. k

Il-proposta tħalli impatt fuq l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali (jiġifieri dawk responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji rilevanti għat-tweqqif tal-attivitajiet fl-ispazju). Dawn l-

impatti huma deskritti f'aktar dettall fil-ħarsa ġenerali lejn l-impatt ekonomiku u l-valutazzjoni tal-impatt.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-oġġettivi speċifiċi tal-inizjattiva jiġu mmonitorjati kull sena. Il-proposta tiġi evalwata ħames snin wara d-dħul fis-seħħ biex jiġu vvalutati l-impatt fuq is-suq u r-reazzjoni tas-suq, b'mod partikolari l-SMEs.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

TITOLU I Dispożizzjonijiet ġenerali

It-Titolu I (l-Artikoli 1-5) jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar is-suġġett tar-regolament. Dawn ir-regoli jkopru l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni, il-ġestjoni tat-traffiku orbitali, aspetti ta' governanza u infurzar, u l-istabbiliment ta' tikketta spazjali tal-Unjoni. L-Artikolu 2 ("Kamp ta' applikazzjoni") jispeċifika għal liema fornituri tas-servizzi spazjali u l-oġġetti spazjali japplika r-Regolament, inkluż l-operaturi tal-pajjiżi terzi li jipprovdu servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni. It-Titolu I jistabbilixxi wkoll il-prinċipju tal-moviment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali fl-Unjoni, u fih klawżola li tippreserva l-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà nazzjonali. Fl-aħħar nett, dan jistabbilixxi definizzjonijiet ewlenin li jintużaw fir-Regolament kollu.

TITOLU II Awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni għall-attivitajiet fl-ispazju

Il-Kapitolu I (l-Artikoli 6-10) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li l-operaturi spazjali tal-Unjoni jridu jissodisfaw biex jiksbu awtorizzazzjoni għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri (NCAs) jissorveljaw il-proċess tal-ġoti tal-awtorizzazzjoni lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u jinformaw lill-Aġenzija bl-operaturi spazjali awtorizzati kollha. L-Aġenzija tirreġistra lill-operaturi spazjali kollha fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO), inkluż lill-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li għalihom tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni kif imsemmi fil-Kapitolu III. Għall-illanċjar ta' kostellazzjoni satellitari qed tiddaħħal proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata, u anki għat-tiġdid jew l-irtirar sussegwenti tagħha. Għal ċerti kategoriji ta' operaturi spazjali tal-Unjoni qed jiġu stabbiliti reġimi ħfief u eżenzjonijiet speċifiċi, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Il-Kapitolu II (l-Artikoli 11-13) jistabbilixxi l-proċedura tal-awtorizzazzjoni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom joperaw jew jillanċjaw assi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni toħroġ l-awtorizzazzjoni (skont proposta ta' valutazzjoni teknika tal-Aġenzija), twettaq superviżjoni kontinwa, u tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' assi tal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fir-Regolament.

Il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-23) jistabbilixxi r-regoli għar-reġistrazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu servizzi bbażati fl-ispazju fl-Unjoni. Dan jinkludi derogi speċifiċi għas-servizzi tal-illanċjar li jipprovdu entitajiet ta' pajjiżi terzi, entitajiet governattivi ta' pajjiżi terzi, u klawżola ta' emerġenza tas-suq uniku. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni għandhom jiġu rreġistrati fl-URSO malli juru l-konformità mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fir-Regolament. L-Aġenzija għandha tfassal ukoll lista separata tal-fornituri primarji kollha ta' data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni. L-operaturi

spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza huma preżunti konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament. L-operaturi ta' pajjiżi terzi għandhom jiddeżinjaw rappreżentant legali fl-Unjoni biex jiggwarantixxu kooperazzjoni effettiva mal-awtoritajiet kompetenti, mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija.

Il-Kapitolu IV (l-Artikoli 24-27) jistabbilixxi regoli dwar l-istabbiliment tal-URSO, iċ-ċertifikat elettroniku u l-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni. L-Aġenzija se toħroġ ċertifikati elettroniċi li jiċċertifikaw il-konformità tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali pprovduti minn entitajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali mar-rekwiżiti tar-Regolament. Mal-kuntratti għall-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni jrid jinhemeż ċertifikat elettroniku, u l-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jridu jinnotifikaw lill-Aġenzija dwar kull irregolarità suspettata.

TITOLU III Aspetti ta' governanza

Il-Kapitolu I (l-Artikoli 28-39), fit-Taqsima 1 tiegħu, jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin ta' governanza għall-Istati Membri fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-supervizzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju u s-sorveljanza tas-suq. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja jew jistabbilixxi awtorità kompetenti b'riżorsi u setgħat biżżejjed biex tissorvelja l-konformità tal-operaturi spazjali tal-Unjoni. L-NCAs għandu jkollhom setgħat supervizzorji, investigattivi, korrettivi u ta' sanzjonar.

It-Taqsima 2 tistabbilixxi l-proċeduri għall-Istati Membri li jkun beħsiebhom jiddeżinjaw entitajiet tekniċi kwalifikati (QTBs) għall-attivitajiet fl-ispazju. Dawk l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità biex tivvaluta, tiddeżinja u timmonitorja l-QTBs. Din tista' tkun il-korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni (NAB) ddeżinjat fil-livell nazzjonali, inkarigat biex jiżgura li dawn il-korpi jkunu jissodisfaw u jibqa' jkollhom il-kompetenza teknika meħtieġa biex jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti tekniċi tat-Titolu IV tar-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-QTBs tagħhom. It-Taqsima 3 tistabbilixxi l-proċedura tal-applikazzjoni biex issir QTB għall-materji koperti fit-Titolu IV u r-rekwiżiti applikabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet adottati mill-QTBs ikunu jistgħu jiġu appellati.

Il-Kapitolu II (l-Artikoli 40-57) jistabbilixxi l-governanza fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jagħti dettalji dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet fit-Taqsima 1. L-Aġenzija tingħata kompiti ġodda b'mod partikolari biex tappoġġa u tassisti lill-Kummissjoni fl-awtorizzazzjoni u s-supervizzjoni tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, fir-reġistrazzjoni tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tiġġestjona l-bażijiet tad-data meħtieġa (URSO u l-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni għal twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli) u toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi.

L-Aġenzija għandha tistabbilixxi strutturi interni apposta (Bord tal-Konformità u Bord tal-Appell) biex jappoġġaw u jassistu lill-Kummissjoni fl-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-operaturi spazjali u tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi, kif ukoll biex jappoġġaw lill-Istati Membri mingħajr QTBs, permezz ta' proċessi ta' valutazzjoni teknika. L-Aġenzija tappoġġa lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat supervizzorji fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni u l-fornituri ta' pajjiżi terzi. Il-Bord tal-Appell jissalvagwardja d-drittijiet ta' difiża mid-deċiżjonijiet adottati mill-Aġenzija. Il-kompiti l-ġodda għandhom jiġu ffinanzjati b'sistema ta' tariffi tar-reġistrazzjoni. It-Taqsima 2 tispeċifika s-setgħat tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-operaturi ta' assi tal-Unjoni u fir-rigward tal-operaturi tal-ispazju ta' pajjiżi terzi.

TITOLU IV Rekwiżiti tekniċi

It-Titolu IV fih ir-rekwiżiti li l-kategoriji differenti ta' fornituri tas-servizzi spazjali jridu jikkonformaw magħhom, li relatati prinċipalment ma' materji ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali.

Il-Kapitolu I (l-Artikoli 58-73) jistabbilixxi regoli għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, li jkopru l-lanċjaturi (it-Taqsima 1) u l-inġenji spazjali (it-Taqsima 2). Ir-regoli għas-sikurezza għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskji ta' kollizzjoni, itaffu l-ġenerazzjoni tar-residwi ġol-orbita, u jiżguraw illanċjar u dħul mill-ġdid sikuri, bi proċeduri u rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-operaturi spazjali.

Skont it-Taqsima 1, l-operaturi tal-illanċjar iridu jikkoordinaw mal-awtoritajiet u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku biex itaffu r-riskju ta' kollizzjonijiet waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid. Dawn jeħtiġilhom jinstallaw sistemi tas-sikurezza tat-titjir u jimplimentaw miżuri tal-kontroll tar-residwi spazjali. Il-Kummissjoni trid tadotta metodi dettaljati għall-kalkolu tat-twieqi tal-evitar tal-kollizzjonijiet, il-limiti tar-riskju ta' diżgrazzja, u l-proċeduri ta' koordinazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Skont it-Taqsima 2, l-operaturi tal-inġenji spazjali jridu jiżguraw t-traċċabbiltà tal-inġenji spazjali u jabbonaw għal servizzi tal-evitar tal-kollizzjonijiet. Iridu jimmaniġġjaw il-koordinazzjoni tad-dħul mill-ġdid u jżommu ċertu livell ta' manuvrabbiltà. Fost obbligi oħrajn hemm il-ħtieġa li jfasslu pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-residwi spazjali, jillimitaw it-tniġġis tad-dawl u tar-radju, u jissodisfaw standards addizzjonali tas-sikurezza u tal-mitigazzjoni tar-residwi għal kostellazzjonijiet kbar. L-operaturi spazjali jistgħu jitolbu estensjonijiet tal-missjoni, jekk jibqgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' tmiem il-ħajja u tar-residwi spazjali. L-operaturi tal-ispazju jridu jiżguraw li l-manifatturi tal-fornituri jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-disinn u tal-manifattura stabbiliti f'dan il-kapitolu.

Il-Kapitolu II (l-Artikoli 74-95) jistabbilixxi prinċipji ġenerali li japplikaw għall-ġestjoni tar-riskji għall-infrastruttura spazjali u r-rekwiżit ta' twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li jibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi. L-operaturi spazjali għandhom ikunu meħtieġa jieħdu miżuri komprensivi, proporzjonati u li jkopru l-perikli kollha għall-ġestjoni tar-riskji kollha għall-infrastruttura spazjali. Dawn il-miżuri jestendu tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' missjoni spazjali (mid-disinn u l-manifattura sal-illanċjar, l-operat u d-disponiment) u jkopru kemm it-theddid diġitali kif ukoll fiżiku.

Filwaqt li s-settur spazjali għandu jibqa' parti mill-ekosistema tan-NIS 2, ir-regoli ċibernetiċi li tfasslu apposta għas-settur spazjali, stabbiliti f'dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw għall-operaturi spazjali tal-Unjoni identifikati fil-punti (8) u (11) tal-Anness I tan-NIS 2, ħalli tkun evitata d-duplikazzjoni u jixxejnu l-lakuni fil-kopertura tas-settur spazjali. L-operaturi spazjali għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju, jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet, jimplimentaw miżuri ta' rimedju, u jadattaw ix-xenarji tar-riskju skont l-ispeċifiċità ta' kull missjoni spazjali. L-operaturi spazjali għandhom jistabbilixxu u jħaddmu politiki komprensivi għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, jiżguraw drittijiet stretti ta' kontroll tal-aċċess u l-protezzjoni fiżika tal-assi spazjali. Qed jiġi stabbiliti regoli oħrajn dwar id-detezzjoni u l-monitoraġġ tal-inċidenti, l-implimentazzjoni tal-kriptografija, il-protokolli tar-riżerva, it-tħejjija ta' politiki komprensivi għall-kontinwità tal-operat u l-pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru. L-operaturi spazjali soġġetti għar-reġim simplifikat tal-ġestjoni tar-riskju għandhom japplikaw miżuri eħfef filwaqt li jiżguraw ir-reżiljenza tal-assi u l-funzjonijiet kritiċi. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jirrapportaw inċidenti sinifikanti ta' assi tal-Unjoni lill-Aġenzija. Network ta' Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni (EUSRN) għandu jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija, u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rigward

il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-inċidenti ċibernetiċi sinifikanti u l-allinjament tal-miżuri tar-reżiljenza ma' oqfsa oħra taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni.

Il-Kapitolu III (l-Artikolu 96-100) hu relatat mas-sostenibbiltà ambjentali. Dan jeżiġi li l-operaturi spazjali jikkalkulaw l-impronta ambjentali (EF) tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjoni spazjali, inkluż waqt l-istadji tad-disinn, tal-manifattura, tal-operazzjonijiet u ta' tmiem il-ħajja, sakemm ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni. L-operaturi tal-ispazju jridu jissottomettu dikjarazzjoni tal-impronta ambjentali (EFD) bħala parti mill-applikazzjoni tagħhom tal-awtorizzazzjoni, flimkien ma' studji u data tal-EF ta' sostenn, iwwerifikati b'ċertifikat mingħand korp tekniku kwalifikat għall-attivitàjiet fl-ispazju. Jeħtiġilhom jiksibu d-data rilevanti kollha mingħand il-fornituri tagħhom, jibagħtu settijiet tad-data aggregati u diżaggregati lill-Kummissjoni biex iddaħħalhom fil-bażi tad-data tal-EF, u jżommuhom aġġornati.

Il-Kapitolu IV (l-Artikolu 101) jirreferi għar-rekwiżiti tal-operazzjonijiet u s-servizzi fl-ispazju (ISOS). L-inġenju spazjali għandu jkun attrezzat biex jirċievi manutenzjoni fl-ispazju b'interfaċċi apposta. Il-Kummissjoni se ttipprova dettalji dwar il-prinċipji tad-disinn ta' dawn l-interfaċċi u tista' tistabbilixxi aktar kundizzjonijiet tat-tneħħija tar-residwi għal oġġetti ta' theddida.

Il-Kapitolu V (l-Artikolu 102-103) jistabbilixxi regoli dwar it-traffiku orbitali, inkluż regoli dwar kif għandhom isiru l-manuvri tal-evitar tal-kollizzjonijiet wara twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli. Dan jintroduċi approċċ ta' "dritt ta' aċċess", imfassal biex jiffaċilita r-risoluzzjoni tal-kollizzjonijiet bejn diversi inġenji spazjali manuvrabbli.

Il-Kapitolu VI (l-Artikolu 104) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards jew jadottaw atti ta' implimentazzjoni biex jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal ċerti rekwiżiti tekniċi.

TITOLU V Deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, ftehimiet internazzjonali u regoli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali

It-Titolu V (l-Artikoli 105-108) jippermetti lill-Kummissjoni tagħti deċiżjonijiet ta' ekwivalenza lill-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali, skont it-tip ta' assi. L-Unjoni għandha tistinka kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE, biex tikkonkludi ftehimiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li joperaw assi tal-Unjoni.

TITOLU VI Miżuri ta' appoġġ

Il-Kapitolu I (l-Artikoli 109-111) jistabbilixxi sett ta' miżuri ta' appoġġ li jgħinu biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet tal-implimentazzjoni, b'mod partikolari għan-negozji ġodda, għan-negozji li qed jespandu u għall-SMEs, u jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-Regolament. Il-miżuri ta' appoġġ jinkludu miżuri tal-bini tal-kapaċità (eż. il-produzzjoni ta' materjali gwida), assistenza teknika (eż. tinħoloq ġabra ta' esperti indipendenti li jappoġġaw lill-operaturi spazjali fil-kompilazzjoni ta' fajls tekniċi), u l-finanzjament ta' soluzzjoni diġitali (jiġifieri portal tal-informazzjoni uniku ta' servizz).

Il-Kapitolu II (l-Artikoli 112-113) jintroduċi "qafas ta' tikketta spazjali tal-Unjoni" għall-ġoti ta' tikketta spazjali tal-Unjoni lil operaturi spazjali li volontarjament ikun beħsiebhom jissodisfaw rekwiżiti akbar dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali, flimkien ma' dawk stabbiliti fir-Regolament.

TITOLU VII Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

It-Titolu VII (l-Artikoli 114-120) fih id-dispożizzjonijiet dwar is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni, u dwar is-segretezza professjonali. Jipprevedi wkoll klawżola ta' rieżami, perjodi tranżizzjonali u d-data tad-dħul fis-seħħ u tal-applikazzjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali saru parti importanti mill-ekonomija tal-Unjoni u mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Dawn jintużaw f'setturi kruċjali għall-funzjonament tas-suq intern, fosthom dawk koperti mid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, u mid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾ dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni.
- (2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni u l-perkors tagħha tul it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.
- (3) Is-settur spazjali tal-Unjoni ilu deċennju sħiħ għaddej minn bidliet strutturali kontinwi. Uħud minnhom, dawn ġew parzjalment minħabba żieda fid-domanda għas-servizzi spazjali u l-aċċess għall-ispazju li sar aktar aċċessibbli minħabba avvanzi teknoloġiċi u

⁽¹⁾ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁽²⁾ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁽³⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj>).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj>).

tnaqqis fil-kostijiet. L-attivitajiet fl-ispazju, li qabel kienu kkonċentrati fi ftit Stati Membri u ddominati minn atturi industrijali kbar stabbiliti, gradwalment infetħu għal parteċipanti ġodda fis-suq. Il-ħolqien, f'ħafna mill-Istati Membri, tal-hekk imsejħa atturi tas-suq ta' "Spazju Ġdid", li ħafna minnhom huma kumpaniji privati, wassal għal espansjoni tas-suq spazjali tal-Unjoni, u fl-istess ħin ħareġ fid-dieher in-natura transfruntiera inerenti tal-attivitajiet fl-ispazju.

- (4) Din id-dimensjoni transfruntiera tal-attivitajiet fl-ispazju hi riflessa fl-akkwist tranżnazzjonali tal-assi tal-infrastruttura spazjali, fejn jitlaqqgħu prodotti, komponenti u sistemi ta' segmenti differenti tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll teknoloġija u għarfien espert rilevanti minn jew mingħand diversi Stati Membri. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jiddependu fuq il-kapaċitajiet ta' xulxin meta jillanċjaw xi inġenji spazjali. Bl-istess mod, l-operazzjonijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jesponu d-dimensjoni transfruntiera inerenti permezz tal-impatt li l-attivitajiet fl-ispazju għandhom fuq l-ispazju tal-ajru ta' diversi Stati Membri.
- (5) Il-bidliet strutturali li għadda minnhom is-settur spazjali tal-Unjoni, it-tkabbir tal-attivitajiet fl-ispazju u r-rwol akbar tal-atturi privati fit-tweġġ ta' attivitajiet fl-ispazju min-naħa tagħhom esandew l-interventi regolatorji nazzjonali. Sal-lum hemm diġà 13-il Stat Membru li daħħlu fis-seħħ leġiżlazzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet fl-ispazju, apparti li bosta oħrajn qed iħejju ruħhom biex jippromulgaw leġiżlazzjonijiet simili.
- (6) L-interventi regolatorji nazzjonali huma xprunati mill-ħtiġijiet leġittimi tal-Istati Membri biex ifasslu l-mod kif jitwettqu l-attivitajiet fl-ispazju tagħhom. L-Istati Membri jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu VI tat-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u fl-Użu tal-Ispazju Ekstratmosferiku, inkluż il-Qamar u l-Korpi Ċelesti oħrajn (OST) peress li, skont dak it-Trattat, għandhom ir-responsabbiltà internazzjonali għall-attivitajiet nazzjonali kollha li l-aġenziji governattivi jew l-entitajiet mhux governattivi jwettqu fl-ispazju ekstratmosferiku. L-OST jitlob li l-attivitajiet nazzjonali jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu; jeżiġi b'mod espliċitu li l-attivitajiet fl-ispazju ekstratmosferiku li jwettqu l-entitajiet mhux governattivi jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni kontinwa mill-Istat xieraq li hu parti għall-OST.
- (7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.
- (8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni

tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, is-siti u l-operazzjonijiet tal-illanċjar, il-lanċjaturi u s-satelliti abbord.

- (9) Dawn l-approċċi għandhom objettiv komuni, jiġifieri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni biex jindirizzaw ir-riskji msemmija hawn fuq. Għalhekk, l-Istati Membri qed jagħrfu l-importanza li jippreservaw is-sikurezza tal-orbiti u r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għal użu ottimali u sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku. Iżda dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-ispazju jvarjaw bejniethom mil-lat ta' firxa u profondità tar-rekwiżiti speċifiċi li jindirizzaw ir-riskji għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju. F'dan ir-rigward, l-approċċi tal-Istati Membri jvarjaw minn pożizzjonijiet normattivi minimalisti għal pożizzjonijiet normattivi dettaljati. Rekwiżiti nazzjonali diverġenti jistgħu jwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq intern u jnaqqsu ċ-ċertezza legali meħtieġa mill-operaturi spazjali tal-Unjoni.
- (10) Minħabba f'hekk, madwar l-Unjoni qed jitfaċċaw bosta oqfsa frammentati tal-attivitajiet fl-ispazju, xprunati minn varjetà ta' normi b'diskrepanzi fil-livell tad-dettall tagħhom li jwasslu wkoll għal nuqqas ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri.
- (11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokkazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.
- (12) L-assi tipiċi tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, li ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'xi leġiżlazzjonijiet jistgħu jitwaqqfu milli jintużaw fis-suq intern tas-servizzi spazjali. Xi Stati Membri pereżempju għażlu li għal raġunijiet ta' sikurezza jimponu rekwiżiti aktar stretti fuq id-disinn tas-satelliti, fir-rigward tas-satelliti awtorizzati għall-illanċjar skont il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra. Din id-diverġenza mhux biss tista' tagħmel il-kummerċ transfruntier aktar diffiċli għall-kumpaniji li jfornu s-satelliti, iżda l-Istati Membri li jieħdu pożizzjoni stretta fuq ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jistgħu jagħżlu li ma jippermettux illanċjar mit-territorju tagħhom ta' satelliti awtorizzati għall-operazzjoni fi Stati Membri soġġetti għal rekwiżiti tas-sikurezza inqas stretti. Bl-istess mod, meta r-rekwiżiti tas-sorveljanza u t-traċċar qabel u wara l-illanċjar tas-satelliti, jew meta ċerti regoli speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku jkunew stabbiliti f'xi Stati Membri biss, il-forniment tas-servizzi spazjali, bħas-servizzi tal-operazzjoni u tal-illanċjar madwar is-suq intern jaf jiġi affettwat ħażin.
- (13) Fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-ostakli jaf iħallu impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. Peress li s-servizzi spazjali jiddependu fuq data bbażata fuq l-ispazju li tiġi ġġenerata permezz u bl-użu tal-assi tal-infrastruttura spazjali, il-forniment tas-servizzi spazjali jiddependi fuq il-livelli tas-sikurezza u tar-reżiljenza tal-assi tal-infrastruttura spazjali.
- (14) Ir-rekwiżiti li jinvolvu kostijiet oġhla, bħar-rekwiżiti tad-disinn biex jevitaw il-proliferazzjoni ta' residwi spazjali, jew il-valutazzjonijiet tar-riskju maħsuba biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà fuq id-diversi segmenti tal-infrastruttura spazjali, jistgħu jħeġġu lill-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ifittxu li jistabbilixxu ruħhom f'ġurisdizzjonijiet b'rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni inqas stretti.

- (15) In-natura transfruntiera tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni aktarx li se tintensifika, u dan meta wieħed iqis l-għadd dejjem akbar ta' operaturi spazjali tal-Unjoni, l-għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li qed jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' lanċjaturi, u ta' Stati Membri li qed jippjanaw li jiżviluppaw kapaċitajiet tal-illanċjar. F'dan l-isfond, kundizzjonijiet diverġenti fir-reġimi nazzjonali tal-awtorizzazzjoni aktarx joħolqu aktar ostakli fis-settur spazjali, b'impatt fuq il-kontinwità tal-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u l-forniment ta' servizzi spazjali li min-naħa tagħhom jappoġġaw bosta oqsma ta' attività fis-suq intern, inkluż setturi u infrastruttura kritiċi.
- (16) Għalhekk, biex jitħares u jittiejeb il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' regoli obbligatorji uniformi, effettivi u proporzjonati li jarmonizzaw l-aspetti ewlenin tas-servizzi spazjali fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell tal-Unjoni, biex ikun żgurat forniment bla xkiel ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fis-suq intern kollu.
- (17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li tiġi stimulata billi l-fornituri tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali.
- (18) F'każijiet limitati biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar meta dan ikun iġġustifikat mill-interess pubbliku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-interess pubbliku, tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.
- (19) Fl-istess ħin, jaf ikun hemm bżonn azzjoni malajr f'każijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi, b'mod eċċezzjonali u temporanju, biex jintużaw data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali pprovduti minn fornituri tas-servizzi spazjali li ma jkunux irreġistrati fl-Unjoni.
- (20) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal reġim ta' awtorizzazzjoni biex jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sikurezza u tar-reżiljenza ta' servizzi spazjali tipiċi li, pereżempju, jkunu relatati mal-operat ta' inġenju spazjali, il-forniment ta' servizzi tal-illanċjar, u l-operat u l-manutenzjoni ta' siti tal-illanċjar. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu awtorizzati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾, filwaqt li l-operaturi spazjali tal-Unjoni li joperaw assi li mhumiex assi tal-Unjoni għandhom jiġu awtorizzati mill-Istati Membri.
- (21) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati bħall-evitar tal-kolliżjonijiet (CA) jew operazzjoni u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett limitat ta' regoli. Dan jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u swieq ġodda fis-settur spazjali (ekonomija fl-ispazju).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

- (22) Il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jaqdu rwol ewlieni bħala intermedjarji bejn is-setturi upstream u downstream għax dawn jgħaddu d-data bbażata fuq l-ispazju mingħand l-operaturi spazjali lejn id-diversi użi sussegwenti ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju, għall-għid tal-ekonomija u ċ-ċittadini kollha. F'dak ir-rigward, għalkemm ir-regoli sostantivi li japplikaw għall-operaturi spazjali ma għandhomx japplikaw għalihom, xorta għandhom rwol importanti fis-settur spazjali, billi jaċċertaw li d-data bbażata fuq l-ispazju li tingħadda 'l isfel fil-katina tal-valur tkun oriġinat mingħand operaturi spazjali konformi ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tfassal lista ta' daww il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni. Fid-dawl tar-rwol tagħhom ta' intermedjarji, il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex jirċievu twissijiet jew ilmenti dwar irregolaritajiet potenzjali fir-rigward tal-użu fl-Unjoni ta' data bbażata fuq l-ispazju, li jwissu direttament lill-fornituri tagħhom jew li jiġbdu l-attenzjoni tal-Aġenzija jew tal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, għal kwalunkwe allegazzjoni dwar data bbażata fuq l-ispazju li potenzjalment tkun oriġinat mingħand operaturi mhux irreġistrati jew mhux konformi u li tista' tintuża fis-suq intern.
- (23) Biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-operat fis-suq intern, ir-regoli għall-fornituri kollha tas-servizzi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-operaturi spazjali tal-Unjoni, għandhom japplikaw sal-punt li d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni.
- (24) Għalhekk, biex ikun żgurat li l-ebda operatur spazjali ma jingħata vantaġġ billi ma jkunx soġġett għar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament, jixraq ikun żgurat trattament uniformi lill-operaturi spazjali kollha, inkluż lill-fornituri tas-servizzi spazjali ta' pajjiżi terzi, bħal operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi, fornituri tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi, fornituri primarji ta' pajjiżi terzi ta' data bbażata fuq l-ispazju, jekk dawn ikunu qed jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni.
- (25) Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika għall-fornituri tas-servizzi spazjali, irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti, jekk id-data bbażata fuq l-ispazju jew is-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni, u b'hekk qed juri konnessjoni sostanzjali mas-suq intern, jevita r-riskju ta' ċirkomvenzjoni tar-regoli għad-detriment tal-konsumaturi u n-negozji tal-Unjoni, u jissalvagwardja l-effiċjenza tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (26) Il-fornituri kollha tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi jenħtieġ li jiddeżinjaw bil-miktub rappreżentant legali wieħed jew aktar fl-Unjoni, skont il-ħtiġijiet kummerċjali u r-rekwiżiti organizzazzjonali tagħhom. Dawn ir-rappreżentanti legali fl-Unjoni jenħtieġ li jingħataw is-setgħat u r-riżorsi kollha meħtieġa biex jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti, mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija, dwar l-aspetti kollha meħtieġa biex jaslu l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet relatati mal-konformità ma' dan ir-Regolament, u mal-infurzar tiegħu.
- (27) Ċerti ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet spazjali u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal daww stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali

applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni.

- (29) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-fornituri tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Regjistru fil-livell tal-Unjoni.
- (30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi.
- (31) Biex jiġu koperti b'mod komprensiv l-assi kollha tal-infrastruttura spazjali u jiġu evitati l-lakuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-assi operati minn organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT). Meta wieħed iqs l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv tagħhom, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta tagħhom fil-qasam spazjali, dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.
- (32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja fil-kuntest tal-armonizzazzjoni li tinġieb b'dan ir-Regolament, dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali, meta joperaw l-assi tagħhom stess, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi tal-Unjoni, skont kundizzjonijiet xierqa rigward il-mezzi tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni għalihom li jenħtieġ li jiġu stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Unjoni u kull waħda minn dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali rispettivament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni għal dak il-għan.
- (33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA hija wkoll xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'aktar dettall fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.

- (34) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopru l-assi tal-Unjoni, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/696 u fir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁶⁾, kif ukoll l-assi tal-Istati Membri, sew jekk proprjetà jew imħaddma minn operaturi governattivi jew kummerċjali, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili u meta jintużaw għal skopijiet ċivili.
- (35) Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jiksbu awtorizzazzjoni mingħand l-Aġenzija biex joperaw daww l-assi tal-Unjoni li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali.
- (36) Biex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklussivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrISPettivament mill-entità li twettaq daww l-attivitajiet fl-ispazju. L-oġġetti spazjali li jintużaw biss parzjalment għal finijiet ta' difiża jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkollhom jitqiegħdu fl-operat u fil-kontroll ta' Stat Membru, għal finijiet ta' difiża, għall-perjodu biss tal-missjoni spazjali rispettiva mwettqa mill-forzi militari. F'każijiet bħal dawn, sta għal kull Stat Membru biex jiddetermina, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk dak l-oġġett spazjali jkunx jaq' taħt l-esklużjoni msemmija hawn fuq.
- (37) Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-materji kollha relatati mas-sigurtà nazzjonali, li jestendu wkoll għal każijiet meta l-Istati Membri jkunu jeħtieġu, għall-finijiet u l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza tas-sigurtà nazzjonali, li jeżegwixxu operazzjonijiet spazjali speċifiċi, pereżempju billi jieħdu kontroll ta' oġġett spazjali fil-ġurisdizzjoni tagħhom.
- (38) Meta wieħed iqis ir-regolament eżistenti tal-ispettru tar-radju skont ir-regoli tat-Telekomunikazzjoni Internazzjonali, u l-liġi nazzjonali u l-liġi tal-UE f'konformità miegħu, u b'mod partikolari d-Deċiżjoni 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁷⁾, id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁸⁾, u d-Deċiżjoni nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁹⁾, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkoprix aspetti relatati mal-allokazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-ispettru tar-radju. Barra minn hekk, meta entità li tkun fornitur ta' network u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi taġixxi biss bħala sempliċiment utent ta' faċilità offruta minn operatur spazjali, din jenħtieġ li tikkwalifika biss bħala fornitur primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju skont dan ir-Regolament. Jekk fornitur ta' network u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jkun jopera wkoll jew jikkontrolla satellita, lanċjatur jew infrastruttura tal-illanċjar, dan jenħtieġ li jikkwalifika bħala operatur spazjali skont dan ir-Regolament.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1-39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispekttru tar-Radju) (ĠU L 108, 24.04.2002, p. 1-6, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676(1)/oj)).

⁽⁸⁾ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36-214, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj>).

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21/03/2012, p. 7-17, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2012/243\(2\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2012/243(2)/oj)).

- (39) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-antitrust, il-fużjoni u l-għajnuna mill-Istat.
- (40) Ir-regoli armonizzati ewlenin minimi dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitàjiet fl-ispazju stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jintegraw l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew, kif xieraq, ir-reġimi stabbiliti mill-Istati Membri għall-entitajiet governattivi li jwettqu programm spazjali nazzjonali. Il-karattru speċifiku ta' ċerti entitajiet jenħtieġ li jiġi rikonoxxut, bħal pereżempju l-aġenziji spazjali governattivi li jwettqu programmi spazjali nazzjonali, li mhux bilfors ikunu soġġetti għal awtorizzazzjonijiet bl-istess mod bħal fornituri oħra tas-servizzi spazjali. Minħabba f'hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li, fir-rigward ta' dawn l-entitajiet, jiżguraw superviżjoni xierqa li tirrispetta u timplimenta l-prinċipji tas-separazzjoni tar-rwoli u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.
- (41) Biex fis-suq intern ikunu jistgħu jsiru proċessi ta' awtorizzazzjoni bla skossi u jitħaddem trattament ugwali għall-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni, il-perjodu ġenerali tal-awtorizzazzjonijiet għandu jkun ta' 12-il xahar, bil-possibbiltà ta' sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli fil-proċess tal-awtorizzazzjoni, biex titqies il-ħtieġa ta' aktar kjarifiki u valutazzjonijiet.
- (42) L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi biex iwettqu kwalunkwe skambju ma' applikanti potenzjali qabel il-proċessi tal-awtorizzazzjoni formali tagħhom, skont ir-regoli nazzjonali. Dawn l-iskambji preliminari u informali jippermettu lill-applikanti jifhmu u jiżguraw aħjar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-leġislazzjoni nazzjonali, kif applikabbli, inkluż kull leġislazzjoni rilevanti ta' Stati Membri oħra meta, pereżempju, ikunu meħtieġa diversi awtorizzazzjonijiet minn madwar is-suq intern, li jqisu l-kriterji tan-nazzjonalità jew tal-istabbiliment, il-post tal-operat u s-sit tal-illanċjar.
- (43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' missjoni spazjali mwettqa minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Infommazzjoni komuni.
- (44) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u t-tul tat-tnejjja ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa. B'hekk fil-proċessi għall-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi prevista wkoll sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti.
- (45) Il-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi preżunta kemm għall-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, għax din il-konformità tkun ġiet verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta joħorġu l-awtorizzazzjoni, kif ukoll għall-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih tkun ingħatat deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni.
- (46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO) u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li s-

servizzi spazjali huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali lill-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati.

- (47) Il-listi konsolidati tal-fornituri kollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-fornituri kollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.
- (48) Jenħtieġ li jiġi żviluppat standard speċifiku għaċ-ċertifikat elettroniku, meta jintalab mill-Kummissjoni, u dan jenħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u b'hekk jiggarantixxi l-integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju.
- (49) Biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem akbar tal-klijenti għall-offerti tas-satelliti, jinħatfu l-benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi u t-tnaqqis fil-kostijiet assoċjati, u jkun żgurat aċċess aħjar għall-kapital, jenħtieġ li jiġu simplifikati l-proċessi tal-awtorizzazzjoni għall-illanċjar ta' kostellazzjonijiet satellitari. F'ċerti kundizzjonijiet, u soġġetta għal sett ta' salvagwardji, jenħtieġ li jkun hemm proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata li twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni unika valida għall-kostellazzjoni satellitari kollha.
- (50) Filwaqt li jagħraf in-natura u l-oġġettivi speċifiċi ta' inġenju spazjali tar-riċerka, li jibqa' strumentali fl-avvanz tal-għarfien xjentifiku u tal-kapaċitajiet teknoloġiċi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eżenzjonijiet għal dawn il-kategoriji biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, u biex fl-istess ħin ikunu żgurati s-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-orbiti.
- (51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka, dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw għestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni għol-Orbita (IOD/IOV) jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-kalkolu tal-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju.
- (52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minnha fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-għdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni.
- (53) Il-konġestjoni ta' ċerti orbiti, li twassal għal riskju akbar ta' kollizzjoni tas-satelliti u proliferazzjoni tar-residwi spazjali, kif ukoll ix-xenarju ta' theddid ġeopolitiku li fih riskju akbar għaċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali, flimkien mar-riskju ta' kuntatt

fiżiku fl-ispazju, bħall-prossimità u t-tfixkil, jikkostitwixxu sfidi ta' natura dinjija li ħafna nazzjonijiet li joperaw fl-ispazju bdew jindirizzaw.

- (54) Minn lanċjaturi mikro sa tqal, is-suq tal-lanċjaturi evolva. Qed jiġu żviluppati kapaciċitajiet ġodda, bħall-użu mill-ġdid, pereżempju, tal-ewwel stadju u l-aċċelleraturi tal-vetturi tal-illanċjar. Aktar Stati Membri qed jiżviluppaw kapaciċitajiet tal-illanċjar u b'hekk qed jintensifikaw l-aċċess għall-ispazju.
- (55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħlqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-fażi tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa Prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.
- (56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.
- (57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħlqu riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.
- (58) Biex l-ambjent spazjali jiġi protett, hemm bżonn ikun żgurat li l-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jipproduċu l-inqas ammont ta' residwi possibbli. Il-prevenzjoni tar-residwi hi wkoll konformi mal-approċċ ta' prevenzjoni bħala l-ewwel stadju fil-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart⁽¹⁰⁾. Għalhekk jenħtieġ li jiġu previsti obbligi fil-fażi tad-disinn, kif ukoll tul il-ħajja orbitali. Dan il-bżonn hu

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/2024-02-18>).

rikonossut ukoll fil-livell internazzjonali, fejn ġew adottati diversi standards mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex isiru attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tkun marbuta mas-sottomissjoni mill-operaturi spazjali ta' pjanijiet speċifiċi tar-residwi spazjali biex juru kif il-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi.

- (59) Is-servizzi spazjali għas-CA tal-inġenji spazjali jeħtieġu l-kapaċità tal-inġenju spazjali biex jittrażmettu l-pożizzjoni tiegħu b'mod preċiż. Jenħtieġ li jiġu żviluppati rekwiżiti tat-traċċabbiltà li jtejb u s-servizzi pubbliċi pprovduti mis-Sħubija tal-Unjoni dwar is-Sorveljanza u l-Inseguwiment fl-Ispazju (UE-SST) u li jiffrankaw il-ħin u l-flus użati minn dawn is-servizzi tat-traċċar biex jiddeterminaw il-pożizzjoni orbitali bi preċiżjoni. Il-kapaċità li jiġi traċċat inġenju spazjali jenħtieġ li tkun żgurata kemm fil-livell tal-inġenju spazjali kif ukoll fil-livell tas-segment terrestri.
- (60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu essenzjali għall-inġenji spazjali kollha. Dan ir-rekwiżit hemm bżonnu biex tkun żgurata ż-żamma ta' kuljum tal-istazzjon tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm abbonament obligatorju għal servizz spazjali tas-CA. Għaldaqstant, l-entità inkarigata mill-ġoti tas-servizz spazjali tas-CA ikollha bżonn turi ċerti kapaċitajiet.
- (61) Barra minn hekk, il-fatt li jkollok entità inkarigata mis-servizz CA għall-inġenji spazjali kollha fl-Unjoni jenħtieġ li jtejjeb il-koordinazzjoni tar-risponsi għal Twissija ta' Avveniment ta' Interess Għoli ("twissija HIE") u jillimita wkoll ir-riskju li dik it-twissija tattiva strateġiji ta' reazzjoni differenti, li minnhom infushom jistgħu potenzjalment iwasslu għal kolliżjoni.
- (62) Żviluppata bħala parti mill-komponent tal-SSA, skont ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, is-Sħubija EU-SST, jew l-entitajiet suċċessuri tagħha uriet li, permezz tas-sensuri u l-għarfien espert żviluppat sew tagħha, kapaċi timmaniġġja għadd kbir ta' inġenji spazjali u għalhekk uriet li hi adegwata biex tkun l-entità tal-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni, inkarigata mis-servizz spazjali tas-CA.
- (63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, haġja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.
- (64) Hi Prattika komuni li l-operaturi tal-inġenji spazjali jingħataw awtorizzazzjoni biex jestendu missjoni spazjali. Iżda meta japplikaw għal estensjoni, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jissottomettu pjanijiet rieżaminati tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali biex ikun żgurat li l-perjodu tal-missjoni mtejb ma jirriskjax li joħloq ir-residwi.
- (65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni li jipproteġu s-sema mudlam u kwiet.
- (66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali

wieħed. Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jġiri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni.

- (67) Biex tkun żgurata l-effiċjenza tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar elementi tekniċi biex tkun garantita ċ-ċertezza legali għall-operaturi spazjali.
- (68) Sal-lum, iċ-ċibersigurtà tas-settur spazjali ġiet indirizzata biss parzjalment fil-livell tal-Unjoni b'qafas ġenerali applikabbli kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2022/2555. Ir-reġim attwali taċ-ċibersigurtà ma jkoprix b'mod komprensiv it-tipi kollha ta' atturi u servizzi li huma rilevanti għas-settur spazjali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà fir-rigward tal-fornituri tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux pubbliċi, l-entitajiet iżgħar mil-limitu massimu tad-daqs tal-intrapriżi medji skont l-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE⁽¹¹⁾ u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, u dawn jenħtieġ li ugwalmart ikopru d-data tal-osservazzjoni u l-illanċjar b'lanċjaturi barra mill-Unjoni.
- (69) Fl-istess ħin, meta titqies fl-intier tagħha, il-linja bażi taċ-ċibersigurtà fis-settur spazjali għandha nuqqas ta' allinjament u koerenza. Filwaqt li r-reżiljenza tal-assi tal-Unjoni nkisbet bil-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, għal parti mill-assi tal-infrastruttura spazjali nazzjonali jaf hemm japplikaw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni. U din id-diverġenza se tkompli biss tikber u tiġġenera assimetriji. Barra minn hekk, il-Programm Spazjali tal-Unjoni jopera b'arkitettura dejjem aktar interkonnessa, li tintegra l-piżijiet tat-tagħbija tas-satelliti kummerċjali nazzjonali. Għalhekk, l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri jenħtieġ li tgħolli l-livelli tar-reżiljenza kif xieraq biex tevita wkoll li tipperikola s-sigurtà tal-assi tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar tevita li tħalli impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali li jappoġġaw attivitajiet kif ukoll entitajiet u setturi kritiċi fis-suq intern.
- (70) L-iżbilanċ attwali ma jinhloqx biss minħabba l-fatt li l-programmi spazjali ġew żviluppati f'binarji paralleli (livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri). Hu marbut ukoll man-nuqqas ta' linja bażi komuni għaċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni tar-riskju li tkun imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura spazjali. Filwaqt li wħud biss mill-Istati Membri adottaw approċċ normattiv, il-livell jew il-profondità ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw madwar is-suq intern kollu. F'ħafna każijiet, ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali tiddependi fuq il-kapaċitajiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rieda tal-kumpaniji li jħaddmu Prattiki tajbin tal-ġestjoni tar-riskju u jintegraw iċ-ċibersigurtà fid-disinn u l-operat tagħhom tal-missjonijiet spazjali.
- (71) Biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni u l-iżbilanċi, jenħtieġ li tiġi stabbilita linja bażi tar-reżiljenza apposta għas-settur spazjali kollu. Dawn ir-regoli jenħtieġ li japplikaw għall-infrastruttura spazjali kollha madwar l-Unjoni, li tkopri l-assi tal-Unjoni u l-assi governattivi u mhux governattivi nazzjonali. Is-segmenti kollha terrestri, spazjali u tal-konnessjonijiet tal-infrastruttura spazjali jenħtieġ li jkunu koperti b'mod koerenti, kif ukoll is-sistemi u s-subsistemi diġitali u fiżiċi, kemm spazjali kif ukoll ibbażati fl-art,

⁽¹¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>).

biex ikunu jkopru r-riskji rilevanti kollha, bħar-riskji ta' interferenzi ċibernetiċi u elettroniki kif ukoll ir-riskji fiżiċi.

- (72) Peress li dan ir-Regolament iżid il-livell ta' armonizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli għas-settur spazjali, dan il-livell ogħla jikkostitwixxi armonizzazzjoni akbar ukoll meta mqabbel mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555. Minħabba f'hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkostitwixxi *lex specialis* fir-rigward tal-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Fl-istess ħin, is-settur spazjali jenħtieġ li jippreserva relazzjoni soda mal-qafas orizzontali ta' ċibersigurtà tal-Unjoni stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konsistenza sħiħa mar-regoli u l-istrateġiji ta' ċibersigurtà adottati mill-Istati Membri u l-istruttura istituzzjonali maħluqa minn dik id-Direttiva. Għalhekk, id-distakk bejn il-linji bażi tar-reżiljenza applikabbli għall-assi tal-Unjoni u għall-assi tal-Istati Membri jenħtieġ li jixxejjen. Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti aktar stretti ta' ġestjoni tar-riskju mmirati għas-settur spazjali biex tinkiseb armonizzazzjoni akbar meta mqabbla mar-rekwiżiti attwali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555.
- (73) Iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali hi importanti ħafna li tkun żgurata waqt il-fażijiet kollha tad-disinn, tal-iżvilupp u tal-operat tal-infrastruttura spazjali. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri sodi tal-ġestjoni tar-riskju tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fażijiet ewlenin kollha. Jenħtieġ li tinkiseb protezzjoni adegwata għall-assi, is-sistemi u d-data kollha, mid-disinn u l-manifattura, tul l-illanċjar u l-operat, sal-istadji ta' tmiem il-ħajja tal-prodott.
- (74) Il-ġestjoni tar-riskju li jagħmlu l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li tissegjes fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju li jridu jsiru fil-livelli ta' segment, ta' sistema u ta' komponent, abbażi ta' xenarji tar-riskju, li jkopru mqar l-assi kritiċi, bħas-sistemi tal-inġinerija, is-software tat-titjir, l-unità tat-telemetrija / tat-telekmand, iċ-ċentri tal-kontroll tal-missjonijiet, jew iċ-ċentri tal-kontroll tal-inġenji spazjali. Il-lista tal-kategoriji tal-assi kritiċi, l-operazzjonijiet u l-istadji, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, li għalihom jenħtieġ li jiġu żviluppati dawn ix-xenarji tar-riskju mill-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif ukoll ix-xenarji tar-riskju u l-metodi tal-mudellar tat-theddid b'appoġġ għal dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, jenħtieġ li tiżviluppaha l-Kummissjoni.
- (75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi zġħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-oġġettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.
- (76) Biex ikun żgurat approċċ komuni għall-operat tal-infrastruttura spazjali kollha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli bażiċi għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-assi u għall-ġestjoni u l-kontroll tad-drittijiet ta' aċċess, biex jiġu salvagwardjati l-aċċessi fis-segment terrestri u l-kontroll tas-segment spazjali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti elementi ewlenin għas-salvagwardja tar-reżiljenza tal-assi, b'mod partikolari l-indirizzar tar-reżiljenza tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun hemm kontroll tekniku effettiv tas-segment spazjali.
- (77) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji minimi ewlenin fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ikunu żgurati Prattiki tal-kriptaġġ sodi, bid-definizzjoni ta' kunċett kriptografiku ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċibersigurtà tal-missjonijiet spazjali,

politika apposta għall-ġestjoni tal-kjavi kriptografiċi, kif ukoll awtentikazzjoni minn tarf sa tarf tal-konnessjonijiet bejn iċ-ċentri tal-kontroll tas-satelliti u s-segment spazjali.

- (78) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ewlenin li jippermettu kontinwità tal-operat u miżuri rapidi u effettivi tar-rispons u tal-irkupru biex jiżguraw rispons effettiv għall-inċidenti u jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tal-missjonijiet spazjali.
- (79) Biex jinkiseb livell għoli ta' reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, u skont il-prattiki attwali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jittestjaw regolarment is-sistemi, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa. Dan l-ittestjar jista' jinkludi t-tweqqif ta' ttestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid fuq is-salvagwardji, rigward il-kundizzjonijiet għat-tweqqif ta' dan l-ittestjar u l-kriterji li jridu jissodisfaw it-testers.
- (80) Il-komplessità tal-katina tal-provvista fis-settur spazjali tista' toħloq riskji speċifiċi taċ-ċibersigurtà, fid-dawl tad-diversi sorsi użati għall-akkwist tal-komponenti. Dawn tal-aħħar spiss jiġu akkwistati minn madwar id-dinja u jaf ma jkollhomx il-kontrolli tal-integrità meħtieġa, speċjalment meta jintegraw jew jgħaqqdu komponenti f'sistemi varji tal-infrastruttura spazjali. Biex jindirizzaw dawn ir-riskji, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista bi strateġiji apposta mmirati biex jonqsu r-riskji fil-katina tal-provvista, billi jużaw kontrolli tal-integrità u tal-awtentiċità tas-software, jistabbilixxu l-kriterji għall-għażla tal-prodotti tas-software, filwaqt li jqisu ċ-ċibersigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni interkonnessi temporanjament, bħal fil-kuntest tal-forniment ta' manutenzjoni jew appoġġ.
- (81) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun parti integrali mill-qafas ġenerali tal-Unjoni għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/696, l-Istati Membri kienu meħtieġa, fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE⁽¹²⁾, issa sostitwita mid-Direttiva 2022/2557, li għall-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri li jkun hemm fit-territorju tagħhom u li tkun parti mill-Programm Spazjali tal-Unjoni jiżguraw miżuri li jkunu mqar ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva. Biex tkun żgurata koerenza sħiħa mar-regoli attwali tal-Unjoni dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u biex tiġi garantita l-kontinwità sħiħa fir-relazzjoni bejn ir-reġim tar-reżiljenza aġġornat ġenerali u r-regoli armonizzati fil-qasam tal-ispazju, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħaddem approċċ simili fir-rigward tar-relazzjoni bejn id-Direttiva (UE) 2022/2557 u dan ir-Regolament. Għalhekk, fir-rigward tar-reżiljenza fiżika tas-segment terrestri, l-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni jenħtieġ li japplikaw il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiżguraw li jkunu mqar ekwivalenti għall-miżuri meħuda skont id-Direttiva (UE) 2022/2557. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif definiti u koperti f'dan ir-Regolament, jistgħu jiġu identifikati bħala entitajiet kritiċi skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 meta jkunu operaturi tal-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija fil-punt (10) tal-Anness ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, dik id-Direttiva tkopri lill-operaturi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn dawn jiġu identifikati mill-Istati Membri

⁽¹²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' l-infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/114/oj>).

bħala entitajiet kritiċi. Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri lill-operaturi spazjali kollha, sew jekk identifikati bħala entitajiet kritiċi u sew jekk le skont dik id-Direttiva. Fl-aħħar nett jenħtieġ li jiġi ċċarat li s-segment terrestri kif definit u kopert f'dan ir-Regolament irid jinftiehem li jkopri l-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija f'dik id-Direttiva.

- (82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557 u b'mod kumplimentari magħha. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.
- (83) Barra minn hekk, skont id-Direttiva (UE) 2022/2557, meta entità kritika tkun wettqet valutazzjonijiet tar-riskju oħrajn jew tkun fasslet dokumenti skont l-obbligi stabbiliti f'atti legali oħra rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-entità kritika, dik l-entità tista' tuża daww il-valutazzjonijiet u d-dokumenti biex tissodisfa ċerti rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2557. F'dan ir-rigward, id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi possibbiltà espliċita għal awtorità kompetenti skont dik id-Direttiva li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet superviżorji tagħha u f'ċerti kundizzjonijiet, tiddikjara li dik il-valutazzjoni hi konformi kompletament jew parzjalment mal-obbligi rilevanti skont dik id-Direttiva.
- (84) Għalhekk, meta jitqiesu r-rabtiet sodi bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) 2022/2557, l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont dawn iż-żewġ atti jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex itejbu s-sinerġiji tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom, b'mod partikolari meta l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa skont dan ir-Regolament mill-operaturi spazjali tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jintużaw biex tintwera l-konformità ma' ċerti rekwiżiti ta' dik id-Direttiva.
- (85) Fir-rigward tar-reżiljenza fiżika tas-segment spazjali, dan ir-Regolament jirrikonoxxi li l-ISOS jikkontribwixxu biex jitjieb il-livell tar-reżiljenza u titwal il-ħajja tal-assi fl-ispażju.
- (86) Minbarra l-istabbiliment ta' regoli ewlenin dwar l-indirizzar u l-investigazzjoni tal-inċidenti, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu tar-rapportar tal-inċidenti mill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, fil-kuntest tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, li jxejjen il-lakuni eżistenti fir-rapportar tal-inċidenti. L-Aġenzija jenħtieġ li tikseb aċċess għall-informazzjoni dwar l-inċidenti sinifikanti għall-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-Unjoni permezz tal-istruttura taċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sigurtà stabbilita fil-kuntest tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, billi tipprovdi appoġġ u monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà tas-sistemi rilevanti. Biex tinkiseb koerenza mal-qafas ġenerali dwar iċ-ċibersigurtà, dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jiġi allinjat mar-rapportar tal-inċidenti stabbilit mid-Direttiva (UE) 2022/2555.
- (87) Barra minn hekk, fir-rigward tar-rapportar ta' inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr

preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit tar-rapportar tal-inċidenti stabbilit bħalissa fid-Direttiva (UE) 2022/2555 jew fid-Direttiva (UE) 2022/2557. Minħabba f'hekk, ir-regoli tar-rapportar skont dawn iż-żewġ Direttivi jenħtieġ likomplu japplikaw għalkollox għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li huma entitajiet essenzjali jew importanti, u rispettivament entitajiet kritiċi, skont dawk id-Direttivi.

- (88) L-awtoritajiet superviżorji stabbiliti mid-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 jistgħu jkunu differenti mill-awtoritajiet kompetenti deżinjati jew stabbiliti skont dan ir-Regolament. Biex jissaħħu l-fehim u l-għarfien ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti rigward id-daqs u l-impatt tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi nazzjonali tal-infrastruttura spazjali lill-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jgħaddu informazzjoni fil-qosor relatata lill-Aġenzija.
- (89) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u skambji regolari bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiġi ssimplifikat ir-rapportar tal-inċidenti fis-settur spazjali u jinkisbu approċċi konsistenti madwar l-Unjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali. In-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni (EUSRN) jenħtieġ li jkollu rwol importanti biex tinbena din il-konsistenza u tkun żgurata l-koordinazzjoni mal-istrutturi rilevanti stabbiliti mill-oqfsa ġenerali taċ-ċibersigurtà u tar-reżiljenza stabbiliti mid-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557, b'mod partikolari man-network tal-iskwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters u n-network Ewropew tal-organizzazzjonijiet ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżi (EU-CyCLONe) stabbilit skont id-Direttiva (UE) 2022/2555, pereżempju billi jipprovdi aġġornamenti sitwazzjonali jew meta l-inċidenti sinifikanti tal-infrastruttura spazjali jista' jkollhom impatt fuq setturi u servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi. B'mod partikolari, il-kalkoli tal-EUSRN ikunu strumentali wkoll fid-direzzjonar tal-proposti għal soluzzjonijiet li jissimplifikaw ir-rapportar tal-inċidenti ċibernetiċi fis-settur spazjali, ħalli dan jiġi allinjat mal-approċċ ta' simplifikazzjoni fil-kuntest tan-NIS 2, u b'hekk iwitti t-triq għal konverġenza sħiħa tas-setturi spazjali u ċibernetiċi, għall-ġid tal-komunità spazjali kollha.
- (90) Il-preservazzjoni tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali u tal-attivitajiet fl-ispazju hi element ewlieni tas-suq uniku għad-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali. Fl-istess ħin, u meta titqies l-importanza tal-ispazju għal firxa kbira ta' applikazzjonijiet (ċivili, tas-sigurtà, tad-difiża), il-miżuri tar-reżiljenza stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu jistgħu jappoġġaw ukoll inizjattivi oħra, bħal fil-kuntest tal-monitoraġġ tat-theddid spazjali fl-iżvilupp tal-Arkitettura tar-Rispons għat-Theddid Spazjali tal-UE. Jekk tissaħħaħ il-komunikazzjoni mill-Aġenzija dwar l-inċidenti rrapportati mill-operaturi spazjali kollha u u tiżdied il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet ċibernetiċi rilevanti, in-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni jkun jista' jgħin fil-kontribut għall-identifikazzjoni u r-rapportar tal-avvenimenti relatati mas-sistemi spazjali li jikkostitwixxu theddida għall-Unjoni u għall-Istati Membri, ħalli dawn ikunu jistgħu jieħdu passi u jikkoordinaw skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/698 (PESK, il-Politika Eterra u tas-Sigurtà Komuni) fejn tidħol is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi introdotti, operati u użati fil-Programm Spazjali tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni.
- (91) Il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiki, tekniki u proċeduri kontenżjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni

speċifika għall-atturi tat-thedd, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt tagħhom.

- (92) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jiskambjaw dik l-informazzjoni b'arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li jipproteġu kif xieraq in-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża u li jkunu regolati minn regoli speċifiċi tal-kondotta, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità kummerċjali, regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹³⁾, u regoli tal-politika tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li taqdi rwol attiv fl-iffaċilitar ta' tali arranġamenti, billi tappoġġa u tippromwovi l-istabbiliment ta' Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni dwar l-Ispazju tal-UE li jibni wkoll fuq l-esperjenza ta' setturi oħra.
- (93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern u titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.
- (94) Bidla lejn prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anki l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju.
- (95) Peress li dan ir-Regolament hu parti mill-isforzi komprensivi tal-Unjoni biex tistabbilixxi qafas ta' politika sod għall-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju ambjentalment sostenibbli, dan jenħtieġ li jikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari. L-istudji dwar l-Impronta Ambjentali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li f'dan is-sens jappoġġaw l-iżvilupp ta' prattiki aħjar tal-ekodisinn u jikkontribwixxu għall-immappjar tal-flussi tal-enerġija u tal-materjali fis-settur spazjali tal-Unjoni, inkluż il-materja prima strateġika u/jew kritika u jippermettu reżiljenza akbar tal-katina tal-provvista.
- (96) Minħabba f'hekk, l-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu jikkalkulaw l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-verifika u l-validazzjoni tal-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma dan.
- (97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali, bħal dawk deskritti fir-

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun tas-sistemi spazjali.

- (98) Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza. Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u thegħgeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. Is-sjieda tal-Unjoni tas-settijiet tad-data derivati jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għas-sjieda tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati trażmessi lill-bażi tad-data tal-Kummissjoni relatata mal-impronta ambjentali. La s-settijiet tad-data derivati u lanqas is-settijiet tad-data aggregati, meta ppubblikati mill-Kummissjoni, ma jistgħu jippermettu r-riingenerija jew id-dekompilazzjoni tad-data b'mod li tiġi identifikata l-orijini tad-data.
- (99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju ekstratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' swieq ġodda (ekonomija spazjali), trawwem is-sostenibbiltà u żżid ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll ittaffi r-riskji relatati mar-residwi spazjali.
- (100) Filwaqt li t-teknoloġija tal-ISOS għandha użu doppju b'mod inerenti, qafas trasparenti bbażat fuq prinċipji ewlenin ittaffi r-riskju ta' użu ħażin tal-kapaċità u tat-teknoloġija fil-kuntest tal-forniment tal-ISOS. Billi l-ewwel operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju diġà huma disponibbli fl-Unjoni, bħal daww għall-ispezzjoni u t-trasport, fl-istess ħin jeħtieġ li jitrawmu r-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija ISOS u li jintwerew teknoloġiji u servizzi ddedikati fl-ispazju.
- (101) Il-missjonijiet spazjali tal-ISOS jaf ikollhom natura kumplessa u għalhekk jeħtieġu tħejjija dettaljata. Inġenju spazjali ta' servizzjant iwettaq operazzjonijiet ta' rendezvous u ta' prossimità bil-livell speċifikat ta' awtonomija u jwettaq operazzjonijiet tipiċi, bħal, pereżempju, operazzjonijiet ta' trakkar, robotiċi u tar-riforniment. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn inġenju spazjali ta' servizzjant u inġenju spazjali klijent jew l-oġġett tar-residwi jenħtieġ li jkun evitat u mitigat b'azzjonijiet xierqa, bħalma hija t-tħejjija tal-inġenju spazjali futur biex jirċievi servizzi fl-ispazju.
- (102) Fir-rigward tal-evitar ta' kolliżjonijiet u r-regoli tat-traffiku orbitali, biex ikunu żgurati servizzi spazjali effiċjenti tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni u l-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni għandhom jikkooperaw flimkien, b'mod partikolari fil-każ ta' Twissija HIE.
- (103) Peress li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-awtorizzazzjonijiet lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, għall-fażijiet kollha ta' missjoni spazjali, kull inġenju spazjali awtorizzat individwali jeħtieġ aċċess għad-data sa tmiem il-ħajja tiegħu. Biex jingranaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet eżistenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq il-kapaċitajiet tas-Sħubija UE-SST biex iwettqu l-monitoraġġ tul il-fażijiet tal-orbita u ta' tmiem il-ħajja.

- (104) Kwalunkwe reazzjoni effiċjenti għal Twissija tal-HIE bejn żewġ inġenji spazjali differenti teħtieġ djalogu bejn l-operaturi involuti tal-inġenji spazjali. Biex ikun żgurat li dak id-djalogu jkun jista' jinbeda malajr, il-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA jenħtieġ li jservi ta' faċilitatur, billi jżomm il-punti tal-kuntatt differenti għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni.
- (105) Minħabba n-numru dejjem akbar ta' twissijiet HIE, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreaġixxu għal dawn it-twissijiet aktar ta' spiss. Malli jirċievi twissija HIE, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet jipproponi lista ta' azzjonijiet lill-operatur spazjali tal-Unjoni. Biex jiġi ffaċilitat il-ħin tar-rispons għall-fornitur tas-servizz tal-evitar tal-kolliżjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura standardizzata għar-regoli tat-triq.
- (106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti waħda jew aktar li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikun awtorità waħda biss li taġixxi bħala punt tal-kuntatt uniku għal dak l-Istat Membru, biex tiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni.
- (107) Hemm bżonn tissaħħaħ il-konverġenza tas-setgħat għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, biex ikun jista' jsir infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament fis-suq intern kollu. Setgħat minimi komuni flimkien ma' riżorsi adegwati jenħtieġ li jiggarrantixxu l-effettività superviżorja. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġu fdati b'sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Waqt l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u jibqgħu awtonomi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-membri tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-doveri tagħhom u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli tal-kunfidenzjalità.
- (108) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati, inkluż billi jiġu stabbiliti penali effettivi, proporzjonati u dissuażivi għall-ksur tar-regoli. Meta jivvalutaw l-ammont tal-multi, l-Istati Membri jenħtieġ li f'kull każ individwali jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni speċifika, b'kunsiderazzjoni xierqa, b'mod partikolari, tan-natura, tal-gravità u tad-durata tal-ksur, tal-permanenza tad-danni kkawżati jew ta' kull ksur preċedenti.
- (109) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw flimkien u jiskambjaw prattiki tajbin dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament inkluż, pereżempju, bl-għoti ta' assistenza reċiproka u investigazzjonijiet konġunti mwettqa b'rispett sħiħ tal-proċeduri nazzjonali.
- (110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' daww l-oqsma. F'ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u esperti tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

- (111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu preservati arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' daww il-valutazzjonijiet tekniċi.
- (112) L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jistabbilixxu u jużaw korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li jużaw is-sistema tal-akkreditazzjoni prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁴⁾ meta jiddeżinjaw awtorità tan-notifika għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju.
- (113) Biex ikun żgurat livell konsistenti ta' kwalità, għarfien espert u integrità fit-twettiq tal-valutazzjoni teknika dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, jeħtieġ jiġu stabbiliti rekwiżiti b'rabta mal-kompetenza, l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess ta' daww il-korpi. L-awtoritajiet tan-notifika tal-Istati Membri jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għodda elettronika tan-notifika żviluppata u ġestita mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-korpi notifikati għal oqsma oħra tas-suq intern (is-sistema tal-informazzjoni NANDO).
- (114) L-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet tekniċi u l-opinjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-punt uniku tal-kuntatti jew l-iskwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konverġenza superviżorja u tinholq kultura li tosserva s-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet skont id-Direttiva 2022/2555.
- (115) Għal eżerċizzju effettiv tal-kompiti mogħtija minn dan ir-Regolament hu essenzjali li l-Aġenzija jkollha strutturi ta' governanza adattati. Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord tal-Konformità u jingħata l-kompitu li jwettaq il-valutazzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa ħalli l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi fuq l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u fuq ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-operaturi tal-pajjiżi terzi li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni.
- (116) Biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb u indipendenti tal-Aġenzija, il-Membri tal-Bord tal-Konformità jenħtieġ li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn ma jfittxux, ma jobdux jew ma jiħdux struzzjonijiet mingħand gvern ta' Stat Membru, mingħand istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji tal-Unjoni jew mingħand xi entità pubblika jew privata. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-Regoli ta' Proċedura.
- (117) Meta tinqala' l-ħtieġa li jiġu diskussi materji relatati ma' kompiti jew aspetti ta' interess għall-Aġenzija jew il-korpi tal-Unjoni, jew relatati direttament ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali rigward assi tal-infrastruttura spazjali ta' tali pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, jew meta l-Bord tal-Konformità jkun jeħtieġ kjarifiki jew informazzjoni mingħand awtorità superviżorja rilevanti ta' pajjiżi terzi dwar aspetti meta l-Bord tal-Konformità jrid jaċċerta l-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi ma' dan ir-Regolament, il-parteċipazzjoni bħala osservaturi jenħtieġ li tkun possibbli, soġġetta għal arranġamenti

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj>).

oħra li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' tali pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet rilevanti.

- (118) Biex iħaddem il-kompetenzi speċifiċi, il-ħiliet tekniċi u l-għarfien esperti tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispażju, il-Bord tal-Konformità jenħtieġ li juża l-kapaċitajiet superviżorji u tekniċi nazzjonali billi jwaqqaf sottokumitati apposta dwar materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali, u jgħaqqad timijiet konġunti multidixxiplinari ddedikati biex iwettqu l-verifiki tekniċi.
- (119) Għall-finijiet ta' detezzjoni tal-ksur ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jeħtieġ ikollhom setgħat, għodod u riżorsi effettivi biex jiggarrantixxu effettività superviżorja sħiħa. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikseb setgħat superviżorji u teżiġi li l-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni stabbiliti f'pajjiżi terzi jtemmu l-ksur u jimponu multi u pagamenti tal-penali.
- (120) Fir-rigward tas-setgħat ta' investigazzjoni u spezzjoni, l-aċċess għall-bini tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi jaf ikun meħtieġ meta l-fornituri tas-servizzi spazjali li ntalbu informazzjoni jonqsu milli jikkonformaw mat-talba, jew meta jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu d-dokumenti li magħhom għandha x'taqsam it-talba għall-informazzjoni. Dan l-aċċess jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ftehim tal-entità tal-pajjiż terz u l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz.
- (121) Ir-rispett tad-drittijiet ta' difiża tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jkun żgurat tul il-proċess kollu tar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità kontinwa mill-Aġenzija, b'mod partikolari billi jingħata d-dritt li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet motivati għall-finijiet tal-valutazzjonijiet preliminari relatati mar-reġistrazzjoni, u d-dritt ta' appell tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija quddiem il-Bord tal-Appell tagħha li għadu kif ġie stabbilit.
- (122) Is-setgħat kollha tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u b'osservanza tal-prinċipji rikonoxxuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt ta' libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal protezzjoni tal-konsumatur, id-dritt għal rimedju effettiv, id-dritt ta' difiża. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.
- (123) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst sett ta' regoli proċedurali għall-eżekuzzjoni tas-setgħat investigattivi. Meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jsibu indikazzjoni serja li jeżistu fatti li jistgħu jikkostitwixxu ksur wieħed jew aktar ta' dan ir-Regolament, dawn jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' difiża tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat jew tal-fornitur tas-servizzi spazjali ta' pajjiż terz. Fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri interim, meta jkun hemm bżonn azzjoni urġenti biex jiġi evitat dannu imminenti u sinifikanti, l-Aġenzija u l-Kummissjoni jistgħu jistabbilixxu skadenzi iqsar għall-operatur spazjali kkonċernat biex jikkummenta u joffru l-opportunità li jikkummenta biss bil-miktub.

- (124) Biex jitħarsu b'mod effettiv id-drittijiet ta' difiża fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha tal-Aġenzija, għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali u biex jitnaqqas il-piż fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija jenħtieġ li tipprovdli l-possibbiltà lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jappellaw id-deċiżjonijiet meħuda bis-setgħat mogħtija lill-Aġenzija b'dan ir-Regolament u indirizzati lilhom, jew li jkollhom interess dirett u individwali għalihom.
- (125) Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord tal-Appell biex jiżgura li l-partijiet affettwati mid-deċiżjonijiet adottati mill-Aġenzija jkollhom mezz kif jistgħu jiksbu r-rimedji meħtieġa. Il-Bord tal-Appell jenħtieġ li jkun indipendenti minn kull struttura regolatorja u amministrattiva tal-Aġenzija u jenħtieġ li ma jkun marbut bl-ebda struzzjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell jenħtieġ li jkunu soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
- (126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, abbażi tal-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi, u jistrieħ ukoll fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁵⁾. Peress li dan ir-Regolament hu l-ewwel approċċ regolatorju fil-livell tal-Unjoni fil-qasam, jenħtieġ li jitħaddem approċċ bilanċjat u gradwali anki fir-rigward tal-istandardizzazzjoni. Ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa għall-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku mill-Aġenzija, kif ukoll għas-smewwiet mudlama u kwiet, jenħtieġ li jiġu żviluppati bil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards b'rabta ma' rekwiżit essenzjali bħal dan. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'ċirkostanzi limitati filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni.
- (127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.
- (128) L-Iskemi tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jxejnu d-differenzi attwali li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' standards differenti jew prattiki mhux żviluppati, u b'hekk jgħinu biex jissawwar approċċ komuni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Skema tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni bl-involvement tal-Istati Membri, tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni (EUSLG) u tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Partijiet Ikkonċernati (SSLG), immexxija mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Aġenzija. L-EUSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fis-settur spazjali u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, filwaqt li l-SSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-akkademiċi.
- (129) Wara talba bħal din, l-Aġenzija jenħtieġ li mingħajr dewmien żejjed tħejji skemi kandidati għall-ambitu u s-suġġett speċifikati. L-Aġenzija, permezz ta'

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj>).

konsultazzjonijiet pubbliċi, jenħtieġ li tevalwa kwalunkwe impatt probabbli tat-talba tal-Kummissjoni fuq is-suq, speċjalment kwalunkwe impatt potenzjali fuq l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, fuq l-innovazzjoni, l-ostakli għad-dħul fis-suq, jew il-kostijiet involuti.

- (130) Jenħtieġ li jintgħażel grupp ta' esperti biex jiġu evalwati r-rekwiżiti tekniċi għal kull Skema tat-Tikkettar individwali. Il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-akkademja u mill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kollizzjonijiet deżinjat minn dan ir-Regolament, filwaqt li jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn l-esperti, il-kontenut tal-Iskema tat-Tikkettar, u l-applikanti.
- (131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ u ta' akkumpanjament tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament.
- (132) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa l-kriterji u l-metodoloġija biex tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fl-evalwazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà, u b'hekk tiffaċilita l-komparabbiltà tar-rieżamijiet superviżorji, u tispeċifika x'jikkostitwixxi tfixkil operazzjonali serju tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa, jew tas-servizzi pprovduti minn operatur spazjali. L-użu tal-prodotti kriptografiċi jenħtieġ li jiġi speċifikat f'aktar dettall mill-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati li jridu jiġu żviluppati għall-prodotti kriptografiċi li jridu jiġu ċċertifikati bl-iskemi futuri taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, abbażi tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁶⁾, ħalli tiġi garantita l-protezzjoni tat-telemetrija u tat-telekmandi.
- (133) Fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika f'aktar dettall, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli li jinkludu metodoloġija speċifika għall-kalkolu u l-verifika tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju.
- (134) Biex ikun żgurat li l-qafas regolatorju jirrifletti kif xieraq l-evoluzzjonijiet fil-progress tekniku jew impenji ġodda tal-Unjoni skont konvenzjonijiet internazzjonali, u għalhekk ikun jista' jiġi adattat kif meħtieġ, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-ordni ta' preferenza għat-tneħħija ta' inġenju spazjali f'LEO, tirrikonoxxi l-progress teknoloġiku fir-rigward tal-operazzjonijiet u s-servizzi fl-ispazju (ISOS), tissupplimenta r-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà u l-elementi inklużi fihom, il-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà, ir-rekwiżiti għar-reżiljenza fiżika, is-sistemi u l-mekkaniżmi tad-detezzjoni tal-istazzjonijiet terrestri, il-protezzjoni tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni, ir-riżerva meħtieġa biex tkun żgurata sopravivenza adegwata tas-segment spazjali u biex jiġu ffaċilitati l-irkupru malajr minn inċident u l-ġestjoni tar-riskji tal-katina tal-provvista. Is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-użu tal-prodotti kriptografiċi ċċertifikati u ta' prodotti jew servizzi tal-ġestjoni tal-kjavi għall-protezzjoni tat-

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (<http://data.europa.eu/eli/reg/2019/881/oj>).

telemetrija u tat-telekmandi, billi tispeċifika l-kriterji għal tfixxil operattiv serju ta' attivitajiet fl-ispazju jew servizzi spazjali, billi tispeċifika għall-ISOS il-mod operattiv u r-rekwiżiti meħtieġa għal tneħħija attiva tar-residwi, billi tispeċifika l-ammont ta' tariffi imposti mill-Aġenzija u l-mod kif iridu jitħallsu, billi tispeċifika l-impożizzjoni ta' multi u l-ħlasijiet perjodiċi tal-penali, billi tispeċifika l-kriterji għall-kompożizzjoni u l-għarfien espert tal-persunal tal-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni għall-Bordijiet Tekniċi, u billi tispeċifika l-oqsma li jibbenefikaw minn kofinanzjament. Hu partikolarment importanti li tul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anki fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin meta jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni involuti fit-tnejn tal-atti delegati.

- (135) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tagħti deċiżjonijiet ta' ekwivalenza abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, biex tagħti derogi lil-lanċjaturi meta tiġi ssodisfata kundizzjoni ta' interess pubbliku, biex tippermetti lil entità pubblika ta' pajjiż terz tipprovdi servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni sakemm jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali, biex tiżviluppa miżuri tal-evitar tal-kolliżjonijiet waqt l-illanċjar, ir-riskju ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, il-mitigazzjoni tar-residwi spazjali tal-lanċjaturi, it-traċċabbiltà tal-inġenji spazjali, ir-regoli tat-traffiku orbitali, il-pożizzjonament tal-inġenji spazjali ġol-orbita, il-mitigazzjoni tar-residwi spazjali tal-inġenji spazjali, il-kostellazzjonijiet tal-inġenji spazjali, biex tispeċifika l-kontenut u l-mudelli għar-rappurtar tal-inċidenti sinifikanti, biex tispeċifika l-metodu tal-kalkolu u l-verifika tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, u l-mudelli u l-kontenut għar-rappurtar fir-rigward tad-Dikjarazzjoni tal-Impronta Ambjentali, biex tispeċifika l-prinċipji tad-disinn għall-SSIs u l-Moduli Funzjonali tas-Satellita Kompożabbli u Skambjabbli għall-ISOS, biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkopru r-rekwiżiti tekniċi għaċ-ċertifikat elettroniku u għas-smewwiet mudlama u kwieti, biex tistabbilixxi mudelli għall-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni, u biex tadotta Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ġodda jew emendati. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁷⁾.
- (136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati fl-URSO.
- (137) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

- (138) Il-konformità mar-regoli dwar is-sostenibbiltà ambjentali mill-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa wara 48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament filwaqt li r-rekwiżiti relatati mad-dispożizzjoni tal-ISOS jenħtieġ li jkunu japplikaw wara 60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (139) Barra minn hekk, dan ir-Regolament jikkunsidra kif xieraq it-tul tat-tħejjija għal missjoni spazjali u r-restrizzjonijiet tekniċi u kumplessi tat-tappi differenti tul il-fażijiet tal-inġinerija u tal-manifattura tal-inġenju spazjali. Jidher li hemm bżonn perjodu tranżizzjonali biex jiġu akkomodati dawk ir-restrizzjonijiet relatati mal-aġġustamenti tekniċi meħtieġa fil-fażijiet preparatorji ta' missjoni spazjali, fil-kuntest tal-fażi tar-rieżami tad-disinn kritiku.
- (140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Titolu I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali.
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali fis-servizzi spazjali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data bbażata fuq l-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:
 - (a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju;
 - (b) regoli dwar il-ġestjoni tat-traffiku orbitali, permezz tal-forniment ta' servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet;
 - (c) aspetti ta' governanza u infurzar;
 - (d) stabbiliment ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni u miżuri għall-bini tal-kapaċità.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-fornituri tas-servizzi spazjali li ġejjin:
 - (a) l-operaturi spazjali;
 - (b) il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet;
 - (c) il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju;
 - (d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.
2. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-Kapitoli I u V, ma japplikawx għall-orbiti lil hinn mill-orbita ġeostazzjonarja tad-Dinja (GEO).
3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:
 - (a) l-oġġetti spazjali użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, irrispettivament minn liema fornitur tas-servizzi spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;
 - (b) l-oġġetti spazjali mqiegħda temporanjament għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari, għad-durata tal-missjoni spazjali rispettiva;
 - (c) l-awtorizzazzjoni jew il-ġestjoni tal-ispettru tar-radju regolati mid-Deċiżjoni 676/2002/UE, mid-Direttiva (UE) 2018/1972 u mid-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE;
 - (d) l-assi llanċjati qabel l-1 ta' Jannar 2030.
4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I, rigward id-disinn u l-manifattura tal-oġġetti spazjali għandhom japplikaw għall-oġġetti spazjali li l-operazzjoni tagħhom tkun tiġġenera data bbażata fuq l-ispazju li tintuża fl-Unjoni jew li tippermetti l-forniment ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.

Artikolu 3

Moviment liberu

1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestrinġu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.
2. Minkejja l-paragrafu 1, meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħroġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva, sa fejn dawh ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi soġġetti għal awtorizzazzjoni fit-territorji tagħhom.
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.

Artikolu 4

Klawżola dwar is-sigurtà nazzjonali

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat.

Artikolu 5

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjoni li ġejjin:

- (1) “oġġett spazjali” tfisser oġġett magħmul mill-bniedem li jintbagħat fl-ispazju ekstrasferiku, inkluż inġenju spazjali u l-istadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar;
- (2) “inġenju spazjali” tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satelliti, l-istadji ta' fuq tal-lanċjatur, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;
- (3) “kostellazzjoni” tfisser grupp ta' oġġetti spazjali li jikkonsisti minn imqar 10 inġenji spazjali operazzjonali, iżda mhux aktar minn 99 minn daww l-inġenji spazjali, li jaħdmu flimkien għal missjoni spazjali komuni, soġġetti għal pjan orbitali predefinit ta' introduzzjoni;
- (4) “megakostellazzjoni” tfisser kostellazzjoni li fiha mqar 100 inġenju spazjali operattiv, iżda mhux aktar minn 999 minn daww l-inġenji spazjali;
- (5) “gigakostellazzjoni” tfisser kostellazzjoni li fiha mqar 1000 inġenju spazjali operazzjonali;
- (6) “reġjun GEO protett” tfisser segment tal-qoxra sferika definit b'dan li ġej: $\text{altitudni } t'_{\text{isfel}} = \text{altitudni } \text{ġeostazzjonarja} - 200 \text{ km}$ $\text{altitudni } t'_{\text{fuq}} = \text{altitudni } \text{ġeostazzjonarja} + 200 \text{ km}$ - $15\text{-il grad} \leq \text{latitudni} \leq +15\text{-il grad}$ $\text{altitudni } \text{ġeostazzjonarja}$ (35.786 km hi l-altitudni tal-orbita ġeostazzjonarja tad-Dinja);
- (7) “klassi tal-minisatelliti” tfisser klassi ta' satelliti li jiżnu 201 kg jew aktar, u anqas minn 600 kg;
- (8) “missjoni spazjali” tfisser missjoni definita mill-utent li trid titwettaq b'oġġett spazjali;
- (9) “infrastruttura spazjali” tfisser kwalunkwe assi jew sett ta' assi, sistemi u subsistemi jew partijiet minnhom, użati biex jitwettqu attivitajiet fl-ispazju, bl-interazzjoni u l-operat tas-segmenti terrestri, spazjali u ta' konnessjoni;
- (10) “segment terrestri” tfisser is-segment tal-infrastruttura spazjali li jinsab fid-Dinja, li jinsab ġo jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jinkludi l-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija fl-Anness tad-Direttiva (UE) 2022/2557, u li jinkludi stazzjonijiet terrestri, terminals, it-tagħmir ibbażat fl-art meħtieġ biex jikkomunika ma' oġġetti spazjali u jappoġġa t-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju, ċentri tal-kontroll tal-missjonijiet u ċentri tal-kontroll terrestri oħrajn, infrastruttura terrestri ġenerika, networks terrestri, faċilitajiet awżiljarji, bħall-faċilitajiet tal-assemblaġġ, l-ittestjar u l-integrazzjoni (AIT) tal-inġenji spazjali,

il-pjattaforma tal-illanċjar u l-infrastruttura relatata meħtieġa għat-tweġġ tal-attivitajiet tal-illanċjar;

- (11) “segment spazjali” tfisser is-segment tal-infrastruttura spazjali li jinsab fl-ispazju ekstrasferiku, inkluż l-oġġetti spazjali, l-istazzjonijiet spazjali, is-sondi spazjali, is-sistemi tat-trasport spazjali bl-ekwipaġġ, u l-hardware u s-software abbord fis-sistemi tal-informazzjoni, u materjal jew tagħmir ieħor abbord;
- (12) “data bbażata fuq l-ispazju” tfisser data riċevuta mill-ispazju ekstrasferiku, inkluż iżda mhux limitata għal data ta’ interċettazzjoni, ta’ lokalizzazzjoni, ta’ trażmissjoni ta’ sinjal iġġenerat minn oġġett spazjali, jew data ta’ osservazzjoni, u li toriġina mid-Dinja, korp ċelesti, oġġett spazjali jew mill-ispazju ekstrasferiku;
- (13) “attivitajiet fl-ispazju” tfisser sett ta’ operazzjonijiet meta jitweġġu attivitajiet fl-ispazju ekstrasferiku, b’mod partikolari:
 - (a) operazzjoni u kontroll ta’ oġġetti spazjali, inkluż għad-dħul mill-ġdid;
 - (b) servizzi tal-illanċjar, inkluż it-tentattivi tal-illanċjar;
 - (c) operazzjoni u manutenzjoni ta’ siti u faċilitajiet tal-illanċjar;
 - (d) attivitajiet relatati mal-esplorazzjoni tal-ispazju ekstrasferiku, bħat-titjirijiet tal-bniedem lejn l-ispazju, it-trasport fl-ispazju, u t-tweġġ tal-esperimenti, fosthom dawk ta’ natura xjentifika, fl-ispazju ekstrasferiku;
 - (e) attivitajiet relatati mal-użu u l-ġestjoni tal-oġġetti spazjali fl-ispazju ekstrasferiku, bħal operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju (ISOS);
 - (f) operazzjonijiet li jinvolvu l-monitoraġġ ta’ residwi spazjali;
 - (g) operazzjonijiet li jinvolvu d-disponiment ta’ residwi spazjali;
- (14) “servizzi spazjali” tfisser xi wieħed mis-servizzi li ġejjin:
 - (a) operazzjoni u kontroll ta’ oġġett spazjali;
 - (b) il-forniment ta’ servizzi tal-illanċjar, u l-forniment ta’ servizzi tal-operat u tal-manutenzjoni tas-siti tal-illanċjar;
 - (c) xi wieħed mis-servizzi pprovduti minn fornitur primarju ta’ data bbażata fuq l-ispazju;
 - (d) operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju (ISOS);
 - (e) servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet;
- (15) “fornitur tas-servizzi spazjali” tfisser fornitur tas-servizzi spazjali kopert minn dan ir-Regolament;
- (16) “operatur spazjali” tfisser entità pubblika jew privata li topera l-infrastruttura spazjali, billi twettaq imqar wieħed mis-servizzi spazjali li ġejjin, abbażi ta’ awtorizzazzjoni jew reġim speċifiku għat-tweġġ ta’ programm spazjali nazzjonali:
 - (a) l-operat, il-kontroll u r-ritorn ta’ oġġett spazjali (“operatur ta’ inġenju spazjali”);

- (b) l-operat, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-proċess tal-illanċjar ta' oġġett spazjali ("operatur tal-illanċjar");
 - (c) l-operat, il-kontroll u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet fis-segment terrestri tal-infrastruttura spazjali użata għall-proċess tal-illanċjar ("operatur tas-sit tal-illanċjar");
 - (d) l-operazzjoni u l-kontroll ta' oġġett spazjali għall-finijiet tal-forniment ta' operazzjoni u servizz fl-ispazju, inkluż għal oġġetti spazjali oħra ("fornitur tal-ISOS");
- (17) "operatur spazjali tal-Unjoni" tfisser operatur spazjali stabbilit fl-Unjoni, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew minn persuna ġuridika li tkun fornitur tas-servizzi spazjali stabbilit fl-Unjoni;
- (18) "kontroll" tfisser, għall-finijiet tal-punt (17), il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali direttament, jew indirettament tramite entità legali intermedjarja waħda jew aktar;
- (19) "operatur spazjali ta' pajjiż terz" tfisser operatur spazjali stabbilit f'pajjiż terz li jwettaq xi wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) jipprovdi servizzi spazjali lil operatori spazjali tal-Unjoni, jew b'rabta ma' assi spazjali definiti fil-punti (20) u (21),
 - (b) jaġixxi bħala fornitur primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju, jew
 - (c) jipprovdi servizzi lil fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju;
- (20) "assi tal-Unjoni" tfisser assi tanġibbli u intanġibbli tal-Unjoni maħluqa jew żviluppati permezz tal-Programm Spazjali tal-Unjoni msemmi fl-[Artikolu 9\(1\) tar-Regolament \(UE\) 2021/696](#) u fl-[Artikolu 1 tar-Regolament \(UE\) 2023/588](#);
- (21) "assi spazjali governattivi jew mhux governattivi" tfisser assi għajr dawk definiti fil-punt (20), kemm jekk proprjetà pubblika kif ukoll privata, operati minn awtorità pubblika jew minn parti privata stabbilita fi Stat Membru, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili;
- (22) "fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju" tfisser fornituri ta' servizzi spazjali, stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, li jibdwew l-ewwel ipproċessar tad-data bbażata fuq l-ispazju li jkun teknikament biżżejjed biex iwassal għal forniment sussegwenti ta' data bbażata fuq l-ispazju, kif ġej:
- (a) il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, meta d-data bbażata fuq l-ispazju kkonċernata tkun komunikazzjoni;
 - (b) il-fornituri tas-servizzi spazjali li jiżguraw l-ewwel ipproċessar tad-data tal-osservazzjoni, qabel ipproċessar ieħor tagħha, meta id-data bbażata fuq l-ispazju kkonċernata tkun data tal-osservazzjoni;
- (23) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi servizzi spazjali fl-Unjoni jew data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata minn oġġetti spazjali mqiegħda f'orbita mhux aktar 'il bogħod mill-GEO u mħaddma minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal dawn;
- (24) "fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet" tfisser fornitur ta' servizzi tal-evitar tal-kolliżjonijiet, inkluż l-entità tal-Evitar tal-Kolliżjonijiet (l-entità CA) fl-Unjoni, jew fornituri tal-evitar tal-kolliżjonijiet stabbiliti f'pajjiż terz;

- (25) “istituzzjoni tar-riċerka u tal-edukazzjoni” tfisser fornitur ta’ servizzi spazjali li jwettaq attivitajiet fl-ispazju għal skopijiet esperimentali, kemm jekk juża r-riżultati ta’ dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le;
- (26) “intrapriżi żgħir u medji” (“SMEs”) tfisser intrapriżi żgħir u ta’ daqs medju kif definiti fl-[Artikolu 2 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE](#);
- (27) “kumpaniji żgħar b’kapitalizzazzjoni medja” (SMCs) tfisser intrapriżi kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2025) 3500 final;
- (28) “entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata” tfisser operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, li japplikaw il-ġestjoni tar-riskju simplifikata msemmija fl-Artikolu 10(3) u fl-Artikolu 15(2);
- (29) “vettura tal-illanċjar” tfisser sistema, parti mis-segment spazjali, li tkun iddisinjata biex iġġorr oġġett spazjali wieħed jew aktar lejn l-ispazju ekstrasferiku;
- (30) “stadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar” tfisser element sħiħ ta’ vettura tal-illanċjar li ġie ddisinjat biex joħloq forza propulsiva definita waqt fażi apposta fl-operazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u jilħaq orbita;
- (31) “servizz tal-illanċjar” tfisser servizz maħsub biex iqiegħed oġġett spazjali ġo orbita, inkluż it-tentattivi tal-illanċjar;
- (32) “sit tal-illanċjar” tfisser post fid-Dinja, li jkun parti mis-segment terrestri tal-infrastruttura spazjali, li minnu jsir l-illanċjar ta’ oġġett spazjali;
- (33) “avvenimenti ta’ interess għoli (HIEs)” tfisser avviċinamenti qrib li jkollhom livell għoli tar-riskju u li potenzjalment ikunu jeħtieġu manuvri tal-evitar tal-kolliżjonijiet li jrid jagħmilhom operatur spazjali;
- (34) “operazzjoni nominali” tfisser l-eżekuzzjoni ta’ kompiti ppjanati jew il-funzjonament li għalih ikun ġie ddisinjat inġenju spazjali jew stadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar;
- (35) “messaġġi ta’ data ta’ konġunzjoni” tfisser informazzjoni dwar konġunzjoni bejn żewġ oġġetti spazjali;
- (36) “evitar tal-kolliżjonijiet” tfisser l-eżekuzzjoni ta’ manuvri tal-evitar tal-kolliżjonijiet biex jitnaqqas ir-riskju ta’ kolliżjoni fl-ispazju ekstrasferiku;
- (37) “delta V” tfisser iż-żieda fil-veloċità meħtieġa biex tintlaħaq orbita jew trajettorja tat-titjir speċifika;
- (38) “oġġett ta’ interess” tfisser kwalunkwe oġġett involut fi kwalunkwe sitwazzjoni li jista’ jaffettwa l-oġġetti spazjali l-oħra jew is-sitwazzjoni fid-Dinja;
- (39) “dħul mill-ġdid” tfisser ir-ritorn permanenti ta’ oġġett spazjali fl-atmosfera tad-Dinja;
- (40) “disponiment” tfisser sett ta’ azzjonijiet imwettqa minn inġenju spazjali jew minn stadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar, bl-appoġġ jew mingħajru ta’ inġenju spazjali ta’ servizzant, biex jitnaqqas b’mod permanenti r-riskju ta’ frammentazzjoni aċċidentali u biex jinkiseb ikklerjar fit-tul tal-orbiti;

- (41) “fażi tad-disponiment” tfisser l-intervall bejn tmiem il-missjoni spazjali ta’ inġenju spazjali jew ta’ stadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar u tmiem il-ħajja tagħha;
- (42) “tmiem il-ħajja” tfisser il-mument meta inġenju spazjali jew stadju orbitali ta’ vettura tal-illanċjar jintefa b’mod permanenti, nominalment hekk kif ilesti l-fażi tad-disponiment, jerġa’ jidħol fl-atmosfera tad-Dinja, jew ma jkunx jista’ jibqa’ jiġi kkontrollat minn operatur spazjali;
- (43) “tmiem il-missjoni” tfisser il-fażi meta inġenju spazjali jew stadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar ilesti l-kompiti li jkun ġie ddisinjat għalihom, minbarra d-disponiment tiegħu, issir mhux funzjonali bħala konsegwenza ta’ falliment, jew jitwaqqaf b’mod permanenti b’deċiżjoni volontarja;
- (44) “passivazzjoni” tfisser l-att ta’ tnaqqis permanenti, diżattivir irriversibbli, jew li jagħmel sikuri s-sorsi abbord kollha tal-enerġija maħżuna li kapaċi jikkawżaw frammentazzjoni aċċidentali;
- (45) “residwi spazjali” tfisser kwalunkwe oġġett spazjali, inkluż l-inġenji spazjali jew frammenti u elementi tagħhom, ġol-orbita tad-Dinja u ġol-orbita lunari, jew li jerġgħu jidħlu ġol-atmosfera tad-Dinja jew ġol-eżosfera lunari, li mhumiex funzjonali jew li ma għadhomx jaqdu xi skop speċifiku, inkluż partijiet tar-rokits jew ta’ satelliti artifiċjali, jew satelliti artifiċjali mhux attivi;
- (46) “network u sistema tal-informazzjoni” tfisser in-network u s-sistema ta’ informazzjoni definiti fl-[Artikolu 6, il-punt \(1\), tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#);
- (47) “sigurtà tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni” tfisser sigurtà tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni kif definiti fl-[Artikolu 6, il-punt \(2\), tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#);
- (48) “infrastruttura kritika” tfisser infrastruttura kritika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2022/2557;
- (49) “ċentru tal-kontroll ta’ missjoni” tfisser l-element fis-segment terrestri ddedikat għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni ta’ missjoni spazjali;
- (50) “ċentru tal-kontroll ta’ satellita” tfisser l-element tas-segment terrestri ddedikat għall-kontroll tal-konfigurazzjoni tal-pjattaforma satellitari;
- (51) “kontroll tekniku effettiv” tfisser l-assigurazzjoni ta’ operatur spazjali li oġġett spazjali jeżegwixxi biss kmandi mibgħuta minn sorsi awtorizzati u li daww il-kmandi jiġu eżegwiti fl-ordni xierqa u fil-mument maħsub;
- (52) “telemetrija/telekmand” tfisser il-konnessjonijiet li jittrażmettu t-telemetrija mis-segment spazjali lejn is-segment terrestri u l-konnessjonijiet li jibagħtu t-telekmand mis-segment terrestri lejn is-segment spazjali;
- (53) “reżiljenza” tfisser l-abbiltà ta’ prevenzjoni, protezzjoni minn, rispons u reżistenza, taffija, assorbiment, akkomodar, u rkupru minn inċident;
- (54) “theddida ċibernetika” tfisser theddida ċibernetika kif definita fl-[Artikolu 2, il-punt \(8\), tar-Regolament \(UE\) 2019/881](#);
- (55) “theddida ċibernetika sinifikanti” tfisser theddida ċibernetika sinifikanti kif definita fl-[Artikolu 6, il-punt \(11\), tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#);
- (56) “inċident” tfisser avveniment li jikkomprometti xi wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) id-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tad-data maħżuna, trażmessa jew ipproċessata, jew tas-servizzi offruti minn network u sistemi tal-informazzjoni, jew aċċessibbli permezz tagħhom, jew
- (b) is-sigurtà fiżika tal-assi tal-infrastruttura spazjali u tal-operaturi spazjali;
- (57) “indirizzar ta’ inċident” tfisser indirizzar ta’ inċident kif definit fl-[Artikolu 6, il-punt \(8\), tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#);
- (58) “kategoriji tal-impatt addizzjonali” tfisser kategoriji tal-informazzjoni ambjentali li jaqgħu barra mill-kategoriji tal-impatt tal-impronta ambjentali (EF) ikkalkulati u kkomunikati flimkien mar-riżultati tal-impronta ambjentali tal-prodott (PEF);
- (59) “sett tad-data aggregat” tfisser inventarju taċ-ċiklu tal-ħajja (LCI) ta’ diversi proċessi unitarji jew stadji taċ-ċiklu tal-ħajja, li għalihom l-inputs u l-outputs jingħataw biss fil-livell aggregat, orizzontalment jew vertikament;
- (60) “sostenibbiltà ambjentali” tfisser l-abbiltà ta’ preservazzjoni u protezzjoni tal-ambjent naturali tad-Dinja maż-żmien, bi Prattiki u politiki xierqa li jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali mingħajr ma jikkompromettu d-disponibbiltà tar-riżorsi fil-futur;
- (61) “diżaggregazzjoni” tfisser il-proċess li jaqşam sett tad-data aggregat f’settijiet tad-data iżgħar ta’ proċessi unitarji orizzontali jew vertikali;
- (62) “sett tad-data derivat” tfisser sett tad-data miksub bil-kombinament, permezz ta’ operazzjonijiet matematiċi, ta’ żewġ settijiet tad-data jew aktar, jew bil-kombinament ta’ mqar sett tad-data wieħed ma’ informazzjoni addizzjonali sostanzjali jew settijiet tad-data oħra;
- (63) “operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju (ISOS)” tfisser attivitajiet imwettqa fl-ispazju (fuq orbita u fl-ispazju ekstrasferiku) biex jiġu pprovduti servizzi fuq assi fis-segment spazjali u li jinkludu t-twettiq ta’ kompiti bħal spezzjoni, rendezvous, trakkar, tiswija, riforniment, rikonfigurazzjoni, manifattura, assemblaġġ u żarmar, użu mill-ġdid, riċiklaġġ, tneħħija u trasport ta’ oġġetti operazzjonali, mhux operazzjonali u difettużi (residwi) fl-ispazju, b’inġenju spazjali tas-servizzjant bi grad għoli ta’ awtonomija, inkluż pjattaformi jew strutturi akbar;
- (64) “operazzjoni tal-ISOS” tfisser l-eżekuzzjoni tal-kompiti ppjanati tal-ISOS li jinvolvu oġġett spazjali wieħed jew aktar;
- (65) “inġenju spazjali ta’ servizzjant tal-ISOS” tfisser inġenju spazjali ddisinjat speċifikament għall-fini li jipprovdri ISOS speċifiċi;
- (66) “inġenju spazjali klijent” tfisser inġenju spazjali li jirċievi l-ISOS;
- (67) “awtorità kompetenti” tfisser awtorità pubblika stabbilita jew deżinjata bħala awtorità kompetenti f’konformità mal-Artikolu 28;
- (68) “korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju” tfisser korp tekniku stabbilit fi Stat Membru li jwettaq valutazzjoni teknika b’rabta mal-materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali koperti minn dan ir-Regolament u li jkun ġie notifikat lill-Kummissjoni f’konformità ma’ dan ir-Regolament;

- (69) “valutazzjoni teknika” tfisser il-proċess li juri li l-fornituri tas-servizzi spazjali jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti f’dan ir-Regolament;
- (70) “standard” tfisser standard armonizzat kif definit fl-[Artikolu 2\(1\) tar-Regolament \(UE\) Nru 1025/2012](#);
- (71) “speċifikazzjonijiet komuni” tfisser sett ta’ rekwiżiti tekniċi, li mhumex standards, li jipprovdu mezzi ta’ konformità mar-rekwiżiti applikabbli għaċ-ċertifikat elettroniku u t-tniġġis tad-dawl u tar-radju;
- (72) “fatturat” tfisser l-ammont derivat minn impriża skont it-tifsira tal-[Artikolu 5\(1\) tar-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 139/2004](#);
- (73) “Tikketta Spazjali tal-Unjoni” tfisser dokument maħruġ mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit fl-[Artikolu 1 tar-Regolament \(UE\) 2021/696](#) (“l-Aġenzija”) li jattesta li oġġett spazjali partikolari għie evalwat għall-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza, tar-reżiljenza, jew tas-sostenibbiltà ambjentali stipulati fi Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;
- (74) “Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni” tfisser sett komprensiv ta’ regoli, rekwiżiti tekniċi, standards u proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-kontroll tal-konformità ta’ prodotti, proċessi, servizzi, inklużi attivitajiet tal-ittestjar u tal-ispezzjoni mwettqa fir-rigward ta’ materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali;
- (75) “rieżami tad-disinn kritiku” tfisser l-istadju fil-proċess tal-inġinerija, tal-manifattura u tal-iżvilupp, li jiddetermina li d-disinn u l-konfigurazzjoni tas-sistemi u tas-subsistemi jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati kollha tal-missjoni spazjali, mil-lat ta’ prestazzjoni, kompatibbiltà, speċifikazzjonijiet tal-prodott, valutazzjoni tar-riskju, ippjanar tat-testijiet preliminari, adegwatezza tal-operazzjoni preliminari u provvista ta’ dokumenti ta’ appoġġ, li jippermettu lill-proċess jissokta għall-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistema.

Titolu II

AWTORIZZAZZJONI U REĠISTRAZZJONI GĦALL- ATTIVITAJIET FL-ISPAZZJU

Kapitolu I

AWTORIZZAZZJONI TAL-OPERATORI SPAZJALI TAL- UNJONI

Artikolu 6

Awtorizzazzjoni għat-twettiq ta’ attivitajiet fl-ispazju

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ma għandhomx jipprovdu servizzi spazjali sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni fi Stat Membru biex iwettqu attivitajiet fl-ispazju li juru konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I sa V, kif applikabbli, skont il-kategorija tal-operatur spazjali kkonċernat.

2. Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V.
3. Għandha tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun stabbilit u, kif applikabbli, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak l-applikant ikun beħsiebu jopera jew, rispettivament, jillanċja, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-istabbiliment.
L-awtoritajiet kompetenti ta' daww il-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni biex jiffaċilitaw il-proċessi tal-awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom.
4. Għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni, awtorità kompetenti għandha tqis l-opinjoni maħruġa mill-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8.
5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkun beħsiebhom jirrikorru għas-servizzi spazjali pprovduti minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, fl-applikazzjoni tagħhom għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 17 jew mal-Artikolu 18, rispettivament.
Meta l-proċedura tar-reġistrazzjoni fl-URSO tkun għadha ma tlestietx, l-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jikkoordina mill-qrib mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali, mal-awtorità kompetenti rilevanti u mal-Aġenzija, inkluż billi jitlob aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċess tar-reġistrazzjoni.
L-Aġenzija għandha tipprovdi dawn l-aġġornamenti minnufih biex jiġi evitat id-dewmien bla bżonn fil-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni.
6. Meta tinqala' l-ħtieġa ta' forniment ta' servizzi spazjali minn operatur spazjali ta' pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali wara l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni, bħal fil-każ tal-ISOS, operatur spazjali tal-Unjoni għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan, u jipprovdilha l-prova tar-reġistrazzjoni fl-URSO ta' dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali.

Artikolu 7

Proċess tal-awtorizzazzjoni

1. Applikant għandu japplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6(3).
2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u bl-evidenza ta' sostenn li turi l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli.
3. Fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni, l-applikant għandu jindika lill-awtorità kompetenti liema huma l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju li l-applikant ikun beħsiebu juża għall-valutazzjoni teknika tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, kif applikabbli.
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċessi biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jibagħtu l-fajl tekniku lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju indikati mill-applikant, jew biex l-applikant ikun jista' jindirizza direttament lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju.

5. Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I sa V, kif applikabbli, u fi żmien 6 xhur mid-data tal-wasla tal-fajl tekniku għandu joħroġ opinjoni fir-rigward tal-konformità tal-attivitajiet fl-ispazju previsti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I sa V, kif applikabbli.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu bis-sħiħ il-valutazzjoni teknika mwettqa fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, skont l-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu.
6. Fi żmien 12-il xahar mid-data tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni u għandha tinforma b'dan lill-applikant.

L-iskadenza għandha tiġi sospiża sakemm tingħata l-informazzjoni sħiħa mill-applikant wara talba mingħand l-awtorità kompetenti.
7. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni fl-URSO, awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Aġenzija dwar kull operatur spazjali tal-Unjoni u kull fornitur primarju tas-servizzi spazjali awtorizzati u dwar kull operatur spazjali ta' pajjiż terz li tkun awtorizzat biex jillanċja mit-territorju tagħha.

Artikolu 8

Valutazzjonijiet tekniċi

1. Meta jistabbilixxu s-sistemi tal-awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk il-valutazzjonijiet tekniċi għandhomx isiru minn:
 - (a) il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju;
 - (b) l-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku speċifiku fil-materji koperti minn dan ir-Regolament;
 - (c) l-Aġenzija;
 - (d) kombinament ta' daww imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).
2. L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jużaw is-sistema msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, għandhom jiżguraw li l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jkunu stabbiliti fit-territorju tagħhom.

Għall-finijiet ta' twettiq tal-valutazzjonijiet tekniċi dwar xi materja koperta mit-Titolu IV, il-Kapitolu I sa V, l-Istati Membri għandhom jużaw il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju stabbiliti fit-territorju tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti stabbilita skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2002/2555 tkun kompetenti biex twettaq il-valutazzjoni teknika dwar materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, ħlief meta joperaw l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (20).
3. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), li jipprovdu attivitajiet ta' valutazzjoni teknika għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu I, it-Taqsima 3.

L-Istati Membri li jużaw is-sistema msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom jiżguraw l-infurzar ġudizzjarju tal-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-għażla tagħhom lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 u kwalunkwe bidla fiha.

Artikolu 9

Awtorizzazzjoni għall-kostellazzjonijiet

1. Meta l-operatur spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jwettaq missjoni spazjali li tinvolvi l-illanċjar ta' kostellazzjoni satellitari, dan għandu jissottometti applikazzjoni quddiem l-awtorità kompetenti għal awtorizzazzjoni unika li tkun tkopri l-illanċjar jew, kif applikabbli, l-illanċjar u l-operat, fir-rigward tas-satelliti kollha li jkunu parti mill-kostellazzjoni, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) is-satelliti kollha ppjanati li jiġu llanċjati tul il-missjoni spazjali rispettiva jkunu identiċi u jwettqu l-istess kompiti bl-istess mod;
 - (b) l-illanċjar tas-satelliti kollha jiġi ppjanat li jsir bl-istess vettura tal-illanċjar u mill-istess sit tal-illanċjar.
- L-operatur spazjali tal-Unjoni għandu jiżgura li s-satelliti li jkunu parti mill-kostellazzjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, u jiddikjara li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu huma ssodisfati.
2. Jekk, wara l-wasla ta' applikazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti mwettqa fir-rigward ta' satellita partikolari li trid tiġi llanċjata fil-missjoni spazjali rispettiva, turi konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ awtorizzazzjoni għall-kostellazzjoni satellari kollha ("awtorizzazzjoni unika").
3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, mid-data tal-għoti tal-awtorizzazzjoni unika, iwettqu spezzjonijiet aleatorji fuq kwalunkwe parti minn daww is-satelliti tal-kostellazzjoni li ma kinitx soġġetta għall-kontroll *ex ante* li fuqu kienet ibbażata l-awtorizzazzjoni unika.
4. L-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni unika meta r-riżultati tal-ispezzjonijiet għall-għarrieda jistabilixxu nonkonformità tas-satellita mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni.
5. Meta l-ispezzjonijiet għall-għarrieda msemija fil-paragrafu 3 jidentifikaw aspetti kunfliġġenti mad-dikjarazzjoni msemija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, iżda bla ma jammontaw għal nonkonformità, u l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, filwaqt li jqisu l-ispezzjonijiet tal-operatur spazjali tal-Unjoni, ma jsibu l-ebda riskju maġġuri għall-missjoni spazjali rispettiva, l-awtorità kompetenti tista' timponi penali.
6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet għall-illanċjar tal-kostellazzjonijiet satellitari meta jllanċjaw l-ewwel lott ta' satelliti tal-ġenerazzjoni l-ġdida.

Artikolu 10

Reġimi ħfief

1. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adattati għall-operaturi spazjali tal-Unjoni msemija fil-paragrafi 2, 3 u 4, kif previst f'dawn il-paragrafi.

2. L-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jew li jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat- Titolu IV, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, kif stabbilit fl-Artikolu 62.
3. L-entitajiet li japplikaw għestjoni tar-riskju simplifikata għandhom jikkonformaw, fir- rigward tat- Titolu IV, il-Kapitolu II, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79(1), l- ewwel subparagrafu, biss fir-rigward tal-assi kritiċi u tal-funzjonijiet kritiċi.
4. Meta l-operaturi spazjali, li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni, iwettqu missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni għal- Orbita (IOD/IOV), dawn għandhom jiġu eżentati fir-rigward tat- Titolu IV, il- Kapitolu III, mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 96(2).

Kapitolu II

AWTORIZZAZZJONI LILL-OPERATORI SPAZJALI TAL- UNJONI LI JOPERAW ASSI TAL-UNJONI

Artikolu 11

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni

1. Meta l-attivitajiet fl-ispazju jitwettqu fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-entità fdata bl-eżekuzzjoni jew bl-operazzjoni tal-komponent rispettiv tal-Programm tal-Unjoni.

L-awtorizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tissejjes fuq valutazzjoni teknika mwettqa mill-Aġenzija rigward l-issodisfar mill-applikant tar- rekwiżiti stabbiliti fit- Titolu IV, il-Kapitolu I, II, III, IV u V.

2. Skont il-governanza speċifika tal-komponent tal-Programm tal-Unjoni, l-entità applikanti għandha tipprovdi d-dettalji u l-ispejgazzjonijiet tekniċi kollha lill- Aġenzija u lill-Kummissjoni li juru l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit- Titolu IV, il-Kapitolu I, II, III, IV u V.

3. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni tal-entità għall- awtorizzazzjoni, l-Aġenzija għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hix kompluta.

Meta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta, jew meta tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l- entità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa jew tagħti kjarifika.

Wara li tivvaluta l-applikazzjoni bħala kompluta, l-Aġenzija għandha tinnotifika lill- applikant kif xieraq.

Artikolu 12

Eżami mill-Aġenzija

1. Fi żmien 6 xhur mid-data tan-notifika msemmija fl-Artikolu 11(3), it-tielet subparagrafu, l-Aġenzija għandha teżamina, skont l-Artikolu 43(1), il-punt (a), l- applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, billi tivvaluta jekk l-applikant:

- (a) għandux l-affidabbiltà, il-kapaċità u l-kompetenza kollha meħtieġa biex iwettaq attivitajiet fl-ispazju;

- (b) jiżgurax konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u kif applikabbli ma' kull rekwiżit speċifiku meħtieġ mill-implimentazzjoni tal-missjoni spazjali, fil-kuntest tal-Programm Spazjali msemmi fir-Regolament (UE) 2021/696 jew fir-Regolament (UE) 2023/588, li għalih tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni;
- (c) ma johlqx theddida għall-ordni pubbliku, is-sikurezza tal-persuni u l-proprjetà, u għas-saħħa pubblika fl-Unjoni.

L-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni motivata għalkollox li tipproponi lill-Kummissjoni toħroġ jew tirrifjuta awtorizzazzjoni, abbażi tal-valutazzjoni teknika biex tivvaluta l-konformità mwettqa f'konformità mal-Artikolu 43(1), il-punt (a).

L-Aġenzija għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Kummissjoni minnufih.

2. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-wasla tad-deċiżjoni tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni li toħroġ jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni u għandha tinnotifikaha lill-applikant minnufih. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ malli tiġi notifikata lill-applikant.
Il-Kummissjoni għandha toħroġ awtorizzazzjoni biss meta l-applikant ikun jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.
3. L-Aġenzija għandha tirreġistra mingħajr dewmien fl-URSO lill-operaturi spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

Artikolu 13

Sospensjoni jew irtirar ta' awtorizzazzjoni

1. Operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni għandu jirrapporta minnufih lill-Aġenzija:
 - (a) kull avveniment mhux previst li jaf ikun jeħtieġ modifika fl-awtorizzazzjoni tiegħu;
 - (b) kull terminazzjoni ppjanata jew imminenti tal-attività tiegħu.
2. L-Aġenzija għandha tipproponi lill-Kummissjoni li tissospendi jew tirtira, kif applikabbli, l-awtorizzazzjoni meta operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni:
 - (a) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni b'dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi irregolari oħra;
 - (b) ma jibqax konformi mal-kundizzjonijiet li skonthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni u ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-Kummissjoni.
3. Mhux aktar tard minn xahrejn mill-wasla tal-proposta tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew l-irtirar proposti.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih id-deċiżjoni tagħha lill-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi tal-Unjoni.

Kapitolu III

FORNITORI TA' SERVIZI SPAZJALI MINN PAJJIŻI TERZI U ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Artikolu 14

Forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali minn operatori spazjali ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

1. L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17 fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali u għandhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1), għandhom jipprovdu servizzi spazjali lill-operaturi spazjali tal-Unjoni u fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u tal-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21).
2. Biex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu, bis-saħħa tat-trattati tagħhom, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, kif applikabbli, għandu jkun hemm fis-seħħ il-ftehimiet imsemmija fl-Artikoli 107 u 108, rispettivament.
L-organizzazzjonijiet internazzjonali li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, skont l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu rreġistrati fl-URSO u jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1).
3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika meta l-organizzazzjoni internazzjonali tkun twettaq biss attivitajiet ta' valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).

Artikolu 15

Regoli applikabbli għall-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 62, 66, 67, 69 sa 73, 75 sa 92, u 96 sa 100.
Barra minn hekk, l-operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi għandhom:
 - (a) jabbonaw għal fornitur pubbliku jew kummerċjali tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet;
 - (b) jiżguraw li l-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fil-punt (a) ikollu l-mezzi tekniċi biex jivvaluta l-evitar tal-kolliżjonijiet u jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV;
 - (c) jinnotifikaw lill-Aġenzija, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-URSO, l-isem u d-dettalji tal-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fil-punt (a).L-Aġenzija għandha żżid l-informazzjoni msemmija fil-punt (c), fil-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 67(1).
2. L-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u għall-operaturi tas-siti tal-illanċjar tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 61, 75 sa 92, u 96 sa 100.
3. Il-fornituri tal-ISOS ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tal-ISOS tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 101.

4. Il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kollizzjonijiet ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kollizzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikoli 102 u 103.

Artikolu 16

Regoli għall-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi minn ġurisdizzjonijiet ekwivalenti

L-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li huma stabbiliti f'pajjiżi terzi li għalih il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, f'konformità mal-Artikolu 105, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.

Artikolu 17

Reġistrazzjoni tal-fornituri tas-servizzi spazjali ta' pajjiżi terzi

1. Abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippermetti r-reġistrazzjoni, skont il-paragrafu 5, l-Aġenzija għandha tirreġistra fl-URSO lill-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li juru l-konformità mar-rekwiżiti tat-Titolu IV, kif stabbilit fl-Artikolu 16 jew fl-Artikolu 15.
2. Meta tkun inkisbet deroga f'konformità mal-Artikolu 19, l-operaturi tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu rreġistrati fl-URSO abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni mingħajr ma jikkonformaw ma' xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15.

Meta tkun intalbet deroga minn Stat Membru biex operatur spazjali tal-Unjoni jkun jista' jillanċja ma' operatur spazjali ta' pajjiżi terzi, dak l-operatur spazjali ta' pajjiżi terzi għandu jipprovdi evidenza ta' dik it-talba lill-Aġenzija.
3. Biex jikseb reġistrazzjoni fl-URSO skont il-paragrafu 1, operatur spazjali ta' pajjiżi terzi għandu jippreżenta applikazzjoni lill-Aġenzija. L-applikazzjoni għandu jkun fiha l-evidenza kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità kif imsemmi fil-paragrafu 1.

L-Aġenzija għandha żżomm l-evidenza kollha li jkun taħta l-applikanti tul il-proċedura tar-reġistrazzjoni.
4. L-Aġenzija għandha tivvaluta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u għandha tinnotifika lill-operatur spazjali ta' pajjiżi terzi bl-eżitu tal-valutazzjoni preliminari tagħha. L-Aġenzija għandha tippermetti lil dak l-operatur spazjali ta' pajjiżi terzi jissottometti dikjarazzjoni motivata u jipprovdi spjegazzjoni jew evidenza addizzjonali.
5. Fi żmien sa 5 xhur mill-wasla tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tiegħu deċiżjoni li tapprova jew tiċħad ir-reġistrazzjoni fl-URSO ta' operatur spazjali ta' pajjiżi terzi.
6. Il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni bbażata fuq il-proposta tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 5 u għandha tinnotifika dik id-deċiżjoni lill-operatur spazjali ta' pajjiżi terzi u lill-Aġenzija.
7. Meta jkun japplika l-Artikolu 16, l-Aġenzija għandha tirreġistra abbażi ta' dan li ġej:
 - (a) l-operatur spazjali ta' pajjiżi terzi ikun awtorizzat f'pajjiżi terzi u jkun soġġett għal superviżjoni kontinwa f'pajjiżi terzi;
 - (b) il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 105.

8. Meta tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal deroga f'konformità mal-Artikolu 19, l-Aġenzija għandha ttipproċedi għar-reġistrazzjoni tal-operatur spazjali ta' pajjiż terz fl-URSO wara li l-Kummissjoni tkun adottat id-deċiżjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 19(5), l-ewwel subparagrafu.

Artikolu 18

Reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet internazzjonali

1. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107 jew fl-Artikolu 108, l-Aġenzija għandha tirreġistra l-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-URSO.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Artikolu 17(3), (4), (5), (7) u (8), u l-Artikoli 19, 21 u 22 għandhom japplikaw kif xieraq.

Artikolu 19

Derogi

1. Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tippermetti lill-Aġenzija tirreġistra operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz li ma jkunx konformi ma' waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' interess pubbliku msemmija fil-paragrafu 2.

Stat Membru għandu jippreżenta applikazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu.

Għall-assi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, b'inizjattiva tagħha stess, tivvaluta jekk il-kundizzjoni ta' interess pubbliku msemmija fil-paragrafu 2 hix issodisfata.

2. Fir-rigward tas-servizzi tal-illanċjar, Stat Membru għandu juri li s-servizzi tal-illanċjar pprovduti minn operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz jiffaċilitaw l-aċċess għall-ispazju u l-użu tal-ispazju, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

- (a) ma jkunx hemm sostitut disponibbli faċilment jew alternattiva realistika fl-Unjoni għas-servizzi tal-illanċjar ipprovduti mill-operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz rispettiv;
- (b) is-servizzi tal-illanċjar ipprovduti mill-operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz rispettiv ikunu jippromwovu l-kapaċitajiet teknoloġiċi ta' importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri.

3. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, għandha:

- (a) tidentifika l-operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz li għalih tintalab deroga;
- (b) tispeċifika b'mod ċar, mhux ambigwu u eżawrjenti r-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 15(2), li għalihom qed tintalab deroga;
- (c) tiddekrivi d-dettalji tekniċi meħtieġa rigward il-missjoni spazjali kkonċernata;
- (d) tipprovdi l-evidenza meħtieġa biex turi li r-rekwiżiti l-oħra huma ssodisfati.

L-applikazzjoni rigward operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz għandha ttipproponi, meta possibbli, miżuri ta' mitigazzjoni alternattivi biex tiżgura li jintlaħqu l-oġettivi tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 15(2), li għalihom tintalab deroga, jew tal-anqas jintlaħqu parzjalment.

4. Malli tirċievi l-applikazzjoni msemija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tibgħatha lill-Aġenzija. Fi żmien xahar, l-Aġenzija għandha toħroġ valutazzjoni teknika dwar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 li mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni għal deroga.
5. Fi żmien xahrejn mill-wasla tal-valutazzjoni teknika maħruġa mill-Aġenzija skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' dik il-valutazzjoni teknika, tadotta deċiżjoni li tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz rispettiv, meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni ta' interess pubbliku msemija fil-paragrafu 2 ġiet issodisfata, jew inkella tadotta deċiżjoni li tirrifjuta li tagħti dik id-deroga, meta l-Kummissjoni tikkonkludi li dik il-kundizzjoni ta' interess pubbliku mhix issodisfata.

Dawk id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati bħala atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 114(2).
6. Meta l-Kummissjoni tagħti, skont il-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, deroga lil operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz, din għandha tagħti deroga fl-istess waqt lill-operatur spazjali tal-Unjoni li juża s-servizzi tal-illanċjar tal-operatur tal-illanċjar ta' pajjiż terz rispettiv.

Artikolu 20

Entitajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi

1. Meta jintalab minn entità pubblika ta' pajjiż terz biex titħalla tipprovdi servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni, jew meta jintalab min Stat Membru, kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, għandha qabelxejn tivvaluta jekk dik l-entità pubblika ta' pajjiż terz hix entità governattiva jew jekk toperax jew għandhiex assi tal-infrastruttura spazjali li huma sistemi militari, inkluż b'użu ċivili.

Fl-assistenza teknika tagħha pprovduta lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tidentifika l-attivitajiet u s-servizzi rilevanti kollha pprovduti minn dik l-entità pubblika ta' pajjiż terz u għandha tidentifika l-assi rilevanti kollha tal-infrastruttura spazjali li dik l-entità pubblika ta' pajjiż terz topera jew għandha s-sjieda tagħha.
2. Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tħalli lil entità pubblika ta' pajjiż terz tipprovdi servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni.

B'appoġġ għall-applikazzjoni tiegħu, Stat Membru jista' jindika interess pubbliku għal Stat Membru wieħed jew aktar biex jikseb, jew kif applikabbli, biex jissalvagwardja aċċess kontinwu u mingħajr xkiel għad-data bbażata fuq l-ispazju jew għas-servizzi spazjali rispettivi pprovduti minn dik l-entità pubblika ta' pajjiż terz, u jista' jagħti prova tal-konsegwenzi għas-swieq rilevanti fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell tal-Istat Membru, jekk jitlef dak l-aċċess.
3. Il-Kummissjoni tista', b'inizjattiva tagħha stess, twettaq il-valutazzjoni msemija fil-paragrafu 1.
4. Meta, mal-valutazzjoni msemija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm nuqqas ta' riskji għas-sigurtà għall-Unjoni jew għall-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tħalli lill-entità pubblika ta' pajjiż terz rispettiva tipprovdi servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni.

Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika sad-data meta jidħol fis-seħħ ftehim internazzjonali konkluż mal-pajjiż terz rispettiv, li jirregola l-kundizzjonijiet għal entità pubblika ta' pajjiż terz biex tipprovdi servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-isparju fl-Unjoni, jew sad-data meta l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz, skont liema waħda tiġri l-ewwel.

L-Aġenzija għandha tirreġistra mingħajr dewmien fl-URSO lill-entità pubblika ta' pajjiż terz ikkonċernata abbażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu.

Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi adottata bħala att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Artikolu 21

Klawżola ta' emerġenza

1. Meta jiġru xi emerġenza jew kriżi fi Stat Membru, jew meta inċident jew attakk jikkawża tfixkil li jaffettwa lil Stati Membri oħrajn jew lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni mill-aktar fis possibbli, b'inizjattiva tagħha stess jew wara talba tal-Istat Membru kkonċernat.

Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippermetti l-użu tad-data bbażata fuq l-isparju jew tas-servizzi spazjali mingħand fornituri ta' servizzi spazjali mhux irreġistrati fl-URSO, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

2. Mill-aktar fis possibbli, u skont il-gravità, it-tul u l-effetti tal-emerġenza, tal-kriżi jew tat-tfixkil rispettivi, id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkonfermata, revokata jew estiża f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 22

Sospensjoni jew irtirar ta' reġistrazzjoni

1. L-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tissospendi jew tirtira r-reġistrazzjoni fl-URSO ta' operatur spazjali ta' pajjiż terz, meta:
 - (a) abbażi ta' evidenza dokumentata, l-Aġenzija tistabbilixxi li l-operatur spazjali ta' pajjiż terz ma għadux konformi ma' rekwiżit wieħed jew aktar stabbiliti fl-Artikolu 16 jew fl-Artikolu 15, kif applikabbli, u ma jistax japplika r-rimedji meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità kontinwa magħhom;
 - (b) l-awtorità superviżorja rilevanti ta' pajjiż terz tkun issospendiet jew irtirat l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni jew tal-illanċjar mogħtija lill-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat.
2. Qabel ma tissottometti proposta lill-Kummissjoni għal sospensjoni jew irtirar ta' reġistrazzjoni, għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-Aġenzija għandha twettaq djalogu mal-operatur spazjali ta' pajjiż terz ikkonċernat, dwar ir-raġunijiet, il-kuntest, l-ambitu u l-gravità tan-nonkonformità, u dwar ir-rimedji u l-iskadenzi li hemm bżonn biex dak l-operatur spazjali ta' pajjiż terz jiżgura l-konformità, b'kunsiderazzjoni xierqa ta' kull hteġa teknika ta' adattament.

Tul dak id-djalogu, l-Aġenzija għandha tagħti l-opportunità lill-operatur spazjali ta' pajjiż terz ikkonċernat biex jissottometti osservazzjonijiet abbażi tar-raġunijiet li l-Aġenzija jkun beħsiebha tadotta l-proposta tagħha, biex jipprovdi spjegazzjonijiet u jissottometti dokumentazzjoni u evidenza rilevanti b'appoġġ għall-ispegazzjonijiet tiegħu, inkluż kull analiżi teknika, u biex jikseb il-konformità.

3. Mhux aktar tard minn xahrejn mill-wasla tal-proposta msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni.
4. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), u mqar 30 jum qabel toħroġ deċiżjoni ta' sospensjoni jew irtirar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità superviżorja rilevanti ta' pajjiż terz bl-intenzjoni tagħha li tissospendi jew tirtira r-reġistrazzjoni fl-URSO.
5. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtoritajiet kompetenti b'kull azzjoni jew miżura li trid tiġi adottata f'konformità mal-paragrafi 2 u 4.

L-Aġenzija għandha tippubblika sommarju tal-informazzjoni dwar is-sospensjoni jew l-irtirar fuq is-sit web tagħha u l-portal tal-URSO.

6. Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi jew tirtira reġistrazzjoni fl-URSO għandha tidħol fis-seħħ f'data li għandha tiġi speċifikata fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Meta tistabbilixxi dik id-data, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi bi proposta tal-Aġenzija, għandha tqis iż-żmien li jaf ikun hemm b'żonn għall-adattament tal-kuntratti rilevanti. Skont il-komplessità tal-adattamenti kuntrattwali li jaf ikun hemm b'żonn, id-data tal-irtirar tar-reġistrazzjoni ma għandhiex tkun aktar tard minn 16-il xahar mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-irtirar.

Artikolu 23

Rappreżentant legali fl-Unjoni

1. L-operaturi spazjali ta' pajjiż terz għandhom jiddeżinjaw bil-miktub persuna legali waħda jew aktar f'wiehied mill-Istati Membri biex jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tagħhom fl-Unjoni.
2. Ir-rappreżentant legali fl-Unjoni għandu jingħata mandat mill-operatur spazjali ta' pajjiż terz biex jiġi indirizzat flimkien ma', jew minflok, l-operatur spazjali ta' pajjiż terz, mill-awtoritajiet kompetenti, mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija, fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-konformità ma' dan ir-Regolament. Dan għandu jkollu s-setgħat u r-riżorsi kollha meħtieġa biex jiggarantixxi kooperazzjoni effiċjenti u fil-ħin ma' dawh l-awtoritajiet.

Kapitolu IV

FORNIMENT TA' DATA BBAŻATA FUQ L-ISPAZZJU U SERVIZZI SPAZZJALI FL-UNJONI U T-TRAĊĊABBILTÀ ELETTRONIKA

Artikolu 24

Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO)

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi Regjistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO) għar-reġistrazzjoni ta':
 - (a) l-operaturi spazjali tal-Unjoni awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 6(1) u notifikati lill-Aġenzija mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 7(7);
 - (b) l-operaturi spazjali tal-Unjoni li huma entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponent rispettiv tal-Programm tal-Unjoni, abbażi ta' awtorizzazzjoni maħruġa lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 12(2);
 - (c) operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li għalihom tkun ġiet adottata deċiżjoni ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 17(1);
 - (d) organizzazzjonijiet internazzjonali rreġistrati skont l-Artikolu 18(1).
2. L-Aġenzija għandha tfassal, taġġorna u tippubblika fuq is-sit web tal-URSO il-listi konsolidati tal-fornituri kollha tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1.
3. L-URSO għandu jkollu inventarju u pjattaforma ċentralizzata.

Artikolu 25

Ċertifikat elettroniku

1. Mat-tlestija tar-reġistrazzjoni fl-URSO, l-Aġenzija għandha toħroġ u tagħti ċertifikat elettroniku lill-fornituri tas-servizzi spazjali ħliel lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet.
2. Iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika l-missjoni(jiet) spazjali u l-oġġett(i) spazjali li jkunu ġġeneraw id-data bbażata fuq l-ispazju jew li jkunu ppermettew il-forniment ta' servizzi spazjali; u għandu jafferma l-konformità ta' dawk l-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. Mal-kuntratti tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punti (a), (c) u (d), għall-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni għandu jinhemeż iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fil-paragrafu 1.
4. L-informazzjoni li ġejja għandha tintbagħat mill-awtoritajiet kompetenti, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, skont l-Artikolu 7(7), u direttament mill-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex l-Aġenzija tkun tista' toħroġ u tiġġenera ċ-ċertifikat elettroniku msemmi fil-paragrafu 1:
 - (a) dettalji dwar il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat, bħall-isem, l-indirizz fiżiku, l-indirizz web, l-Istat Membru jew, kif applikabbli, il-pajjiż terz ta' stabbiliment u awtorizzazzjoni, l-isem u l-indirizz tal-awtorità kompetenti jew, kif applikabbli, tal-awtorità superviżorja rilevanti tal-pajjiż terz;
 - (b) dettalji dwar it-tip ta' servizzi spazjali mwettqa, li jindikaw l-Istat(i) Membru/i jew il-pajjiżi terzi fejn dawn ikunu qed jitwettqu;
 - (c) dettalji tekniċi dwar l-oġġett spazjali operat jew illanċjat u l-missjoni spazjali rispettiva.
5. Għall-finijiet tat-talba għall-istandards imsemmija fl-Artikolu 104, iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) iċ-ċertifikat elettroniku għandu jiddetermina li data bbażata fuq l-ispazju partikolari tiġi ġġenerata waqt l-użu ta' missjoni spazjali u oġġett spazjali identifikati b'mod ċar;

- (b) għad-data tal-osservazzjoni, iċ-ċertifikat elettroniku għandu jippermetti t-traċċar tal-fluss tad-data bbażata fuq l-ispazju, mill-ġenerazzjoni tagħha minn oġġett spazjali partikolari, sal-inkorporazzjoni fl-ewwel servizz spazjali li juża dik id-data bbażata fuq l-ispazju;
 - (c) iċ-ċertifikat elettroniku għandu jkun ibbażat fuq algoritmi li jaċċertaw l-integrità tad-data bbażata fuq l-ispazju waqt l-inkorporazzjoni tagħha fis-servizzi sussegwenti.
6. Għall-finijiet tal-ġenerazzjoni taċ-ċertifikat elettroniku msemmi fil-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' titlob, kif xieraq, assistenza teknika mingħand l-awtoritajiet kompetenti u mingħand il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-elementi msemmija fil-paragrafu 5.

Artikolu 26

Forniment ta' servizzi spazjali u data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni

1. Meta l-fornituri tas-servizzi spazjali, ħliel il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kollizzjonijiet, jipprovdu għall-ewwel darba, data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, dawn għandu jkollhom iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1).
2. Dawn għandhom jiżguraw li iċ-ċertifikat elettroniku jinhemeż mal-kuntratti tagħhom għall-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju jew ta' servizzi spazjali.

Artikolu 27

Rekwiżiti għall-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju

1. Il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju għandhom jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni biss meta dik id-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali rreġistrati fl-URSO.
2. Meta l-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jirċievu twissijiet jew ilmenti dwar irregolaritajiet potenzjali, dawn għandhom jinfurmaw lill-fornituri tagħhom u fl-istess waqt jikkuntattjaw lill-Aġenzija jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.

Titolu III

ASPETTI TA' GOVERNANZA

Kapitolu I

GOVERNANZA FL-ISTATI MEMBRI

TAQSIMA 1

AWTORITAJIET KOMPETENTI

Artikolu 28

Deżinjazzjoni jew stabbiliment tal-awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja jew jistabbilixxi awtorità pubblika biex taġixxi bħala awtorità kompetenti, responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-supervizzjoni tal-operaturi spazjali tal-Unjoni u għal kwalunkwe attività ta' sorveljanza tas-suq meħtieġa biex jiġi ssalvagwardjat l-użu tad-data bbażata fuq l-ispazju f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-indipendenza, l-għarfien espert, ir-riżorsi finanzjarji u umani, il-kapaċità operazzjonali u s-setgħat meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 29

Kompiti superviżorji fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw l-attivitajiet fl-ispazju li jwettqu l-operaturi spazjali tal-Unjoni u għandhom b'mod partikolari:
 - (a) jikkontrollaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (b) iwettqu investigazzjonijiet;
 - (c) iżommu rekords interni tal-ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (d) jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, biex jiżguraw il-konsistenza mal-Unjoni kollha fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;
 - (e) jippromwovu l-għarfien u l-fehim tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (f) iwettqu awditjar;
 - (g) jitolbu lill-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju jwettaq valutazzjonijiet tekniċi f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (a);
 - (h) iwettqu rieżamijiet, fil-kuntest tal-kompiti superviżorji, tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità mill-operaturi spazjali tal-Unjoni;
 - (i) jirraportaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet superviżorji ewlenin fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw superviżjoni xierqa tal-operaturi spazjali tal-Unjoni li jwettqu programmi spazjali nazzjonali, billi josservaw is-separazzjoni tar-woli u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.

Artikolu 30

Setgħat superviżorji

1. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat superviżorji, investigattivi, korrettivi u tas-sanzjonar kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet u tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 29.
2. Meta jwettqu attivitajiet superviżorji fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2022/2555 responsabbli għall-kompiti superviżorji ta' dik id-Direttiva.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddelegaw l-attivitajiet u l-kompiti superviżorji rilevanti fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu II, ta' dan ir-Regolament, lill-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2022/2555.

Il-kompiti superviżorji skont id-Direttiva 2022/2555 imsemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jiġu eżerċitati b'mod li jippreserva għalkollox l-integrità tas-setgħat superviżorji msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar is-setgħat investigattivi li ġejjin:
 - (a) li jitolbu t-twassil tad-data u tad-dokumenti kollha meħtieġa;
 - (b) li jiksbu aċċess għal bini, art u mezzi tat-trasport, inkluż għal kwalunkwe tagħmir u mezz tal-ipproċessar tad-data;
 - (c) li jitolbu prova tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-evidenza sottostanti;
 - (d) li jwettqu rieżami tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju skont l-Artikolu 8;
 - (e) li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post u mhux fuq il-post, inkluż li jwettqu awditjar.
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jwettqu spezzjonijiet, l-uffiċjali awtorizzati li jwettqu l-ispezzjonijiet għandhom jingħataw is-setgħa li:
 - (a) jidħlu fi kwalunkwe bini, art u mezz tat-trasport tal-operaturi spazjali rispettivi tal-Unjoni;
 - (b) jeżaminaw il-kotba u rekords oħra tan-negozju, irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna, jaċċessaw kwalunkwe informazzjoni aċċessibbli għall-operaturi spazjali tal-Unjoni soġġetti għall-ispezzjoni, u jieħdu jew jitolbu kopji jew estratti minn dawk il-kotba jew rekords;
 - (c) jitolbu lil kwalunkwe rappreżentant jew membru tal-persunal tal-operatur spazjali tal-Unjoni soġġett għall-ispezzjoni biex jipprovdi spjegazzjonijiet tal-fatti u dokumenti li huma fil-kompetenza tas-suġġett tal-ispezzjoni, u jirreġistraw it-tweġibiet;

- (d) jissiġillaw kwalunkwe bini tan-negozju, ktieb jew rekord għad-durata tal-ispezzjoni u sal-grad meħtieġ għal dak l-iskop.
5. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar is-setgħat korrettivi li ġejjin:
- (a) li joħorġu twissijiet ta' allegat ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (b) li jordnaw lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jwaqqfu mġiba li l-awtoritajiet kompetenti jqisu li tmur kontra r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (c) li jordnaw lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jiżguraw il-konformità bil-mod u fil-perjodu taż-żmien li għandu jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti;
 - (d) li jordnaw lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jsewwu n-nuqqasijiet identifikati mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż billi japplikaw miżuri korrettivi għall-ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (e) li jaħtru, għal perjodu determinat, uffiċjal tal-monitoraġġ biex jissorvelja l-proċess li bih l-imġiba tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ssir konformi, fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
6. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar is-setgħat tas-sanzjonar li ġejjin:
- (a) li jimponu, jew jitolbu lil korp amministrattiv jew ġudizzjarju rilevanti biex jimponi, multa amministrattiva għal nonkonformità, jew sanzjoni amministrattiva fir-rigward ta' ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (b) li temporanjament jissospendu, jew jitolbu lil korp amministrattiv jew ġudizzjarju rilevanti jissospendi temporanjament, l-awtorizzazzjoni parzjalment jew kompletament;
 - (c) li jirtiraw l-awtorizzazzjoni għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju, meta operatur spazjali tal-Unjoni ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet li skonthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni, jew meta operatur spazjali tal-Unjoni jiġi f'sitwazzjoni meta, skont il-liġi nazzjonali, l-awtorizzazzjoni trid tiġi rtirata.
- Sospensjoni temporanja imposta skont il-punt (b) għandha tiġi applikata sakemm l-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jissewwew il-problemi identifikati mill-awtorità kompetenti, jew biex jikkonforma għalkollox mal-miżuri kollha preskritti mill-awtorità kompetenti.
7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'inizjattiva tagħhom stess, jiddeċiedu li jimponu miżuri interim fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari f'każ ta' urġenza, biex dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
8. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu bil-liġi li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom setgħat addizzjonali għal dawk imsemmija fil-paragrafi 3 sa 7. L-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat ma għandux ixejrek l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 31

Sanzjonijiet amministrattivi

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuazivi.

L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet u dwar kull emenda sussegwenti li taffettwawhom.

2. Meta jiddeterminaw is-sanzjoni amministrattiva u l-livell tal-multa amministrattiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, meta xieraq:
 - (a) il-gravità u d-durata tal-ksur u l-permanenza tad-danni kkawżati mill-ksur;
 - (b) il-ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;
 - (c) id-dannu materjali jew mhux materjali kkawżat minn, jew permezz tal-ksur, inkluż it-telf finanzjarju jew ekonomiku u l-effetti negattivi fuq servizzi oħra, u kriterji rilevanti għall-impatt ta' ksur, bħan-numru ta' utenti affettwati, jew il-kobor tat-telf imġarrab minn parti terza minħabba l-ksur;
 - (d) l-intenzjoni jew in-negliġenza min-naħa tal-awtur tal-ksur;
 - (e) miżuri meħuda mill-operatur spazjali tal-Unjoni għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni tad-danni;
 - (f) il-livell ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u kull ostaklu għall-ispezzjonijiet, għall-awditjar jew għal attivitajiet oħra tal-monitoraġġ tal-awtoritajiet kompetenti, wara li jinqabad il-ksur;
 - (g) l-importanza tal-profitti miksuba, jew tat-telf evitat, mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;
 - (h) il-ħtieġa li l-multa amministrattiva jkollha effett ta' deterrent.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu r-raġunament għall-miżuri tal-infurzar tagħhom.
4. Il-miżuri superviżorji għandhom ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha ta' kull każ individwali. Qabel ma jadottaw miżura superviżorja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-operaturi spazjali tal-Unjoni bis-sejbiet preliminari tagħhom u għandhom jagħtu żmien raġonevoli lill-operaturi spazjali tal-Unjoni biex jissottomettu osservazzjonijiet.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jressqu direttament ksur ta' dan ir-Regolament quddiem korp ġudizzjarju u li jkunu intitolati li jieħdu sehem, bi dritt tagħhom stess, fit-tipi kollha ta' proċedimenti legali rigward l-infurzar ta' dan ir-Regolament, inkluż billi jippreżentaw appelli.

TAQSIMA 2

MONITORAĠĠ TAL-KORPI TEKNIĊI KWALIFIKATI GĦALL- ATTIVITAJIET FL-ISPAZJU

Artikolu 32

Użu ta' korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju

1. L-Istati Membri li jużaw il-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 8(1), il-punt (a), għandhom jiżguraw li l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jiġu deżinjati, ivvalutati u monitorjati mill-awtoritajiet pubbliċi u li dawn jiġu notifikati lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 33.

2. L-Istati Membri jistgħu jafdaw il-kompiti tal-valutazzjoni u tal-monitoraġġ lill-korp nazzjonali tal-akkreditament skont it-tifsira tar-[Regolament \(KE\) Nru 765/2008](#) u f'konformità miegħu. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità pubblika msemmija fil-paragrafu 1:
 - (a) tkun organizzata u topera b'mod li ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess mal-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju;
 - (b) twettaq b'oġġettività u b'imparzjalità l-kompiti tad-deżinjazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju;
 - (c) ikollha għadd adegwat ta' persunal għat-twettiq tal-kompiti tagħha.

Artikolu 33

Proċess ta' notifika

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull korp tekniku kwalifikat li jiġi ddeżinjati għall-attivitajiet fl-ispazju stabbiliti fit-territorju tagħhom. Għall-finijiet ta' din in-notifika, dawn għandhom jużaw is-sistema tal-ġestjoni tal-informazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Notifikati u Maħtura permezz tal-Approċċ il-Ġdid (NANDO).
2. Il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35 biss jistgħu jiġu notifikati mill-Istat Membru lill-Kummissjoni.
3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:
 - (a) id-dettalji sħaħ tal-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika mwettqa mill-materji koperti minn dan ir-Regolament, kwalunkwe modulu ta' valutazzjoni rilevanti, li jindika liema proċessi, servizzi jew prodotti huma koperti fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament;
 - (b) kwalunkwe attestazzjoni rilevanti ta' kompetenza.
4. Meta notifika ma tkunx ibbażata fuq iċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni msemmi fl-Artikolu 34(5), il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li turi l-kompetenza ta' dak il-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju u għandhom jiżguraw li dak il-korp jiġi monitorjat regolarmet u li jibqa' jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35.
5. Korp jista' jwettaq attivitajiet bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju biss jekk il-Kummissjoni jew Stat Membru ma jkunux oġġezzjonaw fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika, meta din tkun tinkludi ċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni msemmi fl-Artikolu 34(5), il-punt (b), jew fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika, meta din tkun tinkludi l-evidenza dokumentarja msemmija fl-Artikolu 34(6).

TAQSIMA 3

KORPI TEKNIĊI KWALIFIKATI GĦALL-ATTIVITAJIET FL-ISPAZJU

Artikolu 34

Proċess għall-istabbiliment ta' korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju

1. Meta entità jkun beħsiebha twettaq valutazzjonijiet tekniċi għal materja waħda jew aktar koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu I sa V, din għandha tissottometti applikazzjoni lill-awtorità rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 32, fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita, biex tikseb deżinjazzjoni bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.
2. Meta l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika jkunu jikkonċernaw materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Istati Membri għandhom iqabbd u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ddeżinjati fl-Artikolu 8 tad-[Direttiva \(UE\) 2022/2555](#).
3. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom tal-awtorizzazzjonijiet u tas-superviżjoni msemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi u mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2 u għandhom jiżguraw konverġenza superviżorja mal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2022/2555.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni mill-qrib b'mekkaniżmi u protokollu bejn dawn l-awtoritajiet u l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati skont l-Artikolu 28(1) ta' dan ir-Regolament.
4. Meta entità pubblika li twettaq valutazzjonijiet tekniċi fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I u fil-Kapitolu V, tkun parti mill-istruttura amministrattiva tal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 28(1), l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tissottomettiha l-awtorità kompetenti.
5. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jindikaw għal liema waħda mill-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu I sa V, qed tiġi sottomessa l-applikazzjoni biex isiru korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju, u għandhom:
 - (a) jipprovdu deskrizzjoni tal-attivitajiet kollha tal-valutazzjoni teknika li jridu jitwettqu;
 - (b) jindikaw kwalunkwe ċertifikat tal-akkreditazzjoni, meta jkun jeżisti, maħruġ minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni, li jafferma li l-korp rispettiv jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35;
 - (c) jindikaw, kif applikabbli, dokument validu li jipprovdi evidenza dwar id-deżinjazzjoni tal-applikant bħala korp notifikat skont xi leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.
6. Meta applikant ma jkunx jista' jipprovdi ċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni msemmi fil-paragrafu 5, il-punt (b), dan għandu jipprovdi l-evidenza dokumentarja kollha lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 32 biex dik l-awtorità tkun tista' twettaq verifiki jew monitoraġġ regolari biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35.
7. Meta l-applikant ikun diġà ġie deżinjat bħala korp notifikat skont leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, id-dokumenti u ċ-ċertifikati kollha marbuta ma' dik id-deżinjazzjoni jistgħu jintużaw biex jappoġġaw id-deżinjazzjoni tiegħu bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju skont dan ir-Regolament.

8. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 32 għandha tadotta deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-korp tekniku, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni.
9. Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jaġġorna d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7, kull meta jsiru bidliet rilevanti, ħalli l-awtorità tan-notifika tkun tista' timmonitorja l-konformità kontinwa ta' dak il-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35.

Artikolu 35

Rekwiżiti għall-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju

1. Il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IX.
2. Meta l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika jitwettqu fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu III, korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għandu jissodisfa, flimkien mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 2, tal-Anness IX.
3. Il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettqu attivitajiet tal-valutazzjoni teknika fir-rigward tat-Titolu IV, il-Kapitolu I u V, għandhom ikunu korpi pubbliċi.
4. Korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jissottokuntratta kompiti relatati mal-valutazzjoni teknika għandu jinforma lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 32 kif xieraq u għandu jiżgura li s-sottokuntrattur tiegħu jkun jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità msemmija fl-Artikolu 32 id-dokumenti kollha relatati mal-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur u mal-ħidma mwettqa minn dak is-sottokuntrattur.

Artikolu 36

Numri ta' identifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tassinja numru ta' identifikazzjoni lil kull korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju u għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-lista tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni, in-numri ta' identifikazzjoni tagħhom u l-materji koperti mit-Titolu IV li għalihom ikunu ġew notifikati.

Artikolu 37

Tibdil fin-notifika

1. L-awtorità msemmija fl-Artikolu 32 għandha tillimita, tissospendi jew tirtira, kif xieraq, in-notifika ta' korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 35 jew li jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu. Dik l-awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kif xieraq.

2. Fil-każ ta' restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar tan-notifika, jew meta korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru jkun waqqaf l-attività tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-passi xierqa biex jittrasferixxi l-fajls ta' dak il-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju lil korp tekniku kwalifikat ieħor għall-attivitajiet fl-ispazju jew, meta dan ma jkunx possibbli, lill-Aġenzija jew lill-organizzazzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(1), il-punt (b).

Artikolu 38

Appell minn deċiżjonijiet tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jkunu jistgħu jiġu appellati.

Artikolu 39

Koordinazzjoni tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju

Il-Kummissjoni għandha tippermetti koordinazzjoni xierqa tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju madwar l-Unjoni, inkluż billi tistabbilixxi gruppi settorjali ta' korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju.

Kapitolu II

GOVERNANZA FIL-LIVELL TAL-UNJONI

TAQSIMA 1

KOMPITI U STRUTTURE TAL-AĠENZIA

Artikolu 40

Kompiti tal-Aġenzija

1. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti li ġejjin fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titoli II sa VI ta' dan ir-Regolament:
- (a) twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u dwar ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-operaturi ta' pajjiżi terzi;
 - (b) meta tintalab, twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8(1), il-punt (c);
 - (c) twettaq, abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, ir-reġistrazzjoni tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 17 u l-Artikolu 18;
 - (d) twaqqaf u tmexxi l-URSO, f'konformità mal-Artikolu 24;
 - (e) toħroġ iċ-ċertifikat elettroniku msemmi fl-Artikolu 25(1);

- (f) tmexxi r-reġistrazzjoni fl-URSO, u rispettivament, is-sospensjoni jew l-irtirar tar-reġistrazzjoni fl-URSO, f'konformità mal-Artikolu 22;
- (g) tistabbilixxi u tmexxi l-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni għal twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli, f'konformità mal-Artikolu 67(1);
- (h) tirraporta lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju simplifikata madwar l-Unjoni, u tissottometti rakkomandazzjonijiet xierqa, f'konformità mal-Artikolu 79(3), l-ewwel subparagrafu;
- (i) tikkoordina l-attivitajiet tan-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni (EUSRN) stabbilit f'konformità mal-Artikolu 94(1), u tipprovd i s-segretarjat tal-EUSRN;
- (j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma tal-Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI, il-Kapitolu II;
- (k) iżżomm sit web li jipprovd i, u jippubbliċizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5);
- (l) tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni;
- (m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni;
- (n) meta tintalab mill-Kummissjoni, tikkontribwixxi, għal materji koperti minn dan ir-Regolament, għall-istabbiliment, il-kejl, ir-rapportar u l-analiżi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti sinifikanti u fil-każ ta' kolliżjonijiet;
- (o) tipprovd i l-pariri u l-appoġġ tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi kollha meħtieġa lill-Kummissjoni biex din tal-aħħar tkun tista' twettaq il-kompiti superviżorji tagħha skont dan ir-Regolament;
- (p) tistabbilixxi kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jew mal-korpi tagħhom, u tippromwovi u tiffaċilita l-għarfien fil-livell internazzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
- (q) tikkoopera, kif xieraq, ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, meta l-attivitajiet ta' daw k l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni jkunu jkopru aspetti tekniċi relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew materji rilevanti oħra, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

2. Qabel ma tissottometti l-opinjonijiet tekniċi msemija fil-paragrafu 1, il-punt (l), kif ukoll qabel ma toħroġ il-linji gwida msemija fil-paragrafu 1, il-punt (m), l-Aġenzija għandha twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa.

Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemija fl-

Artikolu 113 u tal-atti ta' implimentazzjoni msemija fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 93(8), fl-Artikolu 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu.

3. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjonijiet ġodda, l-Aġenzija għandha twettaq rieżami tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti biex tevita d-duplikazzjoni.

Artikolu 41

Tariffi tal-Aġenzija

1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti.
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.
3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

Artikolu 42

Strutturi tal-Aġenzija

Għall-finijiet tal-kompiti msemija fl-Artikolu 43, b'dan qed jiġu stabbiliti Bord tal-Konformità u Bord tal-Appell fi ħdan l-Aġenzija.

Artikolu 43

Kompiti tal-Bord tal-Konformità

1. Il-Bord tal-Konformità għandu jkun responsabbli biex:
 - (a) joħroġ proposti tekniċi għall-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 12(2), tal-operaturi ta' assi tal-Unjoni li jkunu fdati mill-Kummissjoni bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponent rispettiv tal-Programm tal-Unjoni, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, u bit-twettiq, tul dik l-awtorizzazzjoni, ta' attivitajiet tal-valutazzjoni teknika biex il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita s-superviżjoni kontinwa ta' dawk l-operaturi ħalli tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (b) iwettaq l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, II, III, IV u V, qabel ma l-awtoritajiet kompetenti joħroġu l-awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni, fir-

rigward tal-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), meta Stat Membru jkun iddeċieda li jinkariga lill-Aġenzija biex twettaq din il-valutazzjoni teknika, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (c);

- (c) jivvaluta, u joħroġ proposti tekniċi għall-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità kontinwa ta' operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, bil-mod speċifikat fl-Artikoli 15 u 16 rispettivament.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Bord tal-Konformità għandu jkollu s-setgħat li ġejjin:

- (a) jieħu, bil-mod speċifikat fil-paragrafu 3, deċiżjonijiet ta' valutazzjoni teknika li jipproponu lill-Kummissjoni l-awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat ta' komponenti tal-Programm tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 12(2), u li jipproponu lill-Kummissjoni tul dik l-awtorizzazzjoni kwalunkwe miżura superviżorja meħtieġa;
- (b) jieħu deċiżjonijiet ta' valutazzjoni teknika rigward l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, II, III, IV u V, meta Stat Membru jinkariga lill-Aġenzija l-kompitu li twettaq il-valutazzjoni teknika skont l-Artikolu 8(1), il-punt (c);
- (c) jiżgura, abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda skont l-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 17(6), u l-Artikolu 22(6), l-ewwel subparagrafu, ir-reġistrazzjoni fl-URSO, u rispettivament, is-sospensjoni jew l-irtirar tar-reġistrazzjoni fl-URSO, tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi, u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikoli 17, 18 u 22 u l-pjattaforma assoċjata tagħhom;
- (d) jieħu deċiżjonijiet ta' valutazzjoni teknika li jipproponu miżuri lill-Kummissjoni biex tkun żgurata l-konformità tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi, ladarba jiġu rreġistrati, mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, bil-mod speċifikat fl-Artikoli 15 u 16;
- (e) joħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi msemmija fl-Artikolu 25(1);
- (f) japprova l-konklużjonijiet tar-rapporti sottomessi mill-Bord Tekniku msemmi fl-Artikolu 44(2), it-tieni subparagrafu, meta jwettaq il-valutazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu 1;
- (g) ifassal u jippubblika l-listi konsolidati tal-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO skont l-Artikolu 24(2);
- (h) jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu.

3. Għall-finijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Bord tal-Konformità għandu jaġixxi kif ġej:

- (a) il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I, III, IV u V, għandha tiġi stabbilita b'valutazzjonijiet tekniċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 44(1);
- (b) il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitoli II, għandha tiġi stabbilita kif ġej:
 - (i) għal deċiżjonijiet tal-valutazzjoni teknika rigward il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-konformità għandha tiġi

stabbilita mill-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, f'konformità mal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2021/696;

- (ii) għal deċiżjonijiet tal-valutazzjoni teknika rigward il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), il-konformità għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 44(1).

Artikolu 44

Konfigurazzjonijiet tekniċi tal-Bord tal-Konformità

1. Il-Bord tal-Konformità għandu jaħdem bi tliet konfigurazzjonijiet ta' bordijiet tekniċi, kif ġej:
 - (a) il-Bord Tekniku tal-Konformità tas-Sikurezza;
 - (b) il-Bord Tekniku tal-Konformità tar-Reżiljenza;
 - (c) il-Bord Tekniku tal-Konformità tas-Sostenibbiltà Ambjentali.
2. Il-Bordijiet Tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu magħmula minn skwadri konġunti ta' eżaminazzjoni li jinkludu membri tal-persunal tal-Aġenzija, awtoritajiet kompetenti u korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju.

Malli jtemmu l-valutazzjonijiet tekniċi tagħhom, il-Bordijiet Tekniċi għandhom jissottomettu r-rapporti lill-Bord tal-Konformità.

Il-Bordijiet Tekniċi għandhom ikunu appoġġati minn segretarjat tekniku li għandu jwettaq il-ħidma preparatorja meħtieġa biex il-Bord tal-Konformità jkun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta dan ir-Regolament, billi tispeċifika l-kriterji għall-kompożizzjoni u l-għarfien espert tal-persunal li jiffirma l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni għall-Bordijiet Tekniċi, biex tiżgura parteċipazzjoni bilanċjata tal-persunal mill-awtoritajiet kompetenti u mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, u biex tispeċifika d-dettalji għad-deżinjazzjoni, il-kompiti u l-arranġamenti ta' ħidma tagħhom.

Artikolu 45

Kompożizzjoni tal-Bord tal-Konformità u r-regoli tal-votazzjoni

1. Il-Bord tal-Konformità għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant ieħor tal-Kummissjoni.

Il-mandat tal-membri tal-Bord tal-Konformità għandu jkun ta' 4 snin u għandu jkun jista' jiġġedded.
2. Ir-rappreżentanti tal-aġenziji jew tal-korpi tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Konformità bħala osservaturi, kif ġej:
 - (a) fir-rigward tar-rappreżentanti tal-aġenziji jew tal-korpi tal-Unjoni, għal materji relatati ma' kompiti jew aspetti ta' interess għal dawg l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni;
 - (b) fir-rigward tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għal materji relatati direttament magħhom, b'mod partikolari

rigward l-assi tal-infrastruttura spazjali li jkunu proprjetà tagħhom jew fit-territorju tagħhom, jew għal materji relatati direttament mal-konformità ta' operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma' dan ir-Regolament;

3. L-arranġamenti rigward il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti u għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' proċedura tal-Bord tal-Konformità.
4. Id-deċizzjonijiet tal-Bord tal-Konformità għandhom jintlaħqu bil-kunsens tal-membri kollha tiegħu bi drittijiet tal-vot. Jekk ma jkunx jista' jinstab il-kunsens, il-Bord tal-Konformità għandu jiehru deċizzjonijiet skont votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-Artikolu 16 tat-TUE.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ma għandux jivvota.

Il-President tal-Bord tal-Konformità għandu jiffirma, f'isem il-Bord tar-Reġistrazzjoni, id-deċizzjonijiet adottati minn dan tal-aħħar.

Artikolu 46

Bord tal-Appell

1. Qed jiġi stabbilit Bord tal-Appell. Il-Bord tal-Appell għandu jkun responsabbli biex jiddeċiedi dwar l-appelli mid-deċizzjonijiet tal-Aġenzija.
2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u minn sitt supplenti li għandu jaħtarhom il-Bord Amministrattiv minn lista ta' kandidati kwalifikati stabbilita mill-Kummissjoni, abbażi tal-għarfien espert rilevanti tagħhom fl-oqsma tal-liġi spazjali jew tal-attivitajiet fl-ispazju, b'mod partikolari dwar materji relatati mas-sikurezza, mal-ġestjoni tar-riskju, maċ-ċibersigurtà, mas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew mal-ISOS.
3. Żewġ membri tal-Bord tal-Appell u żewġ supplenti għandu jaħtarhom il-Bord Amministrattiv imsemmi fl-[Artikolu 72\(1\) tar-Regolament \(UE\) 2021/696](#) minn lista mqassra proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal espressjonijiet ta' interess li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
4. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom ikunu indipendenti fit-teħid tad-deċizzjonijiet tagħhom. Ma għandhom jintrabtu bl-ebda struzzjoni. Ma għandhom jaqdu l-ebda dmir ieħor fi ħdan u fir-rigward tal-Aġenzija, il-Bord Amministrattiv tagħha, il-Bord tal-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà jew il-Bord tal-Konformità.
5. Il-mandat tal-membri tal-Bord tal-Appell għandu jkun ta' 4 snin. Dan jista' jiġi estiż darba. Il-membri tal-Bord tal-Appell ma għandhomx jitneħħew tul il-mandat tagħhom sakemm ma jinstabux haġja ta' mġiba ħażina serja b'deċizzjoni tal-Bord Amministrattiv.
6. Id-deċizzjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom jiġu adottati abbażi ta' maġġoranza ta' erbgħa mis-sitt membri tiegħu. Il-Bord tal-Appell għandu jaħtar il-President tiegħu. Il-President u l-membri għandu jkollhom drittijiet tal-vot indaqs.
7. L-Aġenzija għandha tiżgura appoġġ operazzjonali u konsultattiv adegwat għall-Bord tal-Appell.

Artikolu 47

Appell

1. Jista' jitressaq appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija meħuda skont it-Titolu II, il-Kapitoli II, III u IV, skont l-Artikolu 43(2), skont l-Artikoli 49 sa 52, u skont it-Titolu IV, kif ukoll minn deċiżjoni oħra tal-Aġenzija indirizzata lil persuna fiżika jew ġuridika jew li, għalkemm fil-forma ta' deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, tkun tikkonċerna direttament u individwalment lil dik il-persuna.
2. L-appell, flimkien mad-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet tiegħu, għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lill-Aġenzija fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata, jew fin-nuqqas ta' din, mill-jum meta l-Aġenzija tippubblika d-deċiżjoni tagħha.
3. Appell imressaq skont il-paragrafu 1 ma għandux jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija f'dak il-paragrafu. Iżda l-Bord tal-Appell jista' jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jekk ikun jidhirlu li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan.
4. Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi fuq l-appell fi żmien 6 xhur minn meta jitressaq l-appell. Il-Bord tal-Appell jista' jikkonferma d-deċiżjoni, jew jista' jgħaddi l-każ lill-Bord tal-Konformità. Dan tal-aħħar għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.
Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom ikunu motivati u għandhom jiġu ppubblikati mill-Awtorità.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddetermina d-dettalji tal-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).
6. Kawżi għall-annullament ta' deċiżjoni maħruġa mill-Aġenzija skont dan ir-Regolament u kawżi għal nuqqas ta' azzjoni fil-limiti taż-żmien applikabbli jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biss malli tintemm il-proċedura ta' appell imsemmija hawn fuq.

TAQSIMA 2

SETGĦAT TAL-KUMMISSJONI U TAL-AĠENZIJA FIR-RIGWARD TAL-OPERATURI SPAZJALI TAL-UNJONI TA' ASSI TAL-UNJONI U FIR-RIGWARD TAL-FORNITURI TAS-SERVIZZI SPAZJALI TA' PAJJIŻI TERZI

Artikolu 48

Ambitu u eżerċizzju tas-setgħat tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-fornituri tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:
 - (a) L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni li jkunu entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponenti tal-Programm tal-Unjoni, abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(2);
 - (b) operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi;

- (c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3), u l-Artikolu 108, rispettivament.
2. Għall-finijiet tat-tweġġ tal-valutazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 40(1), il-punt (a), l-Aġenzija għandu jkollha s-setgħat imsemmija fl-Artikoli 49, 50, 51 u 52.
- L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar kull waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 49, 50, 51 u 52.
3. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jeżerċitaw separatament jew b'mod konġunt kwalunkwe wieħed mill-kompiti msemmija fl-Artikoli 49, 50, 51 u 52.
4. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri, l-Aġenzija tista', għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), wara l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 106(1), tikkonkludi arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi, biex meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ikunu jistgħu jittwettqu spezzjonijiet bla xkiel.
- Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u lanqas ma għandhom iwaqqfu lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti milli jikkonkludu arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi u l-awtoritajiet rilevanti tagħhom.
5. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jispeċifikaw imqar dan li ġej:
- (a) il-proċeduri dettaljati u l-aspetti ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi li bihom l-Aġenzija tkun tista' twettaq, skont l-Artikolu 52, spezzjonijiet fil-binjiet tan-negozju tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), li jkunu qegħdin barra mill-Unjoni;
 - (b) id-dettalji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija skont l-Artikolu 52, b'mod partikolari meta l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu entitajiet pubbliċi;
 - (c) il-protokolli u l-mekkaniżmi meħtieġa biex tkun żgurata t-trażmissjoni ta' kull informazzjoni rilevanti bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-mekkaniżmi għan-notifika fil-pront minn awtorità ta' pajjiżi terzi meta jitqies li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu kisru r-rekwiżiti li huma obbligati josservaw skont il-liġi applikabbli tal-pajjiżi terzi ikkonċernat, kif ukoll ir-rimedji u l-penali applikati;
 - (d) kwalunkwe koordinazzjoni meħtieġa tal-attivitajiet superviżorji mwettqa skont dan ir-Regolament u dawk imwettqa mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, rispettivament;
 - (e) it-trażmissjoni ta' aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi regolatorji jew superviżorji fil-pajjiżi terzi ikkonċernat.

Artikolu 49

Talba għall-informazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti

tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.

2. Fid-deċiżjonijiet tagħhom adottati skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiddikjaraw l-iskop tat-talba, jispeċifikaw liema informazzjoni hija meħtieġa, jistabbilixxu żmien li matulu trid tingħata dik l-informazzjoni, jispeċifikaw il-multi applikabbli, skont l-Artikolu 55(1), il-punt (c), għall-għoti ta' informazzjoni jew spjegazzjonijiet mhux kompluti, skorretti jew qarrieqa, il-possibbiltà li dik id-deċiżjoni tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 47.
3. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Artikolu 50

Setgħa ta' investigazzjonijiet

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom iwettqu investigazzjonijiet fost il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), rispettivament.
2. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jorġu awtorizzazzjoni lill-uffiċjali deżinjati tagħhom biex ikunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija għandhom jeżerċitaw is-setgħat tal-investigazzjoni tagħhom malli tinkiseb din l-awtorizzazzjoni.
Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jafdaw lil persuni oħra mill-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(1) jew lil awdituri biex iwettqu investigazzjoni flimkien mal-uffiċjali tal-Aġenzija.
3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, għandha tispeċifika l-iskop tagħha, is-suġġett, l-azzjonijiet li jridu jitwettqu, kif ukoll il-multi previsti fl-Artikolu 55(1), il-punt (c), applikabbli meta l-produzzjoni tal-elementi msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, jew it-tweġibiet tal-mistoqsijiet u l-ispezzjonijiet mitluba skont il-paragrafu 4, il-punt (c), ikunu skorretti jew qarrieqa.
4. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija għandu jkollhom is-setgħa li:
 - (a) jeżaminaw kwalunkwe rekord, data, proċedura u materjal ieħor rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom, irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżunin;
 - (b) jieħdu jew jiksbu kopji ċċertifikati ta' dawg ir-rekords, id-data, il-proċeduri u l-materjal l-ieħor, jew siltiet minnhom;
 - (c) isejjħu u jitolbu lil kwalunkwe persuna soġġetta għall-investigazzjoni, jew lir-rappreżentanti tagħhom, jew lill-persunal, għal spjegazzjonijiet orali jew bil-miktub dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-iskop tal-ispezzjoni, u jirreġistraw it-tweġibiet;
 - (d) jitolbu rekords tat-traffiku telefoniku u tad-data.
5. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), rispettivament huma meħtieġa jissottomettu ruħhom għall-investigazzjonijiet.

Fi żmien xieraq qabel id-data tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni pjanata tal-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati u ta' persuni awtorizzati oħra msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, kif applikabbli.

6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, meta jintalbu mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali awtorizzati tal-Kummissjoni u lill-Aġenzija u lil persuni awtorizzati oħra, fil-qadi ta' dmirijiethom. Meta jintalab dan, l-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu l-investigazzjoni rispettiva.

Artikolu 51

Spezzjonijiet fuq il-post fl-Unjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), li jinsabu fl-Unjoni.
2. L-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru abbażi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija rispettivament, għat-tweġiq ta' investigazzjoni fuq il-post.

Dik id-deċiżjoni għandha tiddeżinja lill-uffiċjali awtorizzati tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija u lil persuni oħra awtorizzati mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija biex iwettqu spezzjoni.

Din għandha tispjega l-għan, is-suġġett u d-data meta se ssir l-ispezzjoni. Għandha tinkludi r-referenza għall-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-penali previsti fl-Artikolu 56(1), għal meta l-persuni kkonċernati ma jissottomettux ruħhom għall-ispezzjoni, kif ukoll għall-possibbiltà li dik id-deċiżjoni tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 47.

3. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidhru fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.
4. Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha ssir dik l-ispezzjoni. L-ispezzjonijiet għandhom isiru jekk l-awtorità rilevanti ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni.

L-uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom mal-produzzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu.

5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), rispettivament, għandhom

jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni.

6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-ispezzjoni u l-persuni awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jintalbu mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali msemija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu. L-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fuq il-post, meta jintalab dan.
7. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kompiti investigattivi u spezzjonijiet fuq il-post speċifiċi, kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50, f'isimhom. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar l-istess setgħat bħal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50.

Artikolu 52

Spezzjonijiet fuq il-post barra mill-Unjoni

1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemija fl-Artikolu 23 tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprietà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; u
 - (b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.
2. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija jaġixxu abbażi tal-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom is-setgħat imsemmija fi:
 - (a) l-Artikolu 49;
 - (b) l-Artikolu 50(4), il-punti (a), (b) u (c);
 - (c) l-Artikolu 51(3).

Artikolu 53

Proċedura għal investigazzjoni mill-Aġenzija

1. Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ta' ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Titolu IV, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.
2. L-uffiċjali li jwettqu l-investigazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 49, biex iwettqu investigazzjonijiet, u rispettivament, spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mal-Artikoli 50 u 51.

Artikolu 54

Miżuri wara investigazzjoni mill-Aġenzija

1. Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament,

fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness X, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament u biex tadotta waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c).

L-Aġenzija għandha tindika l-elementi fattwali kollha, ir-regoli li nkisru u l-ammont propost tal-multa.

B'inizjattiva tagħha stess, wara talba ta' Stat Membru jew wara lment, il-Kummissjoni tista' tinvestiga kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.

2. Meta tissottometti l-proposta lill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-Aġenzija għandha tikkunsidra n-natura u s-serjetà tal-ksur abbażi tas-sejbiet preliminari tagħha, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:
 - (a) il-gravità u t-tul tal-ksur u l-permanenza tad-danni kkawżati mill-ksur;
 - (b) kwalunkwe ksur preċedenti mwettaq minn dak l-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni;
 - (c) id-dannu materjali jew mhux materjali kkawżat, jew li jista' jiġi kkawżat, minn jew permezz tal-ksur, inkluż it-telf finanzjarju jew ekonomiku u effetti negattivi fuq servizzi oħra, kif ukoll kwalunkwe kriterju rilevanti fir-rigward tal-impatt tal-ksur, bħan-numru ta' utenti affettwati jew il-kobor tat-telf imġarrab minn parti terza minħabba dak il-ksur;
 - (d) l-intenzjoni jew in-negliġenza min-naħa tal-awtur tal-ksur;
 - (e) il-miżuri li ħa l-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni biex jevita jew itaffi d-dannu materjali jew mhux materjali msemmi fil-punt (c);
 - (f) il-livell ta' kooperazzjoni tul il-proċedura tal-investigazzjoni, inkluż kwalunkwe ostaklu tal-awditjar jew l-attivitajiet tal-monitoraġġ, wara s-sejba tal-ksur;
 - (g) l-importanza tal-profitti miksuba, jew tat-telf evitat, mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;
 - (h) konsegwenzi sistemiċi potenzjali li tali ksur jista' jnvolvi;
 - (i) il-ħtieġa li l-multi amministrattivi jkollhom effett ta' deterrent.
3. Meta r-riżultat ta' investigazzjoni skont din it-Taqsima ma jippermettix lill-Aġenzija tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni. Din għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni.

Artikolu 55

Miżuri superviżorji tal-Kummissjoni

1. Malli tirċievi l-proposta tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur u titlob lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni kkonċernat jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), biex itemm il-ksur;
 - (b) meta meħtieġ, abbażi ta' sejba prima facie ta' ksur, tordna miżuri interim biex tevita danni irreparabbli;
 - (c) timponi, skont l-Artikolu 56, multa amministrattiva jew, kif applikabbli, pagament perijodiku tal-penali;
 - (d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni fl-URSO tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c);
 - (e) toħroġ avviż pubbliku li jindika lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), responsabbli għall-ksur u n-natura tal-ksur.
2. Meta tiegħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 54(2).

Artikolu 56

Multi u pagamenti perijodiċi tal-penali

1. Meta l-Aġenzija tipproponi, skont l-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), li l-Kummissjoni timponi multa jew pagament perijodiku tal-penali, għal ksur ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multa jew pagament perijodiku tal-penali f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur.
2. Ksur għandu jitqies li twettaq intenzjonalment jekk fatturi oġġettivi juru li persuna aġixxiet deliberatament biex twettaq dak il-ksur.
3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun għie evitat minħabba l-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2% tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti.
4. Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 54(2).
5. Il-Kummissjoni tista' timponi multi u pagamenti perijodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament lill-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.
6. Il-pagament perijodiku tal-penali għandu jkun effettiv u proporzjonat. Il-pagament perijodiku tal-penali għandu jiġi impost għal kull ġurnata ta' dewmien.

7. Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta' 6 xhur, wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, sakemm ma jiġix iddeterminat, fir-rieżami ta' dik il-miżura, fi tmiem il-perjodu ta' 6 xhur, li l-miżura ma tkunx laħqet l-iskop tagħha.
8. L-ammonti tal-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-penali għandhom jiġu allokat lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
9. Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multi u ta' pagamenti perjodiċi tal-penali f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta dan ir-Regolament, billi tistabbilixxi:
 - (a) il-kriterji dettaljati u l-metodoloġija għall-istabbiliment tal-ammonti tal-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-penali;
 - (b) ir-regoli dettaljati għall-inkjesti, il-miżuri assoċjati u r-rapportar, kif ukoll it-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, aċċess għall-fajl, rappreżentanza legali, il-kunfidenzjalità u dispożizzjonijiet temporanji; u
 - (c) il-proċeduri għall-ġbir tal-multi u tal-pagamenti perjodiċi tal-penali.
10. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni bla limiti għal rieżami tad-deċiżjonijiet li jimponu multi jew pagamenti perjodiċi tal-penali. Tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid l-ammont tal-multa jew tal-pagament perjodiku tal-penali impost.

Artikolu 57

Dritt ta' smigħ tal-persuni soġġetti għal investigazzjonijiet

1. Il-Kummissjoni, qabel ma tiegħu deċiżjoni skont l-Artikoli 55 u 56, għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ikun beħsiebha tadotta deċiżjoni.
 Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq sejbiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkumentaw.
2. Il-persuni soġġetti għall-proċedimenti għandhom ikunu intitolati aċċess għall-fajl miżmum mill-Kummissjoni, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju.
 Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għall-informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni tal-Aġenzija jew tal-Kummissjoni.

Titolu IV

REGOLI TEKNIĊI

Kapitolu I

SIKUREZZA U SOSTENIBBILTÀ FL-ISPAGJU

TAQSIMA 1

LANĊJATURI

Artikolu 58

Pjan għas-Sikurezza tal-Illanċjar

L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.

Artikolu 59

Miżuri ta' sikurezza u koordinazzjoni waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid

1. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kollizzjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.
2. Il-miżuri tal-mitigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:
 - (a) l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-koordinazzjoni stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness I mal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kollizzjonijiet u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jistgħu jiġu affettwati;
 - (b) it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju – l-Evitar ta' Kollizzjonijiet waqt l-Illanċjar (“LCOLA”) – f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness I, u l-implimentazzjoni tat-tieqa tal-ġheluq tal-illanċjar kif xieraq;
 - (c) il-kalkolu u l-limitazzjoni tar-riskju ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, f'konformità mal-punt 1.3, tal-Anness I.
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
 - (a) tiżviluppa l-metodu biex tikkalkula l-LCOLA, abbażi tal-probabbiltà ta' kollizzjoni, li għandha tiġi adattata skont id-daqs l-oġġett ta' interess, u skont jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli jew attiv;
 - (b) tagħżel, minn il-metodi eżistenti, u tiżviluppa, metodu ġdid għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:
 - (i) il-fenomeni kollha li jwasslu għal riskju ta' ħsara katastrofika (fażi tat-tluġh, tnaqqis mill-istadju wara s-separazzjoni, dħul mill-ġdid ġol-

atmosfera ta' gverta mqiegħda ġol-orbita, fażi tal-irkupru ta' gverta riużabbli);

- (ii) trajettorji ta' qabel il-frammentazzjoni (atmosferaċi jew fl-ispazju ekstratmosferiku), skont il-ħinijiet tat-titjir u l-ħsarat ikkunsidrati;
 - (iii) ix-xenarji korrispondenti ta' frammentazzjoni u ġenerazzjoni tar-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-Dinja ta' xi element tal-lanċjatur;
 - (iv) id-dispersjoni fuq l-art tar-residwi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;
 - (v) l-affidabbiltà tal-vettura tal-illanċjar għall-fażi tal-illanċjar, inkluż, meta applikabbli, tul il-fażi tal-irkupru;
 - (vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-diżorbitazzjoni tal-element tal-lanċjatur imqiegħed ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat;
- (c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I, għax-xenarji tar-riskju msemmija;
- (d) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku biex jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet tal-illanċjar fuq servizzi oħra tat-traffiku tal-ajru waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid u biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Artikolu 60

Sistema tas-sikurezza tat-titjir

1. Il-vetturi tal-illanċjar għandhom jinkorporaw apparat tat-traċċar jew jistabbilixxu mezzi tat-traċċar biex ikunu jistgħu jipprovdu monitoraġġ fil-ħin reali tal-pożizzjoni u tal-veloċità tal-vettura tal-illanċjar.
2. Il-vetturi tal-illanċjar għandhom ikunu jinkorporaw imqar sistema tat-trażmissjoni tad-data tat-telemetrija għall-monitoraġġ tad-data dwar il-prestazzjoni tal-vettura tal-illanċjar, ħlief meta l-analiżi ta' qabel it-titjir tistabbilixxi li t-titjira tal-vettura tal-illanċjar mhix se tikkaġuna żona ta' impatt mhux magħrufa u perikoluża ta' dispersjoni.
3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.
4. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iżidu sistema abbord għan-newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.

Artikolu 61

Mitigazzjoni tar-residwi spazjali għal-lanċjaturi

1. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:

- (a) jillimitaw ir-rilaxx tar-residwi ppjanat lejn id-Dinja, waqt operazzjonijiet nominali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness II;
 - (b) jipproteġu kontra frammentazzjoni aċċidentali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.2 tal-Anness II u fil-punt 1.3 tal-Anness II;
 - (c) iwettqu disponiment fi tmiem il-ħajja, f'konformità mal-punt 2 tal-Anness II.
2. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jissottomettu l-pjanijiet tal-mitigazzjoni tat-residwi spazjali li ġejjin:
- (a) pjan tal-kontroll tar-residwi, f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali stabbiliti fil-punt 3.1 tal-Anness II;
 - (b) pjan tad-disponiment fi tmiem il-ħajja, f'konformità mal-punt 3.2 tal-Anness II.
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
- (a) tistabbilixxi l-perjodu taż-żmien għal meta għandu jsir id-disponiment ta' vettura tal-illanċjar li tintuża f'Orbita Dinjija Baxxa (LEO), f'konformità mal-punt 1.1.1, il-punt (e), tal-Anness II, inkluż miżuri speċifiċi għas-sistema piroteknika u għall-propellant solidu jew ibridu;
 - (b) tistabbilixxi r-reġjun sikur u l-ħin għad-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar użati f'Orbita Dinjija Medja (MEO), f'konformità mal-punt 1.1.1, il-punt (d), tal-Anness II, inkluż miżuri speċifiċi għas-sistema piroteknika u għall-propellant solidu jew ibridu;
 - (c) tistabbilixxi l-limitu ta' probabbiltà tar-riskju ta' frammentazzjoni aċċidentali għol-orbita minħabba kawżi interni, il-punt 1.2.1 tal-Anness II;
 - (d) tistabbilixxi d-durata u l-limitu tar-riskju ta' frammentazzjoni minħabba kollizzjoni f'konformità mal-punt 1.3 tal-Anness II;
 - (e) tiżviluppa l-kundizzjonijiet għad-disinn tal-vettura tal-illanċjar għat-twaqqigħ għal dħul mill-ġdid atmosferiku u għal dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat imsemmija fil-punt 2.2, il-punt (b)(ii), tal-Anness II; u
 - (f) tiżviluppa l-metodu għall-kalkolu tal-probabbiltà ta' disponiment b'suċċess u l-limitu perċentwali msemmi fil-punt 2.5 tal-Anness II.
- Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

TAQSIMA 2

INĠENJU SPAZJALI

Artikolu 62

Reġim speċjali għall-inġenji spazjali tar-riċerka u tal-edukazzjoni

- 1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni ta' missjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, huma eżentati mir-rekwiżiti stabbiliti:
 - (a) fl-Artikolu 66, għall-inġenji spazjali tar-riċerka maħsuba biex jitqiegħdu ġo orbita 'l fuq mil-limitu preskritt f'dak l-Artikolu u taħt is-600 km, meta:
 - (i) sistema tat-traċċabbiltà tippermetti pożizzjonament preċiż tal-inġenju spazjali; u

- (ii) id-dokumenti rilevanti tal-missjoni spazjali wrew għalfejn ma nżammewx il-kapaċitajiet tal-manuvrabbiltà;
- (b) L-Artikolu 72, għall-inġenji spazjali maħsuba biex jibqgħu ġol-orbita inqas minn sena;
- (c) il-punt 2.3 tal-Anness IV;
- (d) il-punt 2.5 tal-Anness IV;
- (e) il-punt 1.2.1, il-punt (e)(iv), tal-Anness V;
- (f) il-punt 4.3, il-punt (f)(iii), tal-Anness V.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandu jkun disponibbli punt tal-kuntatt biex iwieġeb f'ħin operazzjonali raġonevoli għal-LEO/MEO/GEO.

Għall-finijiet tal-punt (d), tal-ewwel subparagrafu, l-operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni tal-inġenju spazjali tar-riċerka jista' jitlob lill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kollizzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 64(1) biex jassistih fit-twassil tal-efemeridi tal-inġenju spazjali tiegħu u l-kovarjanzi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), obbligu ta' ridondanza għandu jqis il-limitazzjonijiet tekniċi marbuta mad-daqs tal-inġenju spazjali.

2. L-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvalutati abbażi ta' każ b'każ, billi jitqiesu d-daqs u l-piż tal-inġenju spazjali, u d-durata u l-orbita tal-missjoni.

Artikolu 63

Traċċabbiltà

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li inġenju spazjali jkollu l-mezzi tekniċi biex jippermetti t-traċċabbiltà u d-determinazzjoni preċiża tal-pożizzjoni orbitali, f'konformità mal-punt 1 tal-Anness III.
L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li s-sistemi tas-segment terrestri jkunu jistgħu jipproċessaw id-data b'format tad-data rikonoxxut bħalissa, f'konformità mal-punt 2 tal-Anness III.
2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-livell ta' preċiżjoni meħtieġ għat-traċċabbiltà tal-inġenju spazjali, kif imsemmi fil-punt 1.1, tal-Anness III. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Artikolu 64

Evitar tal-Kollizzjonijiet (CA)

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jabbonaw għas-servizzi spazjali tas-CA pprovduti mill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kollizzjonijiet inkarigat mis-subkomponent tas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST) imsemmija fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 ("fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni").
2. L-abbonament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkopri l-fażijiet kollha tal-missjoni spazjali, inkluż iż-żieda fl-elevazzjoni tal-orbita, l-ISOS u l-fażijiet ta' tmiem il-ħajja, ħliet il-fażi tad-dħul mill-ġdid.

3. Waqt l-operazzjoni, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jinformaw mingħajr dewmien lill-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni bi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) kwalunkwe bidla ppjanata fl-operazzjoni;
 - (b) id-deċiżjoni biex tinbeda l-fażi tad-disponiment u biex tinbeda l-fażi ta' tmiem il-ħajja, billi tingħata l-informazzjoni rilevanti minn tliet xhur qabel id-data tal-bidu tal-proċedura;
 - (c) kwalunkwe bidla mhux ippjanata fl-operazzjonijiet, inkluż fir-rigward tal-problemi misjuba tul il-ħajja tal-missjoni spazjali u l-fażi tad-disponiment, li tħalli impatt fuq il-konformità ma' dan ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
4. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV, u għandhom jikkooperaw mal-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni, f'konformità mar-rekwiżiti fih.
5. Malli jirċievu twissija ta' avveniment ta' interess għoli, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jinformaw mingħajr dewmien lill-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni dwar l-azzjonijiet kollha meħuda biex tiġi evitata l-kollizzjoni, f'konformità mal-punt 2 tal-Anness IV.

Artikolu 65

Servizzi ta' dħul mill-ġdid

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jibagħtu d-data u l-informazzjoni meħtieġa, bħall-pożizzjonament, l-istat tal-inġenju spazjali, il-possibbiltà ta' komunikazzjoni, biex jippermettu servizz ta' dħul mill-ġdid aktar preċiż għall-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni imsemmi fl-Artikolu 64(1), mingħajr preġudizzju għat-trażmissjoni lill-entità responsabbli mis-servizz ta' dħul mill-ġdid fis-subkomponent tas-Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST) imsemmi fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2021/696.
2. L-entità inkarigata mis-servizz ta' dħul mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiżgura l-koordinazzjoni meħtieġa mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru biex tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tad-dħul mill-ġdid fuq servizzi tat-traffiku oħrajn.

Artikolu 66

Manuvrabbiltà tal-inġenji spazjali

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-inġenju spazjali jkun iddisinjat, magħmul u mħaddem b'mod li jippermetti lill-inġenju spazjali jkollu u jattiva kapaċitajiet tal-manuvrabbiltà għall-orbiti b'apoġew ta' aktar minn 400 km.
2. Il-kapaċità tal-manuvrabbiltà msemminja fil-paragrafu 1 għandha mqar tkun:
 - (a) konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV, u tippermetti rispons għal twissija ta' avveniment ta' interess għoli, f'konformità mal-Artikolu 64(5);
 - (b) tippermetti d-disponiment ta' tmiem il-ħajja tal-prestazzjoni f'konformità mal-Artikolu 70(1), il-punt (c);

Is-segment terrestri għandu jkun kapaċi jirċievi previżjonijiet orbitali u jipproċessa d-data f'konformità mal-punt 2 tal-Anness III.

Artikolu 67

Bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt għal twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tmexxi bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni għal twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli ("bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt").
2. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jirrapportaw lill-Aġenzija d-dettalji tal-kuntatt tal-persunal rilevanti tagħhom inkarigat mill-attivitajiet tal-evitar tal-kollizzjonijiet u l-attivitajiet tad-dħul mill-ġdid, biex l-Aġenzija ddaħħalhom fil-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1.
3. L-Aġenzija għandha tikkondividi l-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatti mal-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kollizzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 64(1).

Artikolu 68

Regoli tat-traffiku orbitali

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti relatati mat-traffiku u l-koordinazzjoni orbitali stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV.
2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-evitar tal-kollizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV.
Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Artikolu 69

Pożizzjonament ġol-orbita

1. Qabel l-illanċjar, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom janalizzaw l-għażla tal-orbita u għandhom jagħtu r-raġunijiet għal dik l-għażla.
L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jagħżlu l-orbita abbażi ta' analiżi li tqis l-inġenju spazjali eżistenti u r-residwi ġol-orbiti.
2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiżviluppa:
 - (a) metodi speċifiċi għall-kalkolu tal-konġestjoni tal-LEO, tal-MEO u tal-GEO;
 - (b) metodi għall-kalkolu tal-għażla tal-orbita, abbażi ta' metodi rikonoxxuti u mill-aktar avvanzati.Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Artikolu 70

Mitigazzjoni tar-residwi spazjali

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin:

- (a) jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi ppjanata lejn id-Dinja, waqt operazzjonijiet nominali, f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness V;
 - (b) jillimitaw ir-riskju ta' frammentazzjoni aċċidentali, f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness V u mal-punt 1.3 tal-Anness V;
 - (c) ilestu d-disponiment fi tmiem il-ħajja, f'konformità mal-punt 3 tal-Anness V;
 - (d) jimplimentaw pjan tar-rispons għal falliment, f'konformità mal-punt 4.3 tal-Anness V;
 - (e) jiżguraw l-affidabbiltà tad-disinn, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness V; u
 - (f) jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali għall-kontroll tal-kwalità u tal-affidabbiltà, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness V.
2. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom ifasslu dawn il-pjanijiet tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali li ġejjin u għandhom juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1:
- (a) pjan tal-kontroll tar-residwi, f'konformità mal-punt 4.1 tal-Anness V;
 - (b) pjan tad-disponiment fi tmiem il-ħajja, f'konformità mal-punt 4.2 tal-Anness V;
 - (c) pjan tar-rispons għal falliment, f'konformità mal-punt 4.3 tal-Anness V.
3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
- (a) tiżviluppa l-miżuri biex tillimita l-ġenerazzjoni tar-residwi, billi tillimita r-rilaxxi previsti tar-residwi skont in-numri u t-tul taż-żmien għal-orbita, inkluż regoli speċifiċi għad-disinn tal-apparati pirotekniċi u l-muturi tar-roketti bi propellant solidu kif imsemmi fil-punt 1.1 tal-Anness V;
 - (b) tiżviluppa miżuri biex tillimita r-riskju ta' frammentazzjoni biex:
 - (i) tillimita l-kawżi interni tal-frammentazzjoni u r-riskju ta' kollizzjoni msemmija fil-punt 1.2.1, il-punt (a), tal-Anness V;
 - (ii) tiżviluppa r-rekwiżiti tad-disinn u tal-manifattura biex tillimita r-riskju ta' frammentazzjoni minħabba l-kollizzjoni msemmija fil-punt 1.3, il-punti (a) u (b), tal-Anness V;
 - (iii) tiżviluppa l-metodu għall-kalkolu tal-probabbiltà ta' kollizzjoni u l-limitu msemmi fil-punt 1.3, il-punti (c) u (d), tal-Anness V;
 - (c) tispeċifika l-miżuri ta' tmiem tal-ħajja billi:
 - (i) tiddetermina l-limitu għall-probabbiltà ta' disponiment b'suċċess u l-metodu għall-kalkolu msemmi fil-punt 3.1.2 tal-Anness V u fil-punt 3.1.3 tal-Anness V;
 - (ii) tiddefinixxi l-ħajja orbitali massima f'LEO qabel id-dħul mill-ġdid, imsemmija fil-punt 3.4.2 tal-Anness V;
 - (iii) tiżviluppa r-rekwiżiti relatati mad-dħul mill-ġdid għal-LEO, imsemmija fil-punt 3.5.4 tal-Anness V, fil-punt 3.5.6 tal-Anness V u fil-punt 3.5.8 tal-Anness V;
 - (iv) tistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi għad-dħul mill-ġdid għall-MEO, imsemmija fil-punt 3.6 tal-Anness V;

- (d) tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi għall-passivazzjoni inqas stretta msemmija fil-punt 1.2.1, il-punt (e)(v)(2), tal-Anness V, u għall-passivazzjoni għal dħul mill-ġdid imsemmija fil-punt 1.2.1, il-punt (f), tal-Anness V;

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex temenda l-ordni ta' preferenza stabbilita fil-punt 3.3 tal-Anness V, biex din l-ordni tkun tirrifletti u adattata għall-progress teknoloġiku fir-rigward tal-ISOS.

Artikolu 71

Estensjoni tal-missjoni

1. Meta operatur spazjali tal-Unjoni jkun jixtieq jestendi missjoni spazjali, dak l-operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni għandu jissottometti talba għall-estensjoni tal-missjoni spazjali lill-awtorità kompetenti, fi żmien sa 3 xhur qabel it-tmiem ipplanat tal-missjoni spazjali kkonċernata.
2. Malli jirċievu talba sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jestendu t-tul tal-missjoni spazjali mwettqa minn operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni lil hinn mill-perjodu li għalih tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni inizjali.
3. L-awtorità kompetenti għandha tapprova t-talba għall-estensjoni tal-missjoni spazjali jekk l-inġenju spazjali xorta jibqa' jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.

Artikolu 72

Tniġġis tad-dawl u tar-radju

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu pjan li jkun fih miżuri xierqa biex jillimitaw it-tniġġis tad-dawl u tar-radju f'konformità mal-paragrafu 2.
2. Il-kobor viżiv tal-inġenju spazjali tul il-ħajja kollha, inkluż ir-rekwiżiti tad-disinn għal kisi jew ilqugħ b'riflettività baxxa, għandu jkun imqar 7 mag.

Il-pjan imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-elementi kollha li ġejjin:

- (a) deskrizzjoni tal-miżuri tekniċi u operazzjonali implimentati mill-operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni biex inaqqas il-luminożità viżibbli tal-inġenju spazjali u biex inaqqas kemm jista' jkun l-impatt tas-satelliti fuq l-osservazzjonijiet astronomiċi;
- (b) deskrizzjoni tal-miżuri tekniċi u operattivi implimentati mill-operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni biex jillimita t-tfixkil għall-osservatorji tar-radjuastronomija u biex inaqqas kemm jista' jkun l-impatt tas-satelliti fuq l-osservazzjonijiet astronomiċi.

Artikolu 73

Kostellazzjonijiet

1. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni ta' kostellazzjoni, ta' megakostellazzjoni jew ta' gigakostellazzjoni għandhom:

- (a) jiżguraw li kull inġenju spazjali individwali jkollu sistema tal-propulsjoni;
 - (b) fis-segment terrestri, iżommu katalogu tat-trajettorji ta' inġenju spazjali individwali, u kuljum iwettqu skrinjar tar-riskju ta' kollizzjoni;
 - (c) jiżguraw is-sikurezza f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness VI, fir-rigward tal-miżuri tal-evitar tal-kollizzjonijiet fl-intrakostellazzjoni;
 - (d) jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar addizzjonali msemmija fil-punt 2 tal-Anness VI.
2. L-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni ta' megakostellazzjoni jew ta' gigakostellazzjoni għandhom:
- (a) iqisu, għall-għażla tal-orbita, l-elementi li ġejjin:
 - (i) l-impatt tal-introduzzjoni tal-kostellazzjoni kollha fuq il-konġestjoni fl-orbita;
 - (ii) qabel ma jagħżlu l-orbita, il-kostellazzjonijiet eżistenti ġol-orbita;
 - (iii) jiżguraw li l-orbita magħżula ma tikkollokax ma' oġġett spazjali ieħor li jimplika għadd kbir ta' sitwazzjonijiet rikorrenti u sistematiċi ta' konġunzjoni;
 - (iv) l-għadd totali ta' manuvri tal-evitar tal-kollizzjonijiet mistennija tul il-ħajja ta' kostellazzjoni satellitari.
 - (b) jillimitaw il-konsegwenzi ta' inġenju spazjali mejjet mal-wasla, billi jinjettaw l-inġenju spazjali f'orbita li:
 - (i) tippermetti perjodu qasir tad-dħul mill-ġdid tal-inġenju spazjali;
 - (ii) ikollha riskji ta' kollizzjoni limitati.
 - (c) jiżguraw li l-probabbiltà mitluba ta' disponiment b'suċċess imsemmija fl-Artikolu 70(1), il-punt (c), tkun proporzjonata man-numru ta' inġenji spazjali;
 - (d) jiżguraw li l-ħin imqatta' ġol-orbita wara tmien il-ħajja jkun inqas meta mqabbel ma' dak stabbilit fl-Anness V.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' gigakostellazzjoni għandhom jipprovdu pjan lill-awtorità kompetenti, waqt id-disinn u l-operat tal-inġenju spazjali, li juri disponibbiltà ta' propellant meħtieġ biex jiġi indirizzat l-għadd kbir ta' manuvri relatati mal-għadd antiċipat ta' evitar tal-kollizzjonijiet meħtieġ.
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
- (a) tispeċifika r-riskju ta' kollizzjoni fl-intrakostellazzjoni, f'konformità mal-punt 1.2(c), tal-Anness VI;
 - (b) tillimita t-tniġġis tad-dawl u tar-radju, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness VI.
- Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Artikolu 74

Applikabbiltà tar-rekwiżiti tal-prodott

Fil-kuntratti tagħhom konklużi mal-manifatturi tal-fornituri, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw il-konformità tal-oġġetti spazjali kuntrattati jew, kif applikabbli, il-konformità tal-komponenti, mar-rekwiżiti tad-disinn u tal-manifattura kif stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Kapitolu II

REŻILJENZA TAL-INFRASTRUTTURA SPAZJALI

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 75

Relazzjoni mad-Direttivi NIS 2 u CER

1. Fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni li jikkwalifikaw bħala entitajiet essenzjali jew importanti skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 fir-rigward tal-attivitajiet fl-ispazju u s-servizzi spazjali koperti minn dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jittqies, fir-rigward tal-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2022/2555, fejn jidħlu l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà, bħala att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur, għall-finijiet tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.
2. Meta l-operaturi spazjali tal-Unjoni jkunu ġew identifikati bħala entitajiet kritiċi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2557, dan ir-Regolament għandu japplika f'komplementarjetà mad-Direttiva (UE) 2022/2557.
3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti deżinjati jew stabbiliti skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2022/2557, kif ġej:
 - (a) fil-kuntest tal-appoġġ għall-valutazzjonijiet tar-riskju li jridu jsiru skont dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 78(2), u l-valutazzjonijiet tar-riskju li jridu jsiru skont id-Direttiva (UE) 2022/2557, skont l-Artikolu 12(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 13(2);
 - (b) kull meta jkun meħtieġ għall-finijiet li tkun żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva (UE) 2022/2557, u tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inkluż għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 11, 15, 18 u 21 ta' dik id-Direttiva.

TAQSIMA 2

ĠESTJONI TAR-RISKJU

Artikolu 76

Ġestjoni tar-riskju permezz taċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimmaniġġjaw ir-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u għas-sigurtà tal-infrastruttura fiżika u tal-ambjent, f'konformità mal-prinċipju tal-

proporzjonalità, filwaqt li jqisu l-profil u d-daqs tar-riskju tagħhom, kif ukoll in-natura, l-iskala u l-komplessità tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu:

- (a) komprensivi, biex ikopru, skont il-kompiti li jkunu qed jitwettqu, is-segmenti kollha tal-infrastruttura spazjali, inkluż l-infrastruttura terrestri, li jinkludu s-sistemi u s-subsistemi tagħha;
 - (b) xierqa u proporzjonati għar-riskji;
 - (c) abbażi ta' approċċ li jkopri l-perikli kollha.
2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu għandhom jippermettu lill-operaturi spazjali tal-Unjoni:
 - (a) jiżguraw f'kull ħin ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali;
 - (b) iżommu kontroll tekniku effettiv tal-missjonijiet spazjali tagħhom, filwaqt li jippermettu livell ta' riskju xieraq u konsistenti mal-oġettivi u l-karatteristiċi ta' kull missjoni spazjali u konformi mal-istruzzjonijiet superviżorji.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom iqisu mqar il-kriterji li ġejjin meta jivvalutaw il-livell ta' riskju xieraq u konsistenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b):
 - (a) it-tip u l-karatteristiċi tal-missjoni spazjali, bħall-oġettivi speċifiċi tagħha, l-orbita, id-daqs tal-kostellazzjoni;
 - (b) l-impatt fuq attivitajiet fl-ispazju oħrajn;
 - (c) id-daqs tal-entità rispettiva, il-grad ta' esponiment għar-riskju u l-probabbiltà u s-severità tal-inċidenti, inkluż l-impatt soċjetali u ekonomiku tagħhom.
4. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jimmaniġġjaw ir-riskji msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, biex jiżguraw ir-reżiljenza diġitali u fiżika tal-infrastruttura spazjali, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għal:
 - (a) il-fażijiet tal-bidu u tad-disinn, inkluż l-attivitajiet preparatorji għall-fażi tal-manifattura, bħall-analiżi tal-missjoni, l-analiżi tas-sistema, id-definizzjoni tas-sistema, id-disinn tas-sistema, sad-determinazzjoni sħiħa tas-sistemi;
 - (b) il-fażijiet tal-manifattura u tal-ittestjar, bħall-fażijiet tal-manifattura, l-assemblaġġ, l-integrazzjoni, il-verifika, il-validazzjoni u l-kwalifikazzjoni;
 - (c) il-fażi operazzjonali, inkluż:
 - (i) il-fażi tat-trasport, il-kummissjonar, u l-fażi tal-illanċjar u tat-tqegħid inizjali fl-orbita ("LEOP");
 - (ii) l-operat ta' oġġett spazjali, il-fażi ta' rutina, l-attivitajiet relatati mal-kontroll, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-missjoni spazjali u kull koordinazzjoni rilevanti tagħha;
 - (iii) il-manutenzjoni tas-segment terrestri u tas-segment spazjali;
 - (iv) it-twettiq ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, bħas-servizzjar fuq l-orbita;

- (d) il-fażijiet ta' tmiem il-ħajja, b'mod partikolari l-fażijiet ta' tmiem il-missjoni spazjali, tal-passivazzjoni, tad-disponiment, tad-dekummissjonar u tad-deorbitar;
 - (e) kwalunkwe attivitajiet ta' appoġġ, bħat-trasport, il-ħżin, il-loġistika, is-servizzi ta' manutenzjoni, il-ġestjoni tal-infrastruttura ġenerali tal-ICT.
5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jħaddmu sistema tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni f'konformità mal-istandards rilevanti.
- Is-sistema tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun parti mill-ġestjoni ġenerali tar-riskju tal-operaturi spazjali tal-Unjoni u għandha tiġi implimentata b'mod li jkun jistgħu jindirizzaw b'mod effiċjenti u komprensiv is-sorsi kollha tar-riskju, skont l-Artikolu 78(1), il-punt (a), u l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (b).
6. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u japplikaw politika u proċeduri biex jivvalutaw jekk il-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà meħuda humiex implimentati u m'haddma b'mod effettiv.

Artikolu 77

Aspetti organizzattivi

1. Il-korp manigġerjali ta' operatur spazjali tal-Unjoni għandu jissorvelja, ikun responsabbli u jinżamm responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju meħuda biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu, jirrieżaminaw u jimmonitorjaw mekkaniżmi interni rigward il-politika dwar is-sigurtà tar-riżorsi umani, biex jiżguraw li l-persunal kollu jifhem u jimpenja ruħu għar-responsabbiltajiet tas-sigurtà, skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu politiki dwar ir-riżorsi umani biex waqt il-proċessi tar-reklutaġġ u dixxiplinarji, jiżguraw kull skrutinju u verifika meħtieġa.

Artikolu 78

Valutazzjonijiet tar-riskju

1. Tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom:
 - (a) jidentifikaw u jivvalutaw kontinwament is-sorsi kollha tar-riskji;
 - (b) janalizzaw regolarment ir-riskji identifikati;
 - (c) jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet u l-inċidenti fiżiċi u taċ-ċibersigurtà u janalizzaw, fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2, meta daww il-vulnerabbiltajiet ma jistgħux jissewew jew jittaffew minnufih;
 - (d) jistabbilixxu pjanijiet dedikati għat-trattament tar-riskju għall-vulnerabbiltajiet kollha taċ-ċibersigurtà identifikati li joħolqu riskju akbar mil-livell tar-riskju msemmi fl-Artikolu 76(2), il-punt (b).
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju f'konformità mal-punt 1 tal-Anness VII.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi:
- (a) tistabbilixxi, għall-finijiet tax-xenarji tar-riskju msemmija fil-punt 1.4, il-punt (f), tal-Anness VII, il-kriterji għall-identifikazzjoni ta':
 - (i) l-assi kritiċi, il-funzjonijiet kritiċi, l-operazzjonijiet kritiċi u l-istadji kritiċi, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, li għalihom l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżviluppaw xenarji tar-riskju għas-sigurtà;
 - (ii) l-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, li għalihom l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata għandhom jiżviluppaw xenarji tar-riskju tas-sigurtà;
 - (b) tiżviluppa xenarji tar-riskju mfasslin skont ir-riskji indirizzati mill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u rispettivament mill-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata;
 - (c) tistabbilixxi lista minima ta' objettivi tas-sigurtà, inkluż il-livelli tar-riskju li jridu jitqiesu;
 - (d) tiżviluppa l-kriterji u l-metodoloġija biex tiżgura l-komparabbiltà tal-valutazzjonijiet tar-riskju, ħalli tiffaċilita l-attivitajiet superviżorji ("rieżamijiet superviżorji") tal-awtoritajiet kompetenti;
 - (e) tiżviluppa metodi għall-immudellar tat-theddid biex jappoġġaw il-valutazzjonijiet tar-riskju għal segmenti u sistemi differenti tal-infrastruttura spazjali;
 - (f) tiżviluppa miżuri tat-trattament tar-riskju li jridu jiġu applikati mill-operaturi spazjali tal-Unjoni.

Artikolu 79

Ġestjoni tar-riskju simplifikata

1. L-entitajiet soġġetti għall-ġestjoni tar-riskju simplifikata msemmija fl-Artikolu 10(3) għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fil-punt 9 tal-Anness VII, fir-rigward biss tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi, meħtieġa biex jiġu indirizzati r-riskji ta':
 - (a) telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni;
 - (b) telf tal-kontroll tal-assi bil-kapaċità li jemmittjaw interferenzi suxxettibbli għal impatt negattiv fuq is-sigurtà ta' operazzjonijiet spazjali oħra.
 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu lill-Aġenzija l-lista tal-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata.
 3. L-Aġenzija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni kull sena dwar l-applikazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju simplifikata madwar l-Unjoni. L-Aġenzija tista' tissottometti rakkomandazzjonijiet biex tiffaċilita l-konverġenza superviżorja madwar is-suq intern.
- Is-sejbiet ewlenin tar-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ppreżentati, kif xieraq, fuq l-aġenda tal-laqgħat tan-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-UE stabbilit f'konformità mal-Artikolu 94(1).

4. Biex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, abbażi tal-aqwa tekniki disponibbli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 ħalli temenda r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 9 tal-Anness VII.

Artikolu 80

Identifikazzjoni u ġestjoni tal-informazzjoni u tal-assi tal-infrastruttura spazjali

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu, iħaddmu u jaġġornaw politiki komprensivi għall-kategorizzazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni u tal-assi tal-infrastruttura spazjali.
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jidentifikaw u jiddokumentaw l-assi f'konformità mal-punt 2 tal-Anness VII, filwaqt li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fl-Artikolu 78(2), u b'mod proporzjonali mal-ħtieġa ta' monitoraġġ u detezzjoni tal-inċidenti kif imsemmi fl-Artikolu 83.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jikkategorizzaw l-informazzjoni skont il-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-informazzjoni, abbażi mqar ta':
 - (a) il-ħtieġa li jkunu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità, l-awtentiċità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni;
 - (b) il-livell tal-kritikalità meħtieġ mil-livell tas-sigurtà tal-missjoni spazjali rispettiva.
4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3, l-operaturi spazjali tal-Unjoni u, rispettivament, l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata, fir-rigward tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 79(1), ewwel subparagrafu, għandhom jistabbilixxu u jżommu inventarji.

L-inventarji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitfasslu għal missjoni spazjali individwali, li jkunu jindikaw l-orijini u l-post fiżiku attwali tal-assi, inkluż l-identifikazzjoni ta' servizz ibbażat fil-cloud, meta rilevanti. L-inventarji għandhom ikunu aġġornati.

Artikolu 81

Ġestjoni u kontroll tad-drittijiet ta' aċċess

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jimplimentaw il-ġestjoni u l-kontroll tad-drittijiet ta' aċċess bi protokoll tal-ġestjoni tal-identità u l-aċċess.
2. Il-protokoll msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-drittijiet ta' aċċess loġiku u fiżiku għas-sistemi u l-assi, inkluż l-aċċess remot.
3. Il-protokoll ta' ġestjoni tal-identità u tal-aċċess imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:
 - (a) ikunu kapaċi jissalvagwardjaw l-aċċessi għas-segment terrestri u għaċ-ċentri tal-kontroll tas-segment spazjali;
 - (b) jippermettu restrizzjoni tal-aċċess fiżiku u loġiku għall-assi kritiċi kollha, l-informazzjoni kritika, il-funzjonijiet kritiċi, l-operazzjonijiet kritiċi u, kif xieraq, it-tagħmir jew l-informazzjoni kritika identifikati f'konformità mal-Artikolu 80(2);

(c) ikunu mfassla għal operazzjonijiet standard u għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, biex jippermettu risponsi ta' emerġenza effettivi u fil-ħin malli jiskattaw il-pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru msemija fl-Artikolu 87.

4. Meta jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-proċeduri msemija fil-paragrafu 2, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom ikopru l-ħruġ, il-ġestjoni kontinwa (inkluż il-bidliet, l-aġġornamenti jew it-tnaqqis fil-grad), ir-revoka, it-terminazzjoni, il-verifika u l-awditjar tad-drittijiet ta' aċċess loġiku u fiżiku għall-apparati, il-proċessi u l-utenti awtorizzati kollha.

Dawk il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ta' "hteġa għall-informazzjoni" u "l-inqas privileġġ" (limitazzjoni għal dak li hu meħteġ biex ikunu żgurati użu jew attività leġittima u approvata).

5. Id-drittijiet ta' identità u aċċess imsemija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu revokati awtomatikament meta l-awtorizzazzjonijiet tal-persunal jew tal-apparati jiskadu jew ma jibqgħux meħteġa.
6. Il-protokolli għall-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess imsemija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw protezzjoni adegwata tal-informazzjoni u tal-assi identifikati f'konformità mal-Artikolu 80(2) minn riskji, inkluż minn danni, użu ħażin, jew aċċess jew użu mhux awtorizzati.

Artikolu 82

Reżiljenza fiżika

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness VII, u kwalunkwe miżura oħra meħteġa u adegwata biex jiżguraw ir-reżiljenza tal-assi fiżiċi u li jkunu mqar ekwivalenti għall-miżuri tekniċi, tas-sigurtà u organizzattivi msemija fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2022/2557 biex tkun żgurata r-reżiljenza tas-segmenti terrestri.
2. Meta l-operaturi spazjali tal-Unjoni jkunu ġew identifikati bħala entitajiet kritiċi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2557, dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal, u b'komplementarjetà ma', dik id-Direttiva.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiddefinixxu, jipproteġu u jissegregaw iż-żoni li fihom assi u informazzjoni meqjusa sensittivi jew identifikati bħala kritiċi, abbażi tal-identifikazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 80(2).
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113, biex temenda r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness VII, biex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku, abbażi tal-aqwa tekniki disponibbli.

Artikolu 83

Detezzjoni u monitoraġġ tal-inċidenti

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jimmonitorjaw kontinwament l-okkorrenza ta' anomaliji u inċidenti billi jużaw sistemi u mekkaniżmi xierqa tad-detezzjoni.
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni u, rispettivament, l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata, fir-rigward tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemija fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, għandhom jiżguraw li l-istazzjonijiet terrestri jkollhom aċċess għal sistemi u mekkaniżmi tad-detezzjoni li jkunu konformi mqar mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness VII.

3. L-inġenji spazjali u s-segment terrestri għandhom jiġu kkonfigurati biex jiġġeneraw u jirċievu rispettivament, malli ssir detezzjoni ta' inċident, avveniment tas-sigurtà li għandu jintbagħat lil subsistema ta' monitoraġġ tas-sigurtà. Is-subsistema ta' monitoraġġ tas-sigurtà tas-segment terrestri għandha tkun segregata mill-bqija tal-infrastruttura (segregazzjoni loġika), f'termini tat-teknoloġija tal-informazzjoni.
4. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li s-sistemi u l-mekkaniżmi tad-detezzjoni jiġu ttestjati b'mod regolari f'konformità mal-Artikoli 88 u 89.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113, biex temenda l-lista tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness VII, biex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku, abbażi tal-aqwa tekniki disponibbli.

Artikolu 84

Prevenzjoni u protezzjoni

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom ifasslu l-miżuri dwar iċ-ċibersigurtà tal-inġenju spazjali u s-segment terrestri adottati f'konformità ma' dan il-Kapitolu skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-missjoni spazjali u għandhom ikopru kif xieraq ir-riskji identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 78(2).
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li n-network u s-sistemi tal-informazzjoni jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5.1 tal-Anness VII;
 - (b) ikunu kkonfigurati biex jippermettu lis-segment terrestri jissorvelja t-telemetrija/it-telekmand fuq l-art u biex jissorvelja l-istat tal-inġenju spazjali;
 - (c) ikunu jippermettu lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jżommu kontroll tekniku effettiv tas-segment spazjali.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni, u rispettivament l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata, fir-rigward tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, għandhom jiżguraw li l-apparati awtorizzati biss jikkomunikaw mas-sistemi responsabbli mill-kontroll, mill-kmand ta' satellita, u mill-konfigurazzjoni tal-missjoni spazjali.
Għal dak il-għan, għandhom jikkonformaw imqar mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5.2 tal-Anness VII u fil-punt 5.3 tal-Anness VII.
4. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri preventivi u protettivi meħtieġa u adegwati biex jiżguraw ir-reżiljenza tal-attivitajiet fl-ispazju, billi jieħdu mqar il-miżuri rigward is-segment terrestri li hemm stabbiliti fil-punt 5.4 tal-Anness VII.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex temenda r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness VII, ħalli tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku, abbażi tal-aqwa tekniki disponibbli.

Artikolu 85

Kriptografija u kriptaġġ

1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 78(2), l-operaturi spazjali tal-Unjoni, u rispettivament l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata,

fir-rigward tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:

- (a) għandhom jiddefinixxu kunċett kriptografiku biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà tal-missjonijiet spazjali, billi jqisu kif xieraq il-kriterji rilevanti kollha, bħall-objettiv tal-missjoni spazjali, il-karatteristiċi tat-tagħbija utli, kwalunkwe rekwiżit funzjonali u kwalunkwe xenarju ta' theddid rilevanti;
 - (b) għandhom jagħżlu mekkaniżmi kriptografiċi f'konformità mal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-awtoritajiet kompetenti;
 - (c) għandhom jimplimentaw politiki u proċeduri għall-użu tal-kriptografija u l-kriptaġġ għall-missjonijiet spazjali tagħhom.
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu politika ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja għall-kjavi kriptografiċi li għandha tistabbilixxi regoli għall-protezzjoni u l-ġestjoni tal-kjavi kriptografiċi biex ikunu żgurati l-ġenerazzjoni, l-użu, il-ħżin, id-distribuzzjoni u d-disponiment siguri tagħhom.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jimplimentaw imqar ir-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) awtentikazzjoni minn tarf sa tarf tar-rabtiet bejn iċ-ċentri tal-kontroll ta' satellita u s-segment spazjali, billi jintużaw mekkaniżmi kriptografiċi bejn is-segment terrestri u s-satellita;
 - (b) jiżguraw il-kriptaġġ tat-telekmandi li jikkunsidraw il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fl-Artikolu 78(2), u li jimxu skont rakkomandazzjonijiet ta' rieżamijiet superviżorji;
 - (c) jiżguraw id-disponibbiltà ta' kjavi kriptografiċi u parametri li huma meħtieġa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru msemmija fl-Artikolu 87, permezz ta' tagħmir kriptografiku ta' riżerva, jew bl-implimentazzjoni taż-żamma tal-kjavi kriptografiċi għand terzi.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 113, li tadotta atti delegati biex tkompli tissupplimenta l-użu mill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' prodotti kriptografiċi u ta' prodotti jew servizzi ta' ġestjoni tal-kjavi relatati u ċċertifikati skont l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà adottati skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2019/881, biex tiżgura l-protezzjoni tat-telemetrija u tat-telekmandi.

Artikolu 86

Ġestjoni tar-riżerva u ridondanzi

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni u rispettivament l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata, fir-rigward tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, għandhom jiżguraw politika soda u komprensiva għall-ġestjoni tar-riżerva li tippermetti restawrazzjoni tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, u li tiffaċilita, bl-iqsar perjodu ta' qtugħ possibbli u bi rkupru ta' tfixkil jew telf limitat, il-proċessi tal-irkupru u l-kisba tad-data, malli jiskattaw il-miżuri tar-rispons u l-irkupru minn diżastri.

Dik il-politika għandha tispeċifika d-data soġġetta għall-ġestjoni tar-riżerva, il-frekwenza tar-riżervi, u l-proċeduri u l-metodi użati għar-restawrazzjoni u l-irkupru.

2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li s-sistemi tar-riżerva ma jkunux jipperikolaw is-sigurtà tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, jew il-kunfidenzjalità, l-integrità, l-awtentiċità, u d-disponibbiltà tad-data.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni u rispettivament l-entitajiet li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata, fir-rigward tal-assi kritiċi u l-funzjonijiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 79(1), l-ewwel subparagrafu, għandhom jiżguraw ridondanzi suffiċjenti tal-komponenti rilevanti tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni fis-segment terrestri.
Għandhom b'mod partikolari:
 - (a) jiżguraw ridondanzi tal-elementi, minbarra l-komponenti tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, kif meħtieġ biex tkun żgurata l-kontinwità tal-operat, pereżempju ridondanzi tal-provvista tal-enerġija fil-forma ta' ġeneraturi għal siti tal-ipproċessar sekondarji;
 - (b) jiżguraw qsim ġeografiku f'postijiet distinti, kif jitqies xieraq, ta' elementi żejda u ta' riżerva;
 - (c) jiżguraw sopravivenza adegwata tas-segment spazjali, mingħajr intervent, biex jiġi ffaċilitat l-irkupru malajr minn inċidenti, bħal b'mod partikolari minn attakki ċibernetiċi, diżastri, fallimenti, kif ukoll minn xi interruzzjoni aċċidentali tas-servizzi.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex tkompli tispeċifika r-rekwiżiti dwar ir-riżerva meħtieġa biex tkun żgurata s-sopravivenza adegwata tas-segment spazjali u biex jiġi ffaċilitat l-irkupru malajr minn inċidenti ħalli d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, abbażi tal-aqwa tekniki disponibbli.

Artikolu 87

Politika għall-kontinwità tal-operat u pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru

1. Bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju tagħhom, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu u għandhom jiddokumentaw il-miżuri tal-ġestjoni tal-inċidenti u tal-kriżijiet. Il-miżuri għandhom jiġu strutturati f'politika għall-kontinwità tal-operat li għandha tiġi implimentata bi pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru mfassla apposta.
2. Il-pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippermettu lill-operaturi spazjali tal-Unjoni jirrispondu malajr u b'mod effettiv għall-inċidenti u jinkludu l-effetti negattivi tagħhom.
3. Il-miżuri tal-ġestjoni tal-kriżijiet meħuda mill-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jibnu fuq il-miżuri stabbiliti, fis-segment spazjali u fis-segment terrestri, inkluż ridondanzi u riżervi, biex itaffu b'mod partikolari dan li ġej:
 - (a) id-diżastri naturali;
 - (b) l-inċidenti waqt l-operazzjoni;
 - (c) it-tfixkil fil-provvista tal-utilitajiet, b'mod partikolari waqt il-fażijiet tal-operat;
 - (d) it-telf fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-qtugħ tal-enerġija, u disturbi u bidliet fil-kundizzjonament tat-tagħmir rilevanti;

- (e) it-telf ta' assi fiżiċi fis-segment terrestri, inkluż, pereżempju, it-telf ta' ċentri tal-kontroll ta' missjoni, it-telf ta' ċentri tal-kontroll ta' satelliti, u t-telf ta' interkonnessjoni terrestri bejniethom;
- (f) l-interferenzi fuq il-konnessjonijiet tal-frekwenza tar-radju bejn l-art u l-ispazju, bejn l-ispazju u l-art u bejn l-ispazju u l-ispazju;
- (g) il-partijiet mibdula jew kompromessi tas-segment terrestri, inkluż fir-rigward tal-kjavi kriptografiċi.

Meta jimplimentaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom iqisu l-ħtieġa li jinżamm kontroll tekniku effettiv tas-segment spazjali, u li tkun żgurata l-kontinwità tas-servizzi u li jiġu minimizzati l-oqsma tan-nuqqas ta' disponibbiltà tas-servizzi.

4. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-persunal involut fit-twettiq tal-miżuri tal-kontinwità tal-operat u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru jkun kiseb taħriġ sħiħ u adegwat li jeħtieġ biex jaqdi r-rwoli tiegħu.

Artikolu 88

Ittestjar

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu, iħaddmu u jirrieżaminaw programm tal-ittestjar għan-network u s-sistemi tal-informazzjoni, bħala parti integrali mill-ġestjoni tar-riskju tagħhom.
2. Il-programm tal-ittestjar imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollu kampanji tal-ittestjar li jinkludu t-testijiet kollha meħtieġa, b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 78(2).
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li, qabel l-illanċjar, jew fil-każ ta' satelliti li jkunu parti minn kostellazzjoni, qabel l-illanċjar tal-ewwel lott ta' satelliti, u mbagħad imqar kull 3 snin, iwettqu Ttestjar tal-Penetrazzjoni Bbażat Fuq it-Theddid (TLPT).

Il-pjan għat-testers li jwettqu TLPT għandu jiddeskrivi l-ambitu u l-metodoloġija tat-TLPT, l-entità responsabbli mit-twettiq ta' dan it-test, l-istrateġija tal-mitigazzjoni ta' riskji li jista' jkun hemm waqt it-twettiq ta' TLPT.

It-testers li jwettqu t-TLPT għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ikollhom l-aqwa idoneità u reputazzjoni;
- (b) ikollhom il-kapaċitajiet tekniċi u organizzattivi kollha, u juru għarfien espert speċifiku fl-ittestjar tal-penetrazzjoni;
- (c) jipprovdu assigurazzjoni indipendenti jew rapport tal-awditjar;
- (d) jippreżentaw pjan ta' rimedju biex jindirizzaw ir-riskji identifikati.

It-testers li jkunu esterni għall-istruttura korporattiva tal-operaturi spazjali tal-Unjoni għandu jiċċertifikahom korp tal-akkreditazzjoni ta' Stat Membru jew għandhom josservaw kodiċijiet formali ta' kondotta jew oqfsa etiċi. Għandhom ikunu koperti bis-sħiħ minn assigurazzjoni ta' indennizz professjonali rilevanti kontra r-riskji ta' kondotta ħażina u negliġenza.

L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jimmonitorjaw il-ħsarat u l-anomaliji tas-sistema osservati tul il-proċessi tal-ittestjar u jevalwaw il-kritikalità tagħhom.

Artikolu 89

Tagħlim u taħriġ

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jipprovdu taħriġ xieraq lill-persunal tagħhom, f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 6.
2. Il-persunal kollu tal-operaturi spazjali tal-Unjoni għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat u kontinwu u għandu jattendi t-taħriġ imsemmi fil-punt 7.1 tal-Anness VII.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-persunal kollu jkun irċieva taħriġ imfassal apposta f'konformità mal-punt 7.2 tal-Anness VII.
4. Il-persunal kollu tas-sigurtà li jaħdem għall-operaturi spazjali tal-Unjoni għandu jkollu l-ħiliet meħtieġa fis-sigurtà u għandu jkun imħarreġ kif xieraq.
5. Il-persunal tal-operaturi spazjali tal-Unjoni li jopera f'ambjenti sensittivi jew li jimmaniġġjaw tagħmir jew data sensittiva għandu jiġi mħarreġ regolarment dwar l-aħjar metodi u Prattiki għat-twettiq ta' tali kompiti.
6. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jinkorporaw it-tagħlimiet meħuda mill-ġestjoni tal-inċidenti billi jaġġornaw il-pjanijiet tal-kontinwità tal-operat, is-sessjonijiet tat-taħriġ, u l-programmi tal-ittestjar għall-persunal.

Artikolu 90

Politika dwar il-komunikazzjoni u l-iżvelar f'każ ta' kriżi

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu strateġija għall-komunikazzjoni tal-kriżijiet li għandha tippermetti l-iżvelar responsabbli tal-inċidenti sinifikanti u tkun immirata u mfassla għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:
 - (a) il-persunal involut fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-ġestjoni tar-riskju, b'mod partikolari l-miżuri tar-rispons u tal-irkupru;
 - (b) il-persunal, apparti dak il-persunal imsemmi fil-punt (a), sa fejn il-komunikazzjoni lil tali persunal titqies xierqa biex ikun żgurat għarfien korporattiv ġenerali, abbażi tal-prinċipju ta' "ħtieġa ta' għarfien";
 - (c) il-klijenti, biex javżawhom u jsiru jafu b'theddid ċibernetiku sinifikanti;
 - (d) fil-każ tas-satelliti li jospitaw tagħbijiet utli ta' partijiet terzi, meta inċident iħalli impatt negattiv fuq l-operazzjonijiet tal-pjattaforma tas-satellita, l-entità terza kkonċernata, skont ftehim predefinit u l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-pjan tagħha tar-rispons u tal-irkupru minn diżastri.
2. Imqar persuna waħda fl-istruttura korporattiva tal-operaturi spazjali tal-Unjoni għandha tkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għandha taqdi l-funzjoni ta' uffiċjal tal-midja.

Artikolu 91

Ġestjoni tal-inċidenti

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw proċess tal-ġestjoni tal-inċidenti li jippermettilhom detezzjoni, identifikazzjoni, immaniġġjar u rispons minnufih għall-inċidenti u li jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 93.

L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu rwoli u responsabbiltajiet fir-rigward tat-tipi differenti ta' inċidenti li għandhom jiġu adattati għax-xenarji differenti tar-riskju.

2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jiżguraw li mqar l-inċidenti sinifikanti jiġu rrapportati minnufih lill-meniġment superjuri tal-ġestjoni tar-riskju.

Il-korp maniġerjali għandu jirċievi, b'mod regolari kif iddeterminat mill-uffiċjal kap tas-sigurtà tal-informazzjoni, il-meniġer tas-sigurtà jew l-uffiċjal anzjan tal-ġestjoni tar-riskju, informazzjoni suffiċjenti dwar l-inċident sinifikanti, valutazzjoni tal-impatt tagħhom, informazzjoni dwar il-miżuri tar-rispons u tal-irkupru li ttieħdu u kull kontroll u proċedura addizzjonali li jridu jiġu stabbiliti fis-segwitu ta' dak l-inċident sinifikanti.

3. Meta satellita tkun tospita tagħbijiet utli ta' partijiet terzi u inċident ikollu impatt negattiv fuq l-operazzjonijiet tal-pjattaforma tas-satellita, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-entità terza kkonċernata u għandhom jimxu mal-istruzzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet predefiniti msemmija fit-tieni subparagrafu u dawk stabbiliti fil-pjanijiet tar-rispons u tal-irkupru minn diżastri.

Għal dawk il-finijiet li tkun żgurata l-ħeffa u l-ġestjoni effettiva tal-inċidenti, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jikkonkludu ftehimiet ma' entitajiet terzi li għalihom satellita tkun tospita tagħbija utli.

4. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-inċidenti biex jevitaw l-okkorrenza ta' inċidenti futuri.

Artikolu 92

Ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu qafas għall-ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista. Il-kuntratti tagħhom mal-manifatturi fornituri u l-fornituri tas-servizzi għandhom jinkludu aspetti relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista b'mod partikolari dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-informazzjoni.
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jibbażaw il-ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista tagħhom fuq strateġija biex jitnaqqsu r-riskji fil-katina tal-provvista li għandha tinkludi mqar il-miżuri msemmija fil-punt 6 tal-Anness VII.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu inventarju mqar għall-assi kritiċi ta' oriġini minn barra l-Unjoni li, meta wieħed iqis il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 78(2), ikun hemm bżonn biex jinżamm kontroll tekniku effettiv tal-missjoni spazjali, bħall-kontroll orbitali, biex jappoġġa l-analiżi tal-livell ta' dipendenza tal-missjonijiet spazjali tal-assi rispettivi.
4. Biex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, abbażi tal-aqwa tekniki disponibbli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113, biex temenda l-lista tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 6 tal-Anness VII.

TAQSIMA 3

RAPPORTAR TAL-INĊIDENTI

Artikolu 93

Rapportar tal-inċidenti sinifikanti

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi tal-Unjoni lill-istruttura msemmija fl-[Artikolu 34\(4\) tar-Regolament \(UE\) 2021/696](#).
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 28(1). L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 28(1) għandhom min-naħa tagħhom jibagħtu sommarju ta' kull inċident irrapportat lill-Aġenzija.
3. Meta l-operaturi spazjali tal-Unjoni jikkwalifikaw bħala entitajiet essenzjali jew importanti skont l-[Annessi I](#) jew [II tad-Direttiva \(UE\)](#), ir-rapportar imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jsir tramite s-CSIRTs stabbiliti skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2022/2555 jew, meta applikabbli, l-awtorità kompetenti stabbilita skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2022/2555, li għandhom, mingħajr dewmien, jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 28(1), inkluż kull appoġġ tekniku u rispons li daww is-CSIRTs jew l-awtoritajiet ikunu taw lill-operaturi spazjali skont l-Artikoli 23 ta' dik id-Direttiva.

Meta l-operaturi spazjali tal-Unjoni jkunu ġew identifikati bħala entitajiet kritiċi skont id-Direttiva (UE) 2022/2557, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk ir-rapportar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandux isir mill-operaturi spazjali tal-Unjoni direttament għall-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 28(1), jew għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva jew b'mezzi oħra.

F'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7 għandhom japplikaw kif xieraq fir-rigward tal-informazzjoni li trid tintbagħat.
4. Għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jikkwalifikaw bħala entitajiet essenzjali jew importanti skont l-[Annessi I](#) jew [II tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#), jew li huma identifikati bħala entitajiet kritiċi skont id-Direttiva (UE) 2022/2557, rispettivament, ir-rekwiżit tar-rapportar imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tar-rapportar previsti fl-[Artikolu 23 tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#) jew l-obbligi tan-notifika previsti fl-Artikolu 15(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2022/2557, rispettivament.
5. Mingħajr preġudizzju għall-kontribut tekniku, il-pariri, ir-rimedji u s-segwitu sussegwenti li jaf jingħataw, kif applikabbli, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mis-CSIRTs, f'konformità mal-[Artikolu 11 tad-Direttiva \(UE\) 2022/2555](#), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu rispons lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, billi jipprovdu kwalunkwe informazzjoni anonimizzata rilevanti dwar it-theddid ċibernetiku u jistgħu jiddiskutu rimedji jew modi biex inaqqsu kemm jista' jkun u jtaffu l-impatt negattiv potenzjali bejn il-fruntieri.
6. Inċident għandu jitqies sinifikanti jekk ikun:

- (a) ikkawża jew jista' jikkawża tfixkil operazzjonali serju tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa mill-operaturi spazjali tal-Unjoni, jew tas-servizzi pprovduti, jew telf finanzjarju konsiderevoli għall-operaturi spazjali tal-Unjoni kkonċernati;
 - (b) iħalli jew jista' jħalli impatt fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra billi jikkawża dannu materjali jew mhux materjali konsiderevoli.
7. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jissottomettu lill-Aġenzija, fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 u, rispettivament, lill-awtoritajiet kompetenti, fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 2, l-informazzjoni li ġejja:
- (a) mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien 12-il siegħa minn meta jsiru jafu bl-inċident sinifikanti, fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, u fi żmien 24 siegħa għall-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), rispettivament, jissottomettu twissija bikrija li għandha tindika jekk l-inċident sinifikanti setax ġie kkawżat minn atti malizzjużi jew illegali, jew jekk setax ikollu impatt transfruntier;
 - (b) mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa minn meta jsiru jafu bl-inċident sinifikanti, jissottomettu rapport li għandu jaġġorna l-informazzjoni msemmija fil-punt (a), u għandu jipprovdi valutazzjoni inizzjali tal-inċident sinifikanti, inkluż is-severità u l-impatt tiegħu kif ukoll, meta disponibbli, l-indikaturi ta' kompromess;
 - (c) malli jintalbu mill-awtorità kompetenti jew, kif applikabbli, mill-Aġenzija, jissottomettu rapport intermedju b'aġġornamenti rilevanti tal-istatus;
 - (d) jissottomettu rapport finali, fi żmien xahar mis-sottomissjoni tar-rapport imsemmi fil-punt (b), inkluż dan li ġej:
 - (i) deskrizzjoni dettaljata tal-inċident sinifikanti, inkluż is-severità u l-impatt tiegħu;
 - (ii) it-tip ta' theddida jew il-kawża ewlenija li aktarx tkun ikkawżat dak l-inċident sinifikanti;
 - (iii) il-miżuri tal-mitigazzjoni applikati u attwali;
 - (iv) kif applikabbli, l-impatt transfruntier tal-inċident sinifikanti;
 - (e) jekk fil-mument tas-sottomissjoni tar-rapport finali msemmi fil-punt (d), l-inċident sinifikanti jkun għadu għaddej, jissottomettu rapport dwar il-progress sa dak il-mument, kif ukoll rapport finali fi żmien xahar mid-data tal-ġestjoni tal-inċident sinifikanti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta dan ir-Regolament, billi tispeċifika l-kriterji biex tiddetermina x'jikkostitwixxi tfixkil operazzjonali serju tal-attivitajiet fl-ispazju, jew tas-servizzi pprovduti minn operatur spazjali tal-Unjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 6, il-punt (a), inkluż il-limiti tal-materjalità rilevanti.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2), biex tispeċifika f'aktar dettall il-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi rrapportata skont il-paragrafu 7, u biex tistabbilixxi l-mudelli u l-proċeduri għar-rapportar ta' dik l-informazzjoni.

Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni

1. In-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni (“EUSRN”) hu stabbilit biex jappoġġa l-koordinazzjoni u l-iskambji bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tal-mandati rispettivi tagħhom fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u, rispettivament, tal-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21).
2. L-EUSRN għandu jwettaq dawn il-kompiti:
 - (a) jiżgura approċċi konsistenti fost l-awtoritajiet kompetenti meta jagħtu l-pariri u l-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 93(5), u jappoġġa lill-operaturi spazjali tal-Unjoni biex jiksibu l-koerenza fil-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-inċidenti sinifikanti tagħhom;
 - (b) jipprevjeni, fir-rigward tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), impatti negattivi fil-funzjonament tal-Programm Spazjali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2021/696, kif ukoll jippromwovi, għal dak il-għan, il-koordinazzjoni meħtieġa u jappoġġa l-adozzjoni, mill-Kummissjoni u l-Aġenzija, tal-miżuri meħtieġa biex itaffu dawk l-impatti negattivi, skont il-mandati mogħtija mill-Artikoli 28, 29 u 34 tar-Regolament (UE) 2021/696, biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), ta’ dak ir-Regolament;
 - (c) jiżgura l-koerenza tal-miżuri nazzjonali meħuda skont l-Artikolu 34(6) u l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/696 għall-protezzjoni tal-assi tal-infrastruttura li jkun hemm fit-territorji tal-Istati Membri, fis-segmenti terrestri, li jkunu parti integrali mill-Programm Spazjali tal-Unjoni;
 - (d) jiddiskuti kwalunkwe żvilupp rilevanti dwar ir-riskji li jkun jaffettwa l-assi tal-infrastruttura spazjali, jippromwovi approċċ konsistenti fil-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji ċibernetiċi għas-settur spazjali fl-Unjoni, jiddiskuti l-aqwa prattiki u jikkondividi informazzjoni dwar il-miżuri tar-reżiljenza rilevanti;
 - (e) jorganizza laqgħat konġunti mal-Grupp ta’ Kooperazzjoni tan-NIS stabbilit skont l-Artikolu 14(1) jew mal-EU-CyCLONe stabbilit skont l-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555 biex jiskambjaw informazzjoni rilevanti fir-rigward tas-settur spazjali dwar theddid ċibernetiku, inċidenti, vulnerabbiltajiet, inizjattivi ta’ tixrid tal-għarfien, taħriġ, eżerċizzji u hili, bini tal-kapaċità, standards u speċifikazzjonijiet tekniċi.
3. L-EUSRN għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti, tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

Meta xieraq, il-Kummissjoni jew l-Aġenzija jistgħu jistiednu rappreżentanti ta’ istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi oħra tal-Unjoni, b’mod partikolari tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), jew tal-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS) biex jattendu sessjonijiet speċifiċi tal-EUSRN.
4. Il-EUSRN għandu, b’mod regolari u jiskambja informazzjoni ma’ u jirrapporta lin-network tal-iskwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (“network tas-CSIRTs”) imsemmi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2555, lill-ENISA u lin-Network Ewropew ta’ Organizzazzjoni ta’ Kollegament f’każ ta’

Ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe) imsemmi fl-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva, biex jipprovdi aġġornamenti u valutazzjonijiet tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-inċidenti sinifikanti li jolqtu l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), ta' dan ir-Regolament, u jiddiskuti l-konsegwenzi potenzjali li inċidenti sinifikanti jistgħu jħallu fuq setturi u servizzi oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-EUSRN u l-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi stabbilit skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2022/2557, u rispettivament, bejn l-EUSRN u l-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2022/2555.
6. L-EUSRN għandu jiltaqa' b'mod regolari u mqar darbtejn fis-sena. L-Aġenzija għandha tippresjedi l-gruppi ta' ħidma tekniċi.

Minbarra l-laqgħat regolari msemmija fl-ewwel subparagrafu, kull 18-il xahar, l-EUSRN għandu jorganizza sessjoni ġenerali apposta biex tiffaċilita l-kooperazzjoni strateġika fil-qasam tal-ispazju u l-kondiviżjoni ta' aġġornamenti u analiżijiet rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi s-sessjonijiet ġenerali.

TAQSIMA 4

KONDIVIŻJONI TAL-INFORMAZZJONI U TIXRID TAL-GĦARFIEN

Artikolu 95

Kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni jistgħu, b'mod volontarju, jiskambjaw bejniethom informazzjoni rilevanti fil-qasam taċ-ċibersigurtà, inkluż informazzjoni rilevanti dwar attakki ċibernetiċi, theddid ċibernetiku, interferenzi elettroniki bħal jamming, spoofing, informazzjoni dwar indikaturi ta' kompromess, tattiki, tekniki u proċeduri kontenzjużi, kważi aċċidenti, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, u jikkondividu twissijiet u rakkomandazzjonijiet taċ-ċibersigurtà għall-konfigurazzjoni ta' għodod taċ-ċibersigurtà li jippermettu l-iskoperta ta' attakki ċibernetiċi, sakemm dik il-kondiviżjoni tal-informazzjoni:
 - (a) ikollha l-għan li tipprevjeni, tidentifika, tirrispondi għal, jew tirkupra minn inċidenti, jew ittaffi l-impatt tagħhom;
 - (b) tkun ittejjeb il-livell taċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza ġenerali tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, b'mod partikolari billi xxerred għarfien dwar it-theddid ċibernetiku, billi tillimita jew timpedixxi l-abbiltà li dan it-theddid jinfirex, billi tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet difensivi u għarfien komuni dwar ir-rimedjazzjoni tal-vulnerabbiltà, l-iskoperta tat-theddid, tekniki ta' konteniment u prevenzjoni, strateġiji tal-mitigazzjoni, stadji tar-rispons u tal-irkupru, jew billi tippromwovi riċerka kollaborattiva dwar it-theddid ċibernetiku bejn l-entitajiet pubbliċi u privati;
 - (c) tiġri fi ħdan komunitajiet fdati ta' operaturi spazjali tal-Unjoni;
 - (d) tiġi implimentata b'arranġamenti li jipproteġu n-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża u jkunu regolati minn regoli ta' kondotta, b'rispett sħiħ għall-kunfidenzjalità kummerċjali, tar-regoli dwar il-

protezzjoni tad-data personali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, u l-linji gwida dwar il-politika tal-kompetizzjoni.

2. L-arranġamenti msemija fil-paragrafu 1, il-punt (d), għandhom:
 - (a) jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, u r-regoli għall-parteċipazzjoni f'arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif ukoll it-tip ta' informazzjoni li trid tiġi kondiviża;
 - (b) jispeċifikaw l-aspetti operazzjonali, bħall-użu ta' pjattaformi dedikati tal-ICT u għodod tal-awtomatizzazzjoni;
 - (c) jistabbilixxu d-dettalji li jirregolaw l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kapaċità li fiha daww l-awtoritajiet jistgħu jipparteċipaw f'daww l-arranġamenti.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà msemija fil-paragrafu 1, malli jidħlu jew joħorġu minn dawn l-arranġamenti.
4. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija, għandha tiffaċilita l-istabbiliment tal-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà msemija fil-paragrafu 1, il-punt (d), billi tappoġġa jew tippromwovi l-attivitajiet taċ-Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni dwar l-Ispazju tal-UE.

Kapitolu III

SOSTENIBBILTÀ AMBJENTALI TAL-ATTIVITAJIET FL-ISPACJU

Artikolu 96

Impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju

1. Is-sostenibbiltà għandha tkopri s-sostenibbiltà fl-ispazju u s-sostenibbiltà fid-Dinja (is-sostenibbiltà ambjentali).
2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni, hlied daww imsemija fl-Artikolu 10(4), għandhom jikkalkulaw l-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju li jwettqu.
3. L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom permezz ta' kuntratt jeżiġu li l-fornituri tagħhom jipprovdu d-data kollha li jeħtieġu l-operaturi spazjali tal-Unjoni biex jissodisfaw l-obbligu msemmi fil-paragrafu 2.
4. Bħala parti mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemija fl-Artikolu 6, l-applikanti għandhom jissottomettu Dikjarazzjoni tal-Impronta Ambjentali ("EFD") lill-awtoritajiet kompetenti.
5. L-EFD għandha taferma li l-operaturi spazjali tal-Unjoni jkunu kkalkulaw, f'konformità mal-Artikolu 97, l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju li jkunu beħsiebhom iwettqu.
6. Mal-EFD imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jinhemżu dawn kollha li ġejjin:
 - (a) ċertifikat tal-EF mogħti f'konformità mal-Artikolu 98(2);
 - (b) l-istudju tal-EF li jappoġġa r-riżultati tal-EFD;

- (c) is-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati abbażi tal-EF li jkun ġie kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2;
 - (d) il-prova tat-trażmissjoni tas-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 99(1), l-ewwel subparagrafu.
7. L-EFD għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
- (a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-indirizz postali u l-mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni tagħhom;
 - (b) l-informazzjoni dwar it-tip ta' attivitajiet fl-ispazju li huma ppjanati li jitwettqu u t-tip ta' prodotti, sustanzi jew materjali li għalihom japplika l-EFD;
 - (c) il-prova li l-EF li ġie kkalkolat u vverifikat f'konformità mar-regoli tal-kalkolu u tal-verifika stabbiliti fl-att implimentat adottat skont l-Artikolu 97(4);
 - (d) il-klassi tal-prestazzjoni tal-EF li għaliha jappartjeni l-inġenju spazjali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-att implimentat adottat skont l-Artikolu 97(4);
- Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 114(2), biex tistabbilixxi l-mudelli u l-kontenut għall-informazzjoni li trid tiġi rrapportata skont il-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu.
8. Sal-31 ta' Diċembru 2031, l-operaturi spazjali tal-Unjoni li ġejjin għandhom jiġu eżentati mill-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 96, 97, 98, 99 u 100:
- (a) intrapriżi żgħar;
 - (b) istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni.

Artikolu 97

Kalkolu u verifika tal-EF tal-attivitajiet fl-ispazju

1. L-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju għandha tkopri l-missjonijiet spazjali mwettqa f'xi waħda mill-orbiti tad-Dinja, inkluż orbiti ċimiterju.
2. Il-kalkolu msemmi fl-Artikolu 96(2) għandu jkopri l-attivitajiet kollha mwettqa tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' missjoni spazjali, inkluż fl-istadji inizjali, bħad-disinn u l-iżvilupp, tul il-fażi tal-manifattura, il-fażijiet tal-operat u fl-istadji ta' tmiem il-ħajja.
3. L-EF tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa skont il-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għall-Konnettività Sigura għandha tkopri l-komponenti msemija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (c) u l-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/696 u fl-[Artikolu 1 tar-Regolament \(UE\) 2023/588](#).
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 114(2), biex tispeċifika l-metodu tal-kalkolu u tal-verifika tal-EF tal-attivitajiet fl-ispazju, billi tqis metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi u l-istandards internazzjonali rilevanti allinjati mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279⁽¹⁸⁾. Dawk l-atti ta'

⁽¹⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-

implimentazzjoni għandhom jiġu rieżaminati biex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u biex isir adattament għall-progress teknoloġiku.

Artikolu 98

Ċertifikat EF

1. Meta japplika għall-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 7(1), applikant għandu jkollu ċertifikat li jiċċertifika li l-EF tal-attivitajiet fl-ispazju previsti tiegħu tkun ġiet ikkalkolata f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 96(2).
2. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu joħorġu l-korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-valutazzjoni teknika, inkluż il-verifika u l-validazzjoni, għall-finijiet tal-Artikoli 96, 97, 98, 99 u 100.

Artikolu 99

Trażmissjoni tas-settijiet tad-data lill-bażi tad-data tal-Unjoni relatata mal-EF

1. Qabel ma japplikaw għall-awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 7(1), l-applikanti għandhom jibagħtu s-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati msemmija fl-Artikolu 96(6), il-punt (c), lill-Kummissjoni.
Il-Kummissjoni għandha tintegra dawk is-settijiet tad-data fil-bażi tad-data tal-Unjoni li taħżen data relatata mal-EF, u għandha toħroġ prova tal-wasla lill-applikanti tagħha.
2. Fi żmien ġimagħtejn mid-data tan-notifika lill-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali dwar id-deċiżjoni tar-reġistrazzjoni tagħhom fl-URSO, l-Aġenzija għandha tibgħat lill-Kummissjoni biex iddaħħalhom fil-bażi tad-data tal-Unjoni li taħżen id-data relatata mal-EF, is-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati msemmija fl-Artikolu 96(6), il-punt (c), li dawk il-fornituri tas-servizzi spazjali jkunu ssottomettew, skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, jew l-Artikolu 15(2), fl-applikazzjoni tagħhom għar-reġistrazzjoni fl-URSO.
Il-Kummissjoni għandha toħroġ prova tal-wasla.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data inkluża fis-settijiet tad-data diżaggregati.
4. Is-settijiet tad-data aggregati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fil-bażi tad-data tal-Unjoni relatata mal-EF.

Artikolu 100

Użu tas-settijiet tad-data diżaggregati biex jinfurmaw it-tfassil tal-politika

1. Il-Kummissjoni għandha tuża s-settijiet tad-data diżaggregati msemmija fl-Artikolu 99, esklussivament biex jipprovdu informazzjoni għall-attivitajiet tat-tfassil tal-politika, biex isiru aġġornamenti regolatorji, u biex jinħolqu settijiet tad-data derivati.

ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 471, 30.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2279/oj>).

2. L-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom iżommu sjiha tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati trażmessi skont l-Artikolu 99.
3. L-Unjoni għandha tikseb sjiha dinjija esklużiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali relatati mas-settijiet tad-data derivati li jinħolqu abbażi tas-settijiet tad-data diżaggregati msemija fil-paragrafu 1.

Kapitolu IV

OPERAZZJONIJIET U SERVIZZI FL-ISPAGJU (ISOS)

Artikolu 101

ISOS

1. L-operaturi spazjali tal-Unjoni li jwettqu l-ISOS għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Anness VIII mill-1 ta' Jannar 2034.
2. Għall-assi tal-Unjoni, l-inġenji spazjali akbar mill-klassi tal-minisatelliti li jitħaddmu minn operaturi spazjali tal-Unjoni għandu jkollhom kapaċità teknika minima biex jirċievu servizzi fl-ispazju.
3. Għall-finijiet biex tkun żgurata l-kapaċità teknika minima msemija fil-paragrafu 2, inġenju spazjali klijent imħaddem minn operaturi spazjali tal-Unjoni għandu jkun attrezzat b'Interfaċċi għall-Inġenji Spazjali (SSIs) apposta.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex tkompli tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika:
 - (a) il-karatteristiċi ewlenin tal-modalità operattiva ddedikata għas-servizz li tiżgura mgħiba kooperattiva tal-inġenju spazjali klijent u tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kollizzjoni u ħsarat wara s-servizz;
 - (b) meta oġġetti tar-residwi spazjali jkunu qed jheddu inġenju spazjali ieħor u jżidu r-riskju ta' tniġġis fl-orbita, ir-rekwiżiti meħtieġa biex jippermettu t-tneħħija ta' oġġetti residwi minn ġol-orbita b'ISOS (tneħħija attiva tar-residwi), inkluż dawk ir-rekwiżiti applikabbli għall-kunċett tal-operazzjonijiet.
5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi:
 - (a) il-prinċipji tad-disinn għall-SSIs apposta msemija fil-paragrafu 3;
 - (b) il-prinċipji tad-disinn għall-Moduli Funzjonali tas-Satellita Kompożabbli u Skambjabbli (satAPPs) li jistgħu jiġu konnessi ma' inġenju spazjali biex jipprovdu funzjonalità jew tagħbija spazjali ġdida, permezz ta' SSIs.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 114(2).

Kapitolu V

REGOLI DWAR IT-TRAFFIKU ORBITALI

Artikolu 102

Rieżamijiet u aġġornamenti superviżorji mill-entità tal-evitar tal-kolliżjonijiet

1. Awtorità kompetenti tista' titlob lill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fl-Artikolu 64(1) biex jipprovdiha informazzjoni aġġornata dwar l-inġenju spazjali tiegħu, fil-kuntest tar-rapportar annwali jew ta' investigazzjonijiet speċifiċi mwettqa fuq l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni.
2. Malli jirċievi dik it-talba, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet imsemmi fl-Artikolu 64(1) għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti dwar:
 - (a) jekk il-miżuri stabbiliti mill-operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni jissodisfawx ir-rekwiżiti deskritti fil-pjanijiet tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali msemmija fl-Artikolu 70(2), l-ewwel subparagrafu, tul il-fażijiet kollha tal-missjoni spazjali;
 - (b) jekk il-pożizzjoni ġol-orbita hix konformi mal-orbita magħżula, skont l-Artikolu 69;
 - (c) jekk l-operatur tal-inġenju spazjali tal-Unjoni hux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 64(1), (2), (3) u (4), u, kif applikabbli, fl-Artikolu 101(3).

Artikolu 103

Kundizzjonijiet għall-manuvri tal-evitar tal-kolliżjonijiet fil-każ ta' HIE

1. Meta l-entità tas-CA imsemmija fl-Artikolu 64(1), tippubblika Twissija ta' Avveniment ta' Interess Għoli bejn żewġ inġenji spazjali manuvrabbli u tiddeċiedi li wieheċ miż-żewġ inġenji spazjali kkonċernati jrid iwettaq Manuvra tal-Evitar tal-Kolliżjoni (CAM), is-CAM propost tagħhom għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) tikkunsidra bl-aħjar mod possibbli l-protezzjoni tal-vetturi bl-ekwipaġġ;
 - (b) tnaqqas ir-riskju ta' kolliżjoni inizjali mqar b'ordni ta' kobor waħda inqas mil-limitu tal-manuvrar għal Twissija ta' Avveniment ta' Interess Għoli; u
 - (c) ma toħloqx riskji mhux raġonevoli ta' kongunzjonijiet sekondarji.
2. Meta ż-żewġ inġenji spazjali jkunu rreġistrati għall-entità tas-CA msemmija fl-Artikolu 64(1), l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni għandhom jintinkaw biex jiftiehem fuq strateġija għall-implimentazzjoni tas-CAM imsemmi fil-paragrafu 1 bil-koordinazzjoni ta' dik l-entità CA, f'perjodu raġonevoli.
3. Jekk ma jkun jista' jinstab ftehim skont il-paragrafu 2 f'perjodu raġonevoli, l-entità tas-CA msemmija fl-Artikolu 64(1) għandha tipproponi strateġija għal azzjoni. Dik l-istrateġija għandha tqis ir-regoli dwar id-dritt ta' aċċess, abbażi mqar tal-elementi li ġejjin:
 - (a) protezzjoni tal-vettura bl-ekwipaġġ;

- (b) l-involvement ta' ingenu spazjali li jkun parti minn kostellazzjoni;
 - (c) il-kapaċità operazzjonali għal manuvri tas-CA;
 - (d) l-istat tal-ingenu spazjali;
 - (e) l-eċċentriċità tal-orbiti tal-ingenu spazjali;
 - (f) l-età tal-ingenu spazjali;
 - (g) il-fażi u t-tip tal-missjoni spazjali rispettiva.
4. Meta wiehded miż-żewġ ingeni spazjali ma jkunx irreġistrat għall-entità tas-CA msemmija fl-Artikolu 64(1), dik l-entità għandha tistabbilixxi kuntatt mal-ingenu spazjali rispettiv.
5. Fil-każ ta' kuntatt b'suċċess skont il-paragrafu 4, l-entità tas-CA msemmija fl-Artikolu 64(1) għandha, sa fejn ikun possibbli:
- (a) tiskambja informazzjoni dwar l-għodod u l-metodi użati għall-kalkolu tar-riskji ta' kollizzjoni;
 - (b) tikkondividi d-data u r-riżultati tal-kalkolu kollha meħtieġa biex tiżgura l-evitar tal-kollizzjoni;
 - (c) tiddetermina, b'kollaborazzjoni maż-żewġ operaturi tal-ingeni spazjali, l-aqwa manuvri tal-evitar tal-kollizzjonijiet possibbli filwaqt li tqis l-elementi tal-pjan ta' azzjoni tal-manuvri speċifikat fil-paragrafu 3.
6. Meta l-kuntatti msemmija fil-paragrafu 4 ma jkunux irnexxew jew jekk, wara perjodu taż-żmien raġonevoli, il-kuntatti ma jkunux jistgħu jinbdew, l-entità tas-CA msemmija fl-Artikolu 64(1) għandha tirrakkomanda strateġija għal azzjoni lill-operatur spazjali tal-Unjoni li tiżgura mqar ir-rispett tal-prinċipji deskritti fil-paragrafu 1 u għandha tinforma lill-operatur spazjali tal-Unjoni l-ieħor dwar l-azzjoni maħsuba.

Kapitolu VI

STANDARDIZZAZZJONI U SPEĊIFIKAZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 104

Standards

1. Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-[Artikolu 10\(1\) tar-Regolament \(UE\) Nru 1025/2012](#), titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex jabbozzaw standards b'rabta mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin:
- (a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 72(2), l-ewwel subparagrafu, biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 72(1);
 - (b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 25(5), l-ewwel subparagrafu, biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 25(2).
- Meta tħejji t-talbiet għall-istandardizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tqis l-istandards Ewropej jew internazzjonali eżistenti fis-seħħ jew li qed jiġu żviluppati, biex tissimplifika l-iżvilupp tal-istandards, f'konformità mar-[Regolament \(UE\) Nru 1025/2012](#).

2. Meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni li jkopru r-rekwiżiti tekniċi li jipprovdu l-mezzi għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.
3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin, meta l-Kummissjoni tkun talbet, skont l-[Artikolu 10\(1\) tar-Regolament \(UE\) Nru 1025/2012](#), lil organizzazzjoni Ewropea waħda jew aktar tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standard għar-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, u tigrri xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ir-rekwiżiti ma jkunux koperti minn standards armonizzati, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - (b) ir-rekwiżiti jkunux koperti minn standards armonizzati, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iżda l-applikazzjoni ta' daww l-istandards jew partijiet minnhom twassal għal nonkonformità mar-rekwiżiti essenzjali, jew
 - (c) meta l-Kummissjoni jkun jidherilha li jeħtieġ jiġi indirizzat tħassib urġenti.Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 114(3).

Titolu V

DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U REĠIMI GĦALL- ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Artikolu 105

Ekwivalenza

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.
2. Il-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz għandu jittqies ekwivalenti għal dan ir-Regolament biss jekk ikun jissodisfa mqar il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi stabbiliti f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni u infurzar effettivi b'mod kontinwu;
 - (b) l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi stabbiliti f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal regoli legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15; u

(c) il-qafas legali u superviżorju ta' dak il-pajjiż terz jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva ta' rikonoxximent tal-fornituri tas-servizzi spazjali awtorizzati skont reġimi legali tal-pajjiż terz.

3. Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fuq l-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operatori spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju.

Id-deċiżjoni għandha tispeċifika jekk hix qed tingħata għal perjodu definit.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena dwar id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza meħuda jew irtirati mill-Kummissjoni fis-sena tar-rapportar.
5. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti f'konformità mal-paragrafu 1.

Dawk l-arranġamenti għandhom jispeċifikaw imqar:

- (a) il-mekkaniżmi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż aċċess għall-informazzjoni kollha dwar l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi awtorizzati fil-pajjiżi terzi, li jintalbu mill-Aġenzija;
- (b) il-mekkaniżmi għal notifika fil-pront lill-Aġenzija, meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ikun jidhirlha li l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi, li l-Aġenzija tkun rreġistrat fl-URSO, skont l-Artikolu 24, ikunu jiksru l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni f'dak il-pajjiż terz, jew liġi oħra li dawk l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi huma obbligati josservaw;
- (c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet, inkluż l-investigazzjoni u l-ispezzjonijiet fuq il-post li l-Aġenzija tista' twettaq, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, wara li tkun infurmat debitament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz dwarhom.
6. Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija, timmonitorja jekk il-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz għadux ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata.

Artikolu 106

Ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi

1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex:
- (a) jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;

- (b) jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju u mill-awtoritajiet rilevanti u mill-korpi tekniċi ta' pajjiżi terzi;
 - (c) jiġu stabbiliti d-dettalji u l-proċeduri għad-deroga għas-servizzi tal-illanċjar imsemmija fl-Artikolu 19;
 - (d) jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-użu fl-Unjoni ta' servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju pprovduta minn operatur spazjali ta' pajjiż terz li jkun entità governattiva, jew li jopera jew għandu assi militari tal-infrastruttura spazjali, inkluż b'użu ċivili.
2. L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), u soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni tista' tikkonkludi Memoranda ta' Qbil u arranġamenti ta' ħidma ma' dawk l-awtoritajiet jew ma' korpi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 107

Reġimi applikabbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, tafda lil organizzazzjoni internazzjonali bl-implimentazzjoni ta' kompiti għall-operat ta' assi tal-Unjoni.

Dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV.
2. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1).
3. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi tagħha stess tal-infrastruttura spazjali, l-Unjoni għandha tagħmel hiliha biex tikkonkludi ftehimiet ma' dik l-organizzazzjoni internazzjonali.

Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.

Artikolu 108

Relazzjonijiet mal-Aġenzija Spazjali Ewropea

1. L-Unjoni għandha tistinka biex tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.
2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari:

- (a) meta l-ESA ma tkunx l-operatur tal-assi tal-Unjoni, l-arranġamenti meħtieġa biex l-ESA twettaq il-valutazzjoni teknika li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni u ssir is-superviżjoni kontinwa msemmija fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu;
 - (b) meta l-assi tal-Unjoni jkunu operati jew proprjetà tal-ESA, l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika u l-kompiti tal-awtorizzazzjoni u tas-superviżjoni;
 - (c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.
3. L-ESA tista' tipprova appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).
- Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jstabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.
4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament.

Titolu VI

MIŻURI TA' APPOĠĠ

Kapitolu I

MIŻURI TAL-BINI TAL-KAPAĊITÀ

Artikolu 109

Bini tal-kapaċità

1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi:
- (a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u mal-ENISA, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa Prattiki dwar dawn li ġejjin:
 - (i) l-użu, fil-kuntest ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell nazzjonali, tat-Tikketti tas-Sikurezza Spazjali tal-Unjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 112(4);
 - (ii) ir-rekwiżiti li japplikaw għal żoni ġodda jew għal żoni li qed jiġu żviluppati, bħar-regoli dwar is-servizzjar fuq l-orbita jew dwar it-traffiku orbitali;
 - (iii) kif xieraq, materji oħra koperti minn dan ir-Regolament;

- (b) tippromwovi, bl-assistenza tal-Aġenzija, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, billi tiffaċilita l-istabbiliment tal-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2022/2555.
2. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, billi tikkofinanzja proġetti konġunti tar-riċerka u tal-iżvilupp ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fl-oqsma li ġejjin:
- (a) l-iżvilupp ta' teknoloġiji u protokoll tal-kriptaġġ;
 - (b) l-iżvilupp ta' sistemi tas-sikurezza abbord;
 - (c) l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kunċetti tal-ISOS;
 - (d) kwalunkwe materji oħra koperti minn dan ir-Regolament.
- Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament, billi tispeċifika l-materji msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.
3. Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja:
- (a) l-iżvilupp ta' standards għan-newtralizzaturi tal-lanċjaturi;
 - (b) l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw il-parteciġazzjoni tal-operaturi spazjali fi programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).
4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ittestjar tal-penetrazzjoni mmexxi mit-theddid imsemmi fl-Artikolu 88(3), l-ewwel subparagrafu, billi timmeppja d-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi tal-ittestjar fl-Unjoni u tiżviluppa kuntratti qafas li jiżguraw aċċess malajr u affordabbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħira b'kapitalizzazzjoni medja.

Artikolu 110

Portal tal-Infommazzjoni

1. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija, għandha tistabbilixxi u tmexxi Portal tal-Infommazzjoni li jappoġġa dan ir-Regolament ("Portal tal-Infommazzjoni").
 2. Il-Portal tal-Infommazzjoni għandu jaqdi dawn il-funzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jassisti lill-operaturi spazjali fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jipprovdi listi tal-kontroll tal-konformità biex jiffaċilita l-aderenza volontarja mal-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu;
 - (c) jappoġġa kwalunkwe stabbiliment ta' punt uniku tal-kuntatt rilevanti mill-Istati Membri.
 3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe portal helpdesk nazzjonali li jinħoloq biex jieħu ħsieb il-mistoqsijiet dwar ir-regoli, il-proċeduri u l-proċessi tal-awtorizzazzjoni.
- Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk il-portali helpdesk mal-Portal tal-Infommazzjoni.

Kapitolu II

QAFAS TAT-TIKKETTA SPAZJALI TAL-UNJONI

Artikolu 111

Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni biex tippromwovi aderenza volontarja aħjar ma' standards għoljin tal-protezzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju.
Il-Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jkun fih Skemi tat-Tikkettar tal-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3.
2. Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti dettaljati biex:
 - (a) tillimita r-riskji assoċjati mar-residwi spazjali;
 - (b) ittejjeb is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-oġġetti spazjali ġol-orbita, is-sikurezza tal-inġenji tal-ajru waqt it-titjir, jew is-sikurezza tal-persuni u tal-proprjetà fl-art meta jwettqu attivitajiet fl-ispazju;
 - (c) tnaqqas it-tniġġis tad-dawl tal-inġenji spazjali;
 - (d) tnaqqas it-tniġġis bir-radju tal-inġenji spazjali;
 - (e) tissalvagwardja r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi kritiċi u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista;
 - (f) tippermetti operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju;
 - (g) tikkontribwixxi biex jonqos l-impatti ambjentali tat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.
3. Wara talba mingħand il-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tħejji skema kandidata, jew tipproponi aġġornament ta' Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni eżistenti.
Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni tista' tispeċifika wieħed jew aktar mil-livelli ta' protezzjoni li għejjin għall-missjonijiet, is-servizzi jew il-prodotti spazjali speċifiċi li din tkopri: "bażika", "sostanzjali", jew "għolja".
F'każ bħal dan, din għandha tiżgura li l-livell ta' protezzjoni speċifikat ikun proporzjonat mal-livell ta' protezzjoni assoċjat mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni rispettiva.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
 - (a) mudell għall-elementi tal-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni, inkluż id-durata tagħhom;
 - (b) Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bbażati fuq l-iskema kandidata jew fuq aġġornamenti ta' Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni eżistenti.Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

5. L-Aġenzija għandha żżomm sit web dedikat li jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar, u li tippublika, l-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni.

Artikolu 112

Għoti u użu ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni

1. Meta operatur spazjali qed jaħdem biex jikseb Tikketta Spazjali tal-Unjoni, dak l-operatur spazjali għandu jissottometti applikazzjoni għat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni lill-Aġenzija, u magħha jehmeż fajl tekniku dettaljat li juri li ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskema/i tat-Tikkettar tal-Unjoni li għalihom qed tintalab it-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.
L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni minnufih bl-applikazzjoni.
2. L-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni dettaljata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità tal-applikazzjoni mar-rekwiżiti tal-Iskema/i tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni rilevanti.
3. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar l-applikazzjonijiet.
4. L-Aġenzija għandha toħroġ Tikketti Spazjali tal-Unjoni lill-operaturi spazjali li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew approvati mill-Kummissjoni, f'konformità mal-paragrafu 3, għal durata ta' Tikketta Spazjali li trid tiġi speċifikata fl-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni korrispondenti.
5. L-Aġenzija għandha tivverifika b'mod regolari b'inizjattiva tagħha stess, jew wara lment, il-konformità ta' detentur ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni rispettiva. Meta l-Aġenzija tistabbilixxi li d-detentur ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti, din għandha tirrevoka t-Tikketta Spazjali tal-Unjoni. Qabel ma tirrevokaha, l-Aġenzija għandha tippermetti lid-detentur tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni jissottometti dikjarazzjoni motivata.
6. Id-detentur ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jinforma lill-Aġenzija dwar kull irregolarità skoperta sussegwentement fir-rigward tal-missjoni, is-servizz jew il-prodott spazjali tikkettati, li tista' tħalli impatt fuq il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni rispettiva.
7. Kwalunkwe reklamar jew użu falz jew qarrieqi ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni jew ta' logo li jwassal għal konfużjoni ma' Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jkun ipprobit.

Titolu VII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 113

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit mill-1 ta' Jannar 2027.
3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, għandha tissottometti lill-Kummissjoni opinjonijiet tekniċi formali sal-1 ta' Lulju 2028. Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-ENISA.
4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.
Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
5. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
6. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
7. Att delegat adottat skont l-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 114

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-[Regolament \(UE\) Nru 182/2011](#).
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika [l-Artikolu 5 tar-Regolament \(UE\) Nru 182/2011](#).
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Il-Kumitat għandu jiltaqa' b'konfigurazzjonijiet speċifiċi differenti kif ġej:

- (a) Il-konfigurazzjoni tas-sikurezza;
 - (b) Il-konfigurazzjoni tar-reżiljenza;
 - (c) Il-konfigurazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali;
 - (d) Il-konfigurazzjoni tal-ISOS;
 - (e) Il-konfigurazzjoni tad-data bbażata fuq l-ispazju.
5. F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-Unjoni.

Artikolu 115

Segretezza professjonali

1. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali riċevuta, skambjata jew trażmessa skont dan ir-Regolament, minn kwalunkwe persuna, korp, jew awtorità msemmija fil-paragrafu 2, għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni tas-segretezza professjonali, kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.
2. Mingħajr preġudizzju għall-iskambju u l-użu tal-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, għandu japplika obbligu tas-segretezza professjonali għall-persuni kollha li jaħdmu jew li jaħdmu għall-Kummissjoni, għall-Aġenzija, għall-awtoritajiet kompetenti, jew jew għal xi korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju, awtorità, persuna fiżika jew ġuridika li lilha l-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jkunu ddelegaw xi setgħat u kompiti, inkluż l-awdituri u l-esperti kkuntrattati minnhom.
3. L-informazzjoni koperta bis-segretezza professjonali, inkluż fil-kuntest tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, u l-awtoritajiet kompetenti deżinjati jew stabbiliti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 u d-Direttiva (UE) 2022/2557, ma għandhiex tiġi żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra, ħlief bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.
4. L-informazzjoni kollha skambjata skont dan ir-Regolament bejn l-awtoritajiet kompetenti li tkun tikkonċerna kundizzjonijiet kummerċjali jew operattivi, u materji ekonomiċi jew personali, għandha tkun kunfidenzjali u soġġetta għar-rekwiżit tas-segretezza professjonali, ħlief meta awtorità kompetenti tiddikjara, fil-bidu tal-komunikazzjoni, li dik l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, jew meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ għall-iskop ta' proċedimenti legali.

Artikolu 116

Evalwazzjoni u rieżami

1. Sal-1 ta' Diċembru 2035, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġislattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

2. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u r-rieżami msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Aġenzija u lill-Istati Membri jipprovdu data u informazzjoni. L-Aġenzija u l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data u l-informazzjoni mitluba lill-Kummissjoni fil-pront.
3. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni u r-rieżami msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjoni, il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Aġenzija, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll ta' korpi u organizzazzjonijiet rilevanti oħra jew ta' sorsi rilevanti.

Artikolu 117

Rapporti lill-Kummissjoni

Sal-1 ta' Diċembru 2031 u mbagħad kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' infurzar u aġġornamenti fis-settur spazjali fil-livell nazzjonali, bħal aspetti tal-kompetittività b'impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern u elementi dwar il-ħtiġijiet tal-infiq pubbliku u privat.

Fl-ewwel rapport tagħhom, l-Istati Membri għandhom jindikaw lill-Kummissjoni l-azzjonijiet preparatorji u l-miżuri li ħadu fil-livell nazzjonali, inkluż l-adattamenti biex jiżguraw l-applikazzjoni bla skossi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 118

Perjodu tranżizzjonali

1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara l-1 ta' Jannar 2030 li għalihom il-fażi tar-rieżami tad-disinn kritiku tkun intemmet fi [*OP calculate 12 months from the date of entry into force of this Regulation*], dan ir-Regolament għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2032.
2. L-awtoritajiet kompetenti, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, u l-Aġenzija, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-pajjiżi terzi, għandhom jiżguraw it-tmiem tal-istadju tar-rieżami tad-disinn kritiku msemmi fil-paragrafu 1 malli l-operaturi spazjali jissottomettu l-prova miksuba mingħand l-entità rilevanti fdata b'kuntratt bl-approvazzjoni teknika tad-disinn tal-inġenju spazjali.

Artikolu 119

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2030.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa

Prosperità u Kompetittività

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp u l-funzjonament tas-suq intern tas-settur spazjali.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru

Il-proposta tistabbilixxi erba' objettivi speċifiċi:

(i) tistabbilixxi qafas tal-Unjoni li jirregola l-imġiba tal-operaturi spazjali fl-Unjoni b'mod li jipprovdi ambjent tan-negozju stabbli, prevedibbli u kompetittiv li jrawwem l-innovazzjoni;

(ii) tiżgura t-traċċabbiltà tal-oġġetti spazjali u tnaqqas il-ġenerazzjoni tar-residwi spazjali mill-attivitajiet fl-ispazju;

(iii) toholoq linja bażi koerenti tar-reżiljenza għas-settur spazjali permezz ta' qafas tal-valutazzjoni tar-riskju u regoli taċ-ċibersigurtà mfassla għall-infrastruttura spazjali;

(iv) metodu komuni għall-valutazzjoni u l-kejl tal-impatti ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-Regolament propost itejjeb il-kundizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali, b'impatt pożittiv konsiderevoli fuq l-industrija spazjali tal-UE u l-kompetittività tagħha.

L-iżvilupp tas-suq intern tas-settur spazjali jfisser aktar integrazzjoni fost l-Istati Membri, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jtejbu l-aċċess tal-kumpaniji għas-suq, l-ixprunar tal-innovazzjoni fost l-industrija kollha, l-attrazzjoni ta' aktar investimenti privati, u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-kumpaniji.

L-istabbiliment ta' miżuri biex tkun żgurata l-kapaċità tat-traċċabbiltà tal-oġġetti spazjali u jonqos l-ammont tar-residwi spazjali, jikkontribwixxi għal ambjent spazjali aktar sikur u aktar sostenibbli. Dan inaqqas ferm ir-riskju ta' kolliżjonijiet u l-ġenerazzjoni tar-residwi spazjali, u b'hekk jissalvagwardja s-satelliti operattivi u anki s-sostenibbiltà orbitali fit-tul.

L-iżvilupp ta' linja bażi koerenti għall-assi kollha tal-infrastruttura spazjali u l-implimentazzjoni ta' oqfsa tal-valutazzjoni tar-riskju mfassla għall-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà tas-settur spazjali jsaħħu r-reżiljenza tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni mit-theddid ċibernetiku. Din tibni l-fiduċja fil-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, inkluż tal-intrapriżi privati u l-aġenziji governattivi, u b'hekk tkompli tixpruna l-adozzjoni tas-servizzi spazjali, tattira l-investimenti, u trawwem it-tkabbir ta' industrija spazjali soda u sigura fl-UE.

L-iżvilupp ta' metodu komuni li jkejjel l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati abbażi ta' metriċi standardizzati, li jippermettu lill-kumpaniji jinvestu f'teknoloġiji aktar ekoloġiċi u lil dawk li jfasslu l-politika biex jibbilanċjaw il-benefiċċji u r-riskji tal-attivitajiet fl-ispazju.

Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni b'suċċess tar-Regolament ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li tinfluwenza l-istandards dinjini fil-qasam spazjali u żżid il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni fis-swieq globali.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt meħmuża ma' dan ir-Regolament stabbiliet il-benefiċċju annwali totali għall-kumpaniji (operaturi tas-satelliti) għal EUR 677,5 miljun, u dan jikkumpensa għalkollox il-kostijiet li joħolqu r-rekwiżiti tar-Regolament il-ġdid. Għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, il-kostijiet tal-konformità u tal-infurzar huma stmati għal 1 FTE sa 4 FTEs.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Is-sett ta' indikaturi li ġejjin se jintużaw biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan ir-Regolament u jivvalutaw l-impatt fuq is-suq, u r-reazzjoni tiegħu, b'mod partikolari l-SMEs.

Objettivi Speċifiċi	Indikatur	Metodu	Linja bażi	Mira ⁽¹⁾	Stima Annwali tal-Progress	Frekwenza tar-Rieżami
Appoġġ għall-iżvilupp u l-funzjonament ta' suq uniku għas-settur spazjali	Attivitajiet fl-ispazju fis-suq uniku li jikkonformaw mal-leġislazzjoni proposta	Rapportar mill-Istati Membri	0	100%	100% wara d-dħul fis-seħħ tal-Att	Annwali
Niżguraw it-traċċabbiltà tal-oġġetti spazjali u nnaqqsu l-ġenerazzjoni tar-residwi spazjali	Għadd ta' avvenimenti ta' interess għoli	Permezz tas-Sħubija SSST tal-UE	622 (LEO) 33 (MEO) 101 (GEO)	tnaqqis ta' 10%	tnaqqis ta' ~5% fis-sena	Annwali

⁽¹⁾ Il-valuri fil-mira huma stmati għal perjodu ta' 10 snin minn wara d-dħul fis-seħħ tal-Att, filwaqt li jitqies it-tul tal-ħajja medju tas-satelliti kummerċjali fl-orbiti kollha.

Niżguraw it-traċċabbil ta' tal-oġġetti spazjali u nnaqqsu l-ġenerazzjoni tar-residwi spazjali	Għadd ta' disponiment ta' suċċess fi tmiem il-ħajja	Permezz tas-Sħubija SSST tal-UE	GEO: 60% LEO: 65%	90% għall-orbiti kollha	żieda ta' ~3% fis-sena	Annwali
Ħolqien ta' qafas ta' valutazzjoni tar-riskju mfassal għaċ-ċibersigurtà fl-infrastruttura spazjali	Għadd ta' inċidenti ċibernetiċi sinifikanti rrapportati u mitigati	EUSPA permezz tal-mekkaniżmu tar-rapportar (għall-assi tal-UE); Skwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuter (CSIRTs) /punti uniċi tal-kuntatt (SPOC) (skont in-NIS) u ċ-ċentri nazzjonali tal-monitoraġġ tal-ispazju għall-assi l-oħra.	Mhux ipprovdut	tnaqqis ta' 50%	50% wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi	Annwali
Ħolqien ta' metodu komuni għall-kejl tal-impatti ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju	% tar-rappreżentazzjoni tas-sehem tas-suq tal-UE fl-iżvilupp tal-PEFCR	Rapportar mill-Istati Membri	0%	≥51%	≥51%	Annwali
Ħolqien ta' metodu komuni għall-kejl tal-impatti ambjentali tal-	% tal-operaturi spazjali li jwettqu rapportar ambjentali	Rapportar mill-Istati Membri	40% ⁽²⁾	80% ⁽³⁾	80% wara l-istabbiliment tal-qafas tal-PEFCR	Annwali

⁽²⁾ Meta wieħed iqis li fl-UE hemm diversi liġijiet nazzjonali dwar l-ispazju, bħal fi Franza, fil-Belġju, fid-Danimarka, fil-Finlandja u fil-Greċja li jeżiġu li l-operaturi jipproduċu valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali għall-għoti tal-liċenzji.

⁽³⁾ Meta wieħed iqis li l-mikrointrapriżi u l-universitajiet jaf ikunu soġġetti għal eżenzjonijiet u li dawn jirrappreżentaw madwar 10-20% tal-missjonijiet spazjali fl-Ewropa.

attivitajiet fl-ispazju						
Ħolqien ta' metodu komuni għall-kejl tal-impatti ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju	Għadd ta' misjonijiet spazjali li jintegraw il-qafas standardizzat tal-LCA	Rapportar mill-Istati Membri	n/a (nuqqas ta' qafas standardizzat tal-LCA għall-attivitajiet fl-ispazju)	80% ⁽⁴⁾	Wara l-istabbiliment tal-qafas tal-LCA	Żvilupp annwali wara l-qafas
Ħolqien ta' metodu komuni għall-kejl tal-impatti ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju	Impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju (eż., emissjonijiet tas-CO ₂)	Rapportar mill-Istati Membri	n/a (nuqqas ta' metodu komuni għall-kejl)	Għandu jiġi monitorjat	Wara l-istabbiliment tal-qafas tal-PEFCR, imbagħad il-miri annwali għat-tnaqqis	Żvilupp annwali wara l-qafas

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja** ⁽⁵⁾

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fl-immedjat jew fit-tul, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

13-il Stat Membru għandhom liġijiet dwar l-ispazju, u hemm oħrajn li jinsabu fil-proċess li jabbozzaw leġiżlazzjoni dwar l-ispazju li tindirizza ż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju u l-emerġenza ta' parteċipanti kummerċjali ġodda. In-nuqqas ta' koordinazzjoni u d-differenzi regolatorji wasslu għal qafas legali frammentat li jista' jgħodq ostakli għall-forniment tas-servizzi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju fis-suq uniku.

Mingħajr koordinazzjoni, il-mezzi u l-approċċi għar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni se jkomplu jiddiversifikaw. Għalhekk, ir-Regolament propost jintroduċi armonizzazzjoni mmirata tar-rekwiżiti ewlenin fl-awtorizzazzjoni għall-forniment tal-attivitajiet fl-ispazju u s-servizzi spazjali. Ir-rekwiżiti ewlenin ikopru prinċipalment is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju. Għall-ISOS u t-traffiku orbitali japplikaw xi dispożizzjonijiet limitati.

Livell koerenti u uniformi ta' protezzjoni għall-assi kollha tal-infrastruttura spazjali jiffaċilita l-forniment tas-servizzi spazjali, il-moviment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata mill-użu tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll il-kapaċità tal-operaturi spazjali għat-twettiq ta' attivitajiet fl-ispazju f'diversi ġurisdizzjonijiet,

⁽⁴⁾ *Ibid.*

⁽⁵⁾ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

mingħajr xkiel. Għalhekk, ir-Regolament jipprovdi ċ-ċertezza legali lill-operaturi u l-utenti spazjali fl-Unjoni.

Ir-Regolament għandu japplika għall-assi kollha llanċjati wara l-1 ta' Jannar 2030. Iżda għall-assi li għadhom fil-fażi ta' disinn kritiku, ir-Regolament jipprevedi perjodu tranżizzjoni ta' 24 xahar addizzjonali biex tinkiseb il-konformità.

Ċerti aspetti, bħal dawk rigward il-governanza għandhom ikunu lesti għall-implimentazzjoni sal-2030. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sa dik id-data jiddeżinjaw lill-awtoritajiet eżistenti jew jistabbilixxu awtoritajiet ġodda biex iwettqu l-kompiti stabbiliti fir-Regolament u biex jibnu għarfien espert u kapaċità tekniċi biex jippermettu implimentazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament permezz ta' korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettqu kompiti tal-valutazzjoni teknika.

Fil-livell tal-Unjoni, l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (l-Aġenzija) għandha tistabbilixxi l-istrutturi, il-proċessi interni u l-proċeduri kollha meħtieġa biex twettaq ir-responsabbiltajiet il-ġodda fdati lilha mir-Regolament.

Ir-responsabbiltajiet il-ġodda jikkonċernaw b'mod partikolari l-valutazzjoni teknika biex tassisti u tappoġġa lill-Kummissjoni f'kompiti ġodda tal-awtorizzazzjoni u tas-superviżjoni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-operaturi ta' pajjiżi terzi, u t-twettiq tal-valutazzjonijiet tekniċi għall-Istati Membri li ma għandhomx korpi tekniċi kwalifikati fit-territorji tagħhom. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tan-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni (EUSRN), timmonitorja l-inċidenti relatati mal-assi tal-Unjoni, tmexxi l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni l-ġodda u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-diversi miżuri ta' appoġġ previsti f'dan ir-Regolament.

L-Aġenzija għandha tħejji ruħha biex teżerċita s-setgħat il-ġodda tagħha tal-valutazzjoni teknika biex tassisti lill-Kummissjoni meta teżerċita kompiti superviżorji, u għandha tistabbilixxi strutturi interni ddedikati għal dak il-għan, bħall-Bord tal-Konformità u l-Bord tal-Appell.

Sal-mument tal-applikabbiltà tar-Regolament, diġà għandu jkun hemm fis-seħħ għadd ta' bażijiet tad-data u għodod relatati, b'mod partikolari r-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO), il-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatt tal-Unjoni għal twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha, permezz ta' atti delegati u/jew implimentati, telabora aktar ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, u toħroġ mandati ta' standardizzazzjoni għall-iżvilupp ta' standards armonizzati.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi stabbilit sett ta' miżuri ta' appoġġ, permezz ta' miżuri tal-bini tal-kapaċità, assistenza teknika u finanzjament, biex jappoġġa u jħejji lill-Istati Membri u lill-industrija spazjali fl-implimentazzjoni tar-Regolament, u jikkontribwixxi biex jikkumpensa parti mill-kostijiet possibbli tal-implimentazzjoni, bħal għan-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu, l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

- 1.5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involvement

tal-UE” hu l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kienu joħolqu l-Istati Membri waħedhom.

L-attivitajiet fl-ispazju għandhom dimensjoni transfruntiera qawwija għax l-infrastruttura spazjali manifatturata fi Stat Membru wieħed spiss tintuża minn kumpaniji attivi fis-suq intern, filwaqt li l-operaturi spazjali spiss ikollhom bżonn jiksbu diversi awtorizzazzjonijiet mingħand diversi Stati Membri. Il-qafas mhux uniformi emerġenti tar-regoli nazzjonali potenzjalment diverġenti jirriskja li jfixxkel il-kompetittività tas-suq uniku tal-prodotti u s-servizzi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju.

Hemm bżonn azzjoni konġunta fil-livell tal-Unjoni li żżid il-livell komuni tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju madwar l-Unjoni. Din l-azzjoni konġunta tipprovdi valur miżjud ċar meta mqabbla mal-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri, billi (1) tistabbilixxi ambjent ekwu madwar l-Unjoni bl-approssimazzjoni tar-rekwiżiti ewlenin fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju; (2) tiżgura koordinazzjoni aħjar tal-Istati Membri u b’hekk jiġu evitati t-trikkib, id-duplikazzjonijiet u l-kunflitti, billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi koerenti fis-suq intern kollu; (3) ittejjeb b’mod omoġenju l-livell ta’ protezzjoni tal-infrastruttura spazjali filwaqt li ssaħħa il-kapaċità tagħhom li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju, li min-naħa tagħha tippermetti l-forniment tas-servizzi fis-suq intern kollu; u (4) tiżgura l-konsistenza waqt il-kalkolu tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni.

Approċċ komuni għal attivitajiet fl-ispazju sikuri, reżiljenti u sostenibbli fil-livell tal-Unjoni jipprovdi diversi benefiċċji għas-settur spazjali tal-Unjoni billi jiżgura ċ-ċertezza legali, ineħħi l-ostakli fil-forniment tas-servizzi spazjali u tad-data bbażata fuq l-ispazju, inaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet relatati mar-rekwiżiti nazzjonali multipli u diverġenti, jagħti spinta lill-kompetizzjoni u joffri aċċess għal swieq akbar.

Azzjoni koordinata tippermetti lill-Unjoni tidderieġi u ssaħħa l-istandards dinjin futuri dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju, filwaqt li tistabbilixxi lill-Unjoni bħala istituzzjoni li tistabbilixxi standards dinjin f’qasam li jeħtieġ soluzzjonijiet urġenti biex jiġu indirizzati riskji emerġenti għall-użu tal-orbiti u l-ispazju ekstratmosferiku.

B’mod paralleli, l-Unjoni taħdem biex tinnegozja ftehimiet tar-rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi li jsaħħu l-aċċess għas-suq tal-industrija spazjali tal-UE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Dan ir-Regolament hu l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu fil-qasam tal-ispazju, li jintroduċi armonizzazzjoni mmirata dwar aspetti ewlenin fl-awtorizzazzjonijiet għat-twerttiq tal-attivitajiet fl-ispazju. Fl-istess ħin, jibni fuq ċerti elementi tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid u fuq it-tagħlimiet meħuda bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta’ armonizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodotti u s-servizzi.

Biex jiġu preservati u msaħħa l-kompetittività u l-innovazzjoni tas-settur spazjali fl-Unjoni, speċjalment fir-rigward tan-negozji ġodda, l-SMEs u l-istituzzjonijiet tar-riċerka, ir-Regolament se jislet ukoll tagħlimiet mill-aktar atti leġiżlattivi riċenti, bħall-Att dwar l-IA jew l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

F’dan ir-rigward, dan se (a) ikun fih sett ta’ miżuri ta’ appoġġ biex jgħin lill-kumpaniji, b’mod partikolari lin-negozji ġodda, lin-negozji li qed jespandu, lill-

SMEs u lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jikkonformaw mal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, inkluż iżda mhux limitati għal coaching u mentoraġġ, assistenza teknika, u appoġġ għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda; (b) jinkorpora l-proporzjonalità fir-regoli, billi jipprevedi reġimi eħfef abbażi ta' kriterji differenti, bħad-daqs tal-operatur spazjali, il-kritikalità tal-missjoni spazjali, l-assi spazjali jew l-orbita użati.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti komuni u minimi ewlenin għall-aspetti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tal-ambjent tal-attivitajiet fl-ispazju għall-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif ukoll għall-operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni.

Fl-istess ħin, dan ir-Regolament jibni fuq ċerti elementi fundamentali tal-Qafas Leġislativ Ġdid, bħal korpi notifikati, valutazzjonijiet tal-konformità u żvilupp ta' standards armonizzati, li madankollu jkunu mfassla u aġġustati skont il-ħtiġijiet tal-qasam spazjali, filwaqt li jqis approċċ gradwali għar-regolamentazzjoni f'dan il-qasam.

Il-proposta tibni fuq l-istrutturi u l-mekkaniżmi żviluppati fil-kuntest ta' leġislazzjonijiet oħra dwar ir-reżiljenza u ċ-ċibersigurtà, u tiżgura koordinazzjoni magħhom, bħad-Direttiva 2022/2555 (id-Direttiva NIS2) u d-Direttiva 2022/2557 (id-Direttiva CER).

Fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali, inkorporazzjoni tal-prinċipji tal-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) fl-attivitajiet fl-ispazju tirrifletti l-għan ġenerali tal-Unjoni li tikseb sostenibbiltà u responsabbiltà ambjentali akbar fis-settur spazjali.

Sar kruċjali li tkun żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2024/1781) dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, u din ikollha bżonn Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti regolati skont dan ir-Regolament, u b'hekk potenzjalment tkun applikabbli wkoll għall-attivitajiet fl-ispazju. L-oġettivi speċifiċi u r-restrizzjonijiet tal-attivitajiet fl-ispazju se jitqiesu meta jiġu regolati l-prodotti li jaffettwaw dawn l-attivitajiet.

L-integrazzjoni tal-LCA fi proġetti relatati mal-ispazju, bil-metodu komuni (ibbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni C(2021) 9332 final tal-Kummissjoni dwar il-PEF u l-metodi PEF), tiffaċilita l-aderenza mal-oqfsa regulatorji u ttejjeb il-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà u l-iżvelar, u b'hekk trawwem l-allinjament mal-oġettivi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u tippromwovi sinerġiji ma' strumenti oħra maħsuba biex javvanzaw l-attivitajiet fl-ispazju tal-Unjoni b'mod sostenibbli u responsabbli.

1.5.5. Valutazzjoni tal-ġhażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-ġestjoni tal-oqsma ta' azzjoni assenjati lill-Aġenzija taqbel mal-mandat eżistenti u l-kompiti ġenerali tagħha. Iżda dawn l-oqsma ta' azzjoni jeħtieġu profili speċifiċi jew kompiti ġodda li ma jistgħux jiġu assorbiti għalkollox bir-riżorsi eżistenti tal-Aġenzija jew jissolvew b'riallokazzjoni.

Għal ċerti kompiti orizzontali (eż. appoġġ amministrattiv, pariri legali, ġestjoni tal-kuntratti), l-Aġenzija tista' tħaddem riżorsi eżistenti li joħolqu ċerti effiċjenzi. Se jiġu stabbiliti wkoll sinerġiji ma' strutturi tekniċi interni eżistenti (eż. ambjent tal-

informazzjoni sigur għall-iskambju tal-informazzjoni klassifikata maċ-ċentri tal-monitoraġġ tas-sigurtà tal-Istati Membri).

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu tat-tħaddim mill-2030 sal-2031, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)⁽⁶⁾

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lil korpi stabbiliti fi Stat Membru, regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru jew mil-liġi tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tal-liġi pubblika jew minn korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta'

⁽⁶⁾ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Ir-Regolament se jiġi evalwat għal rieżami perijodiku, fi żmien 5 snin mid-dħul fis-seħħ, u mbagħad kull 5 snin. Barra minn hekk, għandu jkun hemm bosta azzjonijiet tal-monitoraġġ mill-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija waqt l-evalwazzjoni kontinwa tal-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri, fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-kontroll tal-applikazzjoni tal-miżuri, inkluż superviżjoni u analiżi tal-aspetti emerġenti relatati mal-applikazzjoni tar-rekwiżiti.

L-oġettivi speċifiċi u l-indikaturi korrispondenti se jiġu monitorjati fuq bażi annwali.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha twestaq b'mod speċifiku evalwazzjoni ta' terminu qasir biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tirrapporta dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti sostantivi ġodda fir-rigward tal-attivitajiet fl-ispazju madwar l-Unjoni filwaqt li jiżgura kompetizzjoni ġusta fost l-atturi tas-suq fis-suq intern. Dawn ir-regoli l-ġodda jeħtieġu mekkaniżmu ta' konsistenza għall-applikazzjoni transfruntiera tal-obbligi skont dan ir-Regolament, kif ukoll setgħat ta' superviżjoni diretta u infurzar għall-Kummissjoni Ewropea u kompiti tal-valutazzjoni teknika għall-Aġenzija.

Biex jiġu indirizzati dawn il-kompiti l-ġodda, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija jeħtieġ jingħataw ir-riżorsi xierqa⁽⁷⁾. L-infurzar u l-implimentazzjoni b'suċċess tar-Regolament il-ġdid huma stmati li jeħtieġu 3 FTEs fil-Kummissjoni Ewropea (għal kompiti u deċiżjonijiet superviżorji).

L-attivitajiet preparatorji previsti mill-fażi tal-bidu sal-aħħar tal-2027 huma stmati li jeħtieġu 2 FTEs li se jintalbu apparti r-riżorsi disponibbli fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali (2021-2027).

⁽⁷⁾ Hu stmat li l-Aġenzija se tkun teħtieġ 17-il FTE mill-2028 'il quddiem għall-ġestjoni tal-kompiti l-ġodda u FTE wieħed għall-ENISA wkoll mill-2028. Il-kompiti l-ġodda tal-Aġenzija jinkludu l-iżvilupp ta' Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni għall-attivitajiet fl-ispazju u l-ġestjoni tal-attivitajiet relatati mal-valutazzjonijiet tekniċi biex tappoġġa lill-Kummissjoni fl-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, tal-operaturi ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll fl-eżerċizzju f'dan il-kuntest ta' tali assistenza fis-setgħat investigattivi (spezzjonijiet, investigazzjonijiet). Il-kostijiet operazzjonali relatati mal-kompiti l-ġodda tal-Aġenzija se jiġu ffinanzjati b'sistema ta' tariffi tar-reġistrazzjoni, penali u multi imposti fuq l-operaturi spazjali (tal-UE daqstant ieħor dawk mhux tal-UE). Dik is-sistema mhix se tkopri l-kostijiet relatati mal-persunal tal-Aġenzija u l-kostijiet operazzjonali għat-tikketti.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-Regolament jifrex il-pedament tas-suq uniku għall-ispazju. Approċċi regolatorji nazzjonali multipli u differenti jistgħu jifframmentaw is-suq intern u b'hekk jagħmluha diffiċli għall-kumpaniji spazjali jinnavigaw u japplikaw oqfsa legali differenti.

Ir-Regolament jarmonizza diversi rekwiżiti ewlenin fl-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju (regoli tekniċi fl-oqfsa tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju) u jistabbilixxi struttura tal-governanza għal dak il-għan.

Dan l-approċċ għandu l-għan li joħloq iċ-ċertezza legali, ineħħi l-ostakli transfruntieri u jnaqqas il-piż u l-kostijiet amministrattivi li jinħolqu meta jkollok rekwiżiti nazzjonali multipli u differenti. Jissimplifika l-mod kif l-operaturi spazjali joperaw fl-Unjoni b'mod partikolari għall-partiċipanti kummerċjali ġodda. Biex ikun evitat ir-riskju ta' għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni u tkun żgurata applikazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju l-ġdid, il-Kummissjoni Ewropea se tiġi assenjata setgħat superviżorji u tal-infurzar ġodda filwaqt li l-Aġenzija qed tingħata setgħat biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tweqqif tal-attivitajiet tal-valutazzjonijiet tekniċi. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' piż amministrattiv fuq l-industrija, hu previst reġim ħafif għan-negozji ġodda, l-SMEs u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Barra minn hekk, biex l-industrija spazjali tingħata l-għajnuna waqt l-implimentazzjoni tar-Regolament, huma previsti miżuri ta' appoġġ apposta biex jagħmlu tajjeb għal parti mill-kostijiet possibbli tal-industrija, b'mod partikolari tan-negozji ġodda u l-SMEs, waqt l-implimentazzjoni tiegħu.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

n/a

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Il-miżuri eżistenti għall-prevenzjoni tal-frodi applikabbli għall-Kummissjoni Ewropea u għall-aġenziji tal-Unjoni se jkopru l-approprijazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għal dan ir-Regolament.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁽⁸⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁽⁹⁾	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ⁽¹⁰⁾	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁽⁸⁾ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁽⁹⁾ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁽¹⁰⁾ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali		Numru					
DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0.000
	Pagamenti	(2a)					0.000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0.000
	Pagamenti	(2b)					0.000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁽¹¹⁾							

⁽¹¹⁾ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Linja baġitarja		(3)					0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Impenji	=1a+1b+3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	(5)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=5+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0.000
	Pagamenti	(2a)					0.000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0.000

	Pagamenti	(2b)					0.000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁽¹²⁾							
Linja baġitarja		(3)					0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ<.....>	Impenji	=1a+1b +3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0.000
	Pagamenti	(2a)					0.000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0.000
	Pagamenti	(2b)					0.000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁽¹³⁾							
Linja baġitarja		(3)					0.000
TOTAL tal-	Impenji	=1a+1b +3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

⁽¹²⁾ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

⁽¹³⁾ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

approprjazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Pagamenti	=2a+2b+3	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	(5)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	=5+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
	Pagamenti	(5)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-	Impenji	=4+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

approprjazzjonijiet taħt l-Intestaturi 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Pagamenti	=5+6	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali		7			“Nefqa amministrattiva” ⁽¹⁴⁾		
DĠ: DEFIS			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
Riżorsi umani			0.000	0.000	0.000	0.376	0.376
Nefqa amministrattiva oħra			0.000	0.000	0.000	0.050	0.050
TOTAL DĠ DEFIS	Approprjazzjonijiet		0.000	0.000	0.000	0.426	0.426
DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
Riżorsi umani			0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Nefqa amministrattiva oħra			0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tad-DĠ <....>	Approprjazzjonijiet		0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali		(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.426

⁽¹⁴⁾ Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7⁽¹⁵⁾ tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.000	0.000	0.000	0.426	0.426
	Pagamenti	0.000	0.000	0.000	0.426	0.426

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimma ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indikaturi, objettivi u outputs ↓			Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsimha 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip (16)	Medja kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Total Nru	Total Kost
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁽¹⁷⁾ : [...]																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		

⁽¹⁵⁾ Wara l-2027, il-kost stmat tal-proposta qed jiġi propost li jiġi ffinanzjat mill-QFP sussegwenti mingħajr ma jiġi antiċipat il-ftehim dwar il-QFP u l-programmi tiegħu.

⁽¹⁶⁾ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁽¹⁷⁾ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																	
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																	
- Output																	
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																	
TOTALI																	

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.376	0.376
Nefqa amministrattiva oħra	0.000	0.000	0.000	0.050	0.050
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.426
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

3.2.3. Total tal-approprijazzjonijiet

TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.376	0.376
Nefqa amministrattiva oħra	0.000	0.000	0.000	0.050	0.050
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.426	0.426
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

TOTAL	0.000	0.000	0.000	0.426	0.426
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jkopruhom l-appropriazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs)⁽¹⁸⁾

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	2
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
Persunal estern (f'FTEs)				

⁽¹⁸⁾ Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)		0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0
TOTAL		0	0	0	2

3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani

TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	2
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0

01 01 01 11 (Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0
Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time)					
20 02 01 (AC, END mill-pakkett globali)		0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0
TOTAL		0	0	0	2

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali*		
		Għandu jiġi ffinanzjat mill-Intestatura 7 jew	Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja	Għandu jiġi ffinanzjat mit-

		Riċerka	BA	tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	2		N/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)				

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	Biex jitniedu l-attivitajiet inizjali ta' koordinazzjoni meħtieġa biex tkun żgurata t-tnejn ta' għadd ta' laqgħat, abbozzi ta' rapporti u ħidma ta' politika għat-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-istrutturi, il-proċessi u l-proċeduri interni kollha meħtieġa biex jitwettqu r-responsabbiltajiet il-ġodda f'dati f'idejn l-Aġenzija bl-Att dwar l-Ispazju. L-attivitajiet inizjali jistgħu jinkludu wkoll il-ħidma preparatorja meħtieġa għat-tneġġja tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' xi soluzzjonijiet diġitali u għodod relatati previsti mill-Att dwar l-Ispazju.
Persunal estern	

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt smat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-appropriazzjonijiet taħt l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-appropriazzjonijiet taħt l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala “Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali”. Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li jrid jintuża għal użu mill-ġdid/xiri/żvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (eż. liċenzji, studji, ħżin tad-data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsim 4 “Dimensjonijiet diġitali”.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	QFP TOTALI 2021-2027
INTESTATURA 7					

Nefqa tal-IT (korporattiva)	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
TOTAL	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000

3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament b'ridistribuzzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).
- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.
- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq dħul ieħor
- ☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁽¹⁹⁾			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027

⁽¹⁹⁾ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% għall-kostijiet tal-ġbir.

Artikolu					
----------------	--	--	--	--	--

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

4. DIMENSIJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Il-proposta leġiżlattiva tipprevedi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għadd ta' soluzzjonijiet diġitali u għodod relatati biex tappoġġa lill-Istati Membri u tassisti lill-industrija spazjali bl-implimentazzjoni fil-ħin tal-Att. L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali hu maħsub biex jiffaċilita diversi attivitajiet, bħall-ipproċessar tad-data (il-ġbir, il-ġestjoni, il-ħżin), l-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' traċċar, ir-rapportar u t-twetliq tal-analiżi, u biex jiffaċilita l-interazzjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti:

Deskrizzjoni tar-rekwiżit	Kategoriji tal-partijiet ikkonċernati affettwati	Proċess(i) affettwati
Ir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO) hu reġistru diġitali li se jintuża għall-ġbir, l-ipproċessar u l-iskambju ta' data relatata mal-operaturi spazjali rreġistrati u awtorizzati biex joperaw u jipprovdu servizzi bbażati fl-ispazju fl-Unjoni.	L-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, fornituri ta' servizzi spazjali minn barra l-UE	L-istabbiliment u l-ġestjoni ta' reġistru diġitali
Il-bażi tad-data tal-lista tal-kuntatti tal-Unjoni għal twissijiet ta' avvenimenti ta' interess għoli hi soluzzjoni diġitali li se tintuża għall-ġbir, l-ipproċessar u l-iskambju tad-data relatata mad-dettalji tal-kuntatt tal-persunal rilevanti inkarigat mill-attivitajiet tal-evitar tal-kollizzjonijiet u l-attivitajiet tad-dħul mill-ġdid irrappurtati mill-operaturi tal-inġenji spazjali li joperaw fl-Unjoni.	L-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-UE u mhux tal-UE	L-istabbiliment u l-ġestjoni ta' bażi tad-data diġitali
Il-Portal tal-Infurmazzjoni Uniku ta' Servizz hu pjattaforma diġitali li se tintuża għall-ġbir, l-ipproċessar u l-iskambju tad-data biex tipprovdi ċertu bosta servizzi għall-ġestjoni tal-proċess tal-liċenzjar għat-twetliq tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell nazzjonali.	Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, l-Istati Membri, il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-UE	L-istabbiliment u l-ġestjoni ta' pjattaforma diġitali
Iċ-ċertifikat elettroniku tat-traċċabbiltà se jinħareġ għall-fornituri tas-servizzi spazjali biex jiċċertifika l-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti tar-Regolament għall-fini tal-użu tagħhom fl-Unjoni.	L-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, il-fornituri tas-servizzi spazjali	L-istabbiliment u l-ġestjoni tas-soluzzjoni diġitali
Il-Bażi tad-Data dwar l-Impronta Ambjentali hi bażi tad-data pubblika diġitali li se tintuża għall-attivitajiet tal-ġbir u l-ipproċessar. Se tipprovdi wkoll id-data meħtieġa għall-pubbliku biex tiġi kkalkolata l-impronta ambjentali.	Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, l-Istati Membri, il-fornituri tas-servizzi spazjali tal-UE	L-istabbiliment u l-ġestjoni tal-bażi tad-data diġitali

4.2. Data

(1) Ir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO): L-URSO se jiġbor u jipproċessa infurmazzjoni dwar il-fornituri tas-servizzi spazjali awtorizzati jew irreġistrati biex joperaw u jipprovdu servizzi bbażati fl-ispazju fl-UE. Il-ġestjoni tad-data se tkun allinjata mal-Istrateġija Ewropea tad-Data, filwaqt li tenfasizza l-kondiviżjoni sigura, l-użu mill-ġdid, u d-duplikazzjoni minima permezz tal-prinċipju ta' darba biss. L-Aġenzija se tistabbilixxi u tmexxi l-URSO b'mod li jiżgura t-trasparenza u infurzar konsistenti fl-Istati Membri.

(2) Il-Bażi tad-Data tal-Lista tal-Kuntatti tal-Unjoni għal Twissijiet ta' Avvenimenti ta' Interess Għoli: din il-bażi tad-data se żżomm id-dettalji tal-kuntatt tal-persunal

responsabbli għall-attivitajiet tal-evitar tal-kolliżjonijiet u l-attivitajiet tad-dħul mill-ġdid. Din se titfassal biex tikkonforma ma' formati standard tad-data u tiżgura l-protezzjoni tad-data. F'konformità mal-prinċipju ta' darba biss, din se jkollha l-għan li terġa' tuża l-informazzjoni tal-kuntatt eżistenti vverifikata biex timminimizza l-entrati żejda. Meta jinbidlu r-responsabbiltajiet operattivi, il-fornituri tas-servizzi spazjali għandhom jipprovdu rekords aġġornati lill-Aġenzija biex ikunu jistgħu jsiru twissijiet u koordinazzjoni tar-rispons fil-ħin.

(3) Il-Portal tal-Informazzjoni Uniku ta' Servizz: dan il-portal se jissimplifika l-proċess tal-awtorizzazzjoni għall-attivitajiet fl-ispazju. Se jissejjes fuq standards komuni tad-data ħalli jintegra bla skossi fis-sistemi eżistenti. Il-prinċipju ta' darba biss inaqas it-talbiet duplikattivi għall-informazzjoni, filwaqt li l-iskambji perijodiċi tad-data, mibdija wara applikazzjonijiet għal liċenzji jew aġġornamenti, se jiżguraw li l-awtoritajiet, l-Aġenzija u l-operaturi jkunu jistgħu jseguw b'mod effettiv il-progress tal-liċenzjar.

(4) Iċ-Ċertifikat Elettroniku: iċ-ċertifikat elettroniku se jiċċertifika l-konformità tal-fornitur tas-servizz spazjali mar-Regolament, li jkun fih l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. F'konformità mal-Istrateġija Ewropea tad-Data, l-Aġenzija se jkollha l-għan li tuża d-data eżistenti dwar ir-reġistru u l-liċenzjar biex tevita d-duplikazzjoni. Iċ-ċertifikat se jinħareġ meta operatur ikun jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament.

(5) Il-Bażi tad-Data dwar l-Impronta Ambjentali: il-Bażi tad-Data dwar l-Impronta Ambjentali se tipprovdi data tal-inventarju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' kwalità għolja allinjata mal-istandards tal-UE, u tappoġġa studji relatati mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott u tal-Organizzazzjoni għal studji relatati mal-Ispazju. Din issewwi l-Istrateġija Ewropea tad-Data billi tippromwovi l-użu mill-ġdid tad-data, l-interoperabbiltà u t-trasparenza, filwaqt li tiżgura l-konformità mal-għanijiet tas-sostenibbiltà. Il-bażi tad-data timxi mal-prinċipju ta' darba biss, filwaqt li timminimizza r-ridondanza billi tintegra s-settijiet tad-data eżistenti. Id-data jipprovduha partijiet ikkonċernati tal-industrija, istituzzjonijiet tar-riċerka u awtoritajiet, b'aċċess pubbliku, inkluż aċċess mogħti lin-negozji u lil daww li jfasslu l-politika għal rapportar regolatorju u valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà. L-iskambji jiskattawhom l-obbligi tal-konformità u l-valutazzjonijiet volontarji tal-impatt ambjentali, li jsiru minn żmien għal żmien jew skont il-bżonn.

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Is-soluzzjonijiet diġitali previsti fil-kuntest tar-Regolament huma dawn li ġejjin:

- ir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO), pjattaforma diġitali mwaqqfa u mmexxija mill-Aġenzija li tinkludi l-lista tal-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati u awtorizzati biex joperaw u jipprovdu servizzi bbażati fl-ispazju fl-Unjoni;

- Il-Bażi tad-Data tal-Lista tal-Kuntatti tal-Unjoni għal Twissijiet ta' Avvenimenti ta' Interess Għoli, reġistru diġitali stabbilit u mmexxi mill-Aġenzija, li jinkludi d-dettalji tal-kuntatt tal-persunal rilevanti inkarigat mill-attivitajiet tal-evitar tal-kolliżjonijiet u l-attivitajiet tad-dħul mill-ġdid irrappurtati mill-operaturi tal-inġenji spazjali;

- Il-Portal tal-Informazzjoni Uniku ta' Servizz, pjattaforma diġitali mwaqqfa u ġestita mill-Kummissjoni Ewropea bl-appoġġ tal-Aġenzija li tipprovdi bosta servizzi għall-ġestjoni tal-proċess tal-liċenzjar għat-tweqqif tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell nazzjonali (approċċ ta' punt uniku ta' servizz), li tiżgura simplifikazzjoni amministrattiva u proċeduri tal-konformità simplifikati, b'mod partikolari għan-

negozji l-ġodda, in-negozji li qed jespandu, l-SMEs u l-kumpanija żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, u l-interoperabbiltà bejn il-livell nazzjonali u tal-UE;

- L-ċertifikat elettroniku tat-traċċabbiltà, ċertifikat diġitali maħruġ mill-Aġenzija lill-fornituri tas-servizzi spazjali biex jattesta l-konformità tal-oġġetti spazjali marrekwiżiti stabbiliti fir-Regolament għall-iskop tal-użu tagħhom fl-Unjoni;

- Il-Kalkulatur PEFCR4Space, għodda li tikkalkula l-impronta ambjentali tal-attivitajiet relatati mal-ispazju billi timxi mal-linji gwida u l-istandards tar-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali għas-settur spazjali;

- Il-Helpdesk tal-PEFCR4Space, servizz li jagħti appoġġ u gwida lill-utenti għall-implimentazzjoni tar-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott iddisinjati speċifikament għall-industrija spazjali, filwaqt li jgħinhom jinnavigaw l-isfidi jew jwieġeb il-mistoqsija li jaf ikollhom;

- Il-Bażi tad-Data pubblika dwar l-Impronta Ambjentali tiġbor id-data meħtieġa tal-inventarju taċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġu vvalutati l-impronti ambjentali fis-settur spazjali.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

- Ir-Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO): L-URSO se jappoġġa l-interoperabbiltà transfruntiera billi japplika oqfsa regolatorji u standards tekniċi komuni, ħalli l-Aġenzija tkun tista' tirreġistra data dwar il-liċenzjar u l-monitoraġġ. Dan jaf juża soluzzjonijiet ta' Ewropa Interoperabbli, fosthom identifikaturi tad-data standardizzati;

- Il-Bażi tad-Data tal-Lista tal-Kuntatti tal-Unjoni għal Twissijiet ta' Avvenimenti ta' Interess Għoli: Il-bażi tad-data se tiżgura komunikazzjoni transfruntiera immedjata f'każ ta' avvenimenti ta' kolliżjoni jew ta' dħul mill-ġdid, permezz ta' formati armonizzati tad-data għad-dettalji tal-kuntatt u għall-protokolli ta' twissija. Dan l-arranġament se jissimplifika l-koordinazzjoni ta' emerġenza fost il-partijiet ikkonċernati tal-UE u mhux tal-UE, filwaqt li metadata u soluzzjonijiet tal-awtentikazzjoni ta' Ewropa Interoperabbli se jgħinu fl-istandardizzazzjoni tar-rekords;

- Il-Portal tal-Infurmazzjoni Uniku ta' Servizz: Il-Portal hu maħsub biex jiġi ddisinjat għal interazzjoni bla skossi bejn diversi sistemi tal-UE u nazzjonali, u biex jixpruna l-interoperabbiltà permezz ta' formati standardizzati għall-iskambju tad-data, protokolli u interfaċċa diġitali unifikata li jnaqqsu l-piż amministrattiv;

- L-Ċertifikat Elettroniku: Se jkun jiddependi fuq firem diġitali interoperabbli u entrati tad-data tal-konformità standardizzati.

- Il-Bażi tad-Data dwar l-Impronta Ambjentali (EF): Il-Bażi tad-Data tal-Unjoni dwar l-Impronta Ambjentali (il-Bażi tad-Data tal-EF) tappoġġa s-servizzi pubbliċi diġitali transfruntieri billi tippermetti skambju standardizzat tad-data dwar l-impatt ambjentali fost l-entitajiet u l-korpi pubbliċi tal-UE. Din ittejjeb l-interoperabbiltà transfruntiera b'allinjament legali, semantiku u tekniku, billi tuża soluzzjonijiet ta' Ewropa Interoperabbli fosthom standards tal-metadata u skambju tad-data bbażat fuq API. Fost l-ostakli ewlenin hemm differenzi regolatorji, inkonsistenzi fil-formati tad-data, u sfidi għall-integrazzjoni teknika. Din il-valutazzjoni tikkonforma mar-Regolament (UE) 2024/903 (l-Att dwar Ewropa Interoperabbli) u tappoġġa l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u tal-Ekonomija Ċirkolari tal-UE.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Il-proposta leġiżlattiva tipprevedi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' diversi soluzzjonijiet diġitali u għodod relatati biex tappoġġa lill-Istati Membri u tgħin lill-industrija spazjali bl-implimentazzjoni fil-ħin tal-proposta.

Is-soluzzjonijiet diġitali se jintużaw għall-għbir, l-ipproċessar u l-iskambju ta' data relatata mad-diversi oqsma koperti mill-proposta (is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali) kif ukoll rigward il-proċess tal-awtorizzazzjoni fil-livell nazzjonali għat-twetliq tal-attivitajiet fl-ispazju u r-reġistrazzjoni tal-operaturi minn pajjiżi terzi fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija se jaqdu rwol dirett u attiv fl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' dawn is-soluzzjonijiet diġitali.